



Brussell, 10 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10910/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0232(COD)

ENV 609
CLIMA 237
AGRI 478
FORETS 168
RECH 273
TRANS 298
CODEC 1478

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 10236/24	
Nru dok. Cion:	11566/23 + ADD 1 - COM(2023) 416 final + Annexes
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija) - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni bagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill il-proposta għal Direttiva dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija). Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fis-27 ta' Lulju (vidjokonferenza) u fis-6 ta' Ottubru 2023.

2. Il-proposta għandha l-għan li tpoġġi lill-UE fit-triq lejn ħamrija f'saħħitha sal-2050. Din tagħmel il-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija obbligatorju, tagħti bidu għall-implimentazzjoni gradwali tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u tindirizza sitwazzjonijiet ta' riskji inaċċettabbli għas-saħħa u għall-ambjent minħabba l-kontaminazzjoni tal-ħamrija. Hija parti minn pakkett leġiżlattiv akbar imsejjaħ "Niżguraw użu reżiljenti u sostenibbli tar-riżorsi naturali tal-UE". Il-proposta hija konformi mal-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030, komponent importanti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 biex jiġu indirizzati l-kriżijiet klimatiċi u tal-bijodiversità.
3. Fil-Parlament Ewropew, il-fajl ġie riferut lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI), li ħatar lil Martin Hojsik (Renew, Slovakkja) bħala r-rapporteur. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-10 ta' April 2024.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Ottubru 2023. L-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni hija skedata għall-adozzjoni fid-19 ta' Ġunju 2024.
5. Il-proposta ġiet diskussa fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd fit-18 ta' Settembru 2023 u sar skambju ta' fehmiet fil-Kunsill Ambjent fit-18 ta' Diċembru 2023. Fil-livell tal-grupp ta' ħidma, il-proposta ġiet diskussa matul il-Presidenza Spanjola u dik Belġjana u sar progress tajjeb.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina l-proposta tal-Presidenza għal Approċċ Ġenerali fid-29 ta' Mejju 2024. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet appoġġaw l-approċċ tal-Presidenza, filwaqt li xi wħud esprimew tħassib dwar kwistjonijiet speċifiċi, inkluż il-kunfidenzjalità tad-data fil-kuntest tad-divulgazzjoni ta' data tal-kampjunar, l-iskadenza għall-ewwel kejl tal-ħamrija, xi rekwiżiti tekniċi għall-kampjunar fuq il-post f'żoni b'livell għoli ta' kontenut ta' blat u l-impatt tad-direttiva fuq proġetti ta' enerġija rinnovabbli u fuq l-estrazzjoni.

7. Konsegwentement, il-Presidenza introduċiet ftit aġġustamenti fit-test ta' kompromess għal Approċċ Ġenerali iżda ma inkludietx suġġerimenti li jbiddu l-bilanċ delikat miksub matul in-negożjati. B'mod partikolari, il-bidliet saru fl-Artikolu 8(2a) (Kejl u metodoloġiji), l-Artikolu 19(4a) (Informazzjoni lill-pubbliku) u l-Anness II, il-punt 2 (Stħarriġ kampjunarju fuq il-post).

II. ELEMENTI EWLENIN TAT-TEST TA' KOMPROMESS TAL-PRESIDENZA

8. It-test ta' kompromess tal-Presidenza jemenda l-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward ta' diversi aspetti. Għandu l-għan li jindirizza t-tħassib tad-delegazzjonijiet, filwaqt li jżomm il-bilanċ it-tajjeb bejn il-flessibbiltajiet meħtieġa u l-ħtieġa li jiġu ppreservati l-oġettivi u l-integrità tad-Direttiva proposta. L-elementi ewlenin tal-kompromess jinsabu hawn taħt:

- a) *Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija (l-Artikoli 4-9 u d-definizzjonijiet relatati, l-annessi u l-premessi) u l-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija (l-Artikolu 10 u l-Anness III)*

Il-Presidenza introduċiet diversi kunċetti u kjarifiki ġodda għall-proposta tal-Kummissjoni biex jinkiseb bilanċ bejn ir-rikonoxximent tad-data eżistenti u s-sistemi ta' monitoraġġ u l-ilħuq ta' ċertu livell ta' armonizzazzjoni.

Il-qafas ta' monitoraġġ (Artikolu 6)

It-test tal-Presidenza jiċċara l-istruttura amministrattiva rilevanti għall-qafas ta' monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija. Il-kunċett ta' "unità tal-ħamrija" huwa introdott fi ħdan id-"distrett tal-ħamrija", b'karatteristiċi tal-ħamrija pjuttost omoġenji, abbażi ta' parametri minimi definiti għall-UE, inkluż it-tipi ta' ħamrija u l-użu tal-art, iżda jħalli biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri biex jużaw data ekwivalenti aktar dettaljata, jekk disponibbli, u jqisu parametri addizzjonali bħall-klima, iż-żoni ambjentali jew il-baċini tax-xmajjar. Il-kunċetti ta' "distrett tal-ħamrija" u ta' "awtoritajiet kompetenti" huma ċċarati biex jipprovdu struttura ta' governanza meħtieġa biex jiġi żgurat li l-obbligi tad-Direttiva jiġu ssodisfati.

It-test tal-Presidenza joffri flessibbiltà fir-rigward tal-livell li fih għandu jiġi stabbilit il-qafas ta' monitoraġġ u jispeċifika li s-saħħa tal-ħamrija għandha tiġi mmonitorjata fil-livell tal-unità tal-ħamrija u l-issiġillar u l-qerda tal-ħamrija fil-livell distrettwali. Il-qafas ta' monitoraġġ jista' jiġi adattat mill-Istati Membri għar-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom.

Kejl u metodoloġiji (Artikolu 8)

It-test tal-Presidenza jipprovdi kjarifiki u flessibbiltajiet addizzjonali fir-rigward tal-metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-punti ta' kampjunar u għall-istħarriġ kampjunarju. Kull meta kien possibbli, id-deskrizzjoni tal-ħamrija u l-metodoloġiji assoċjati riformulati wkoll sabiex jirriflettu aħjar il-prattiki eżistenti u jallinjaw ma' rekwiżiti eżistenti oħra. Barra minn hekk, it-test tal-Presidenza jiċċara wkoll l-organizzazzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tal-punti ta' kampjunar u, fejn rilevanti, tal-kampjunar mill-Kummissjoni. Flessibbiltajiet addizzjonali rigward il-kejl tal-ħamrija jinkludu l-possibbiltà li jintużaw data u networks ta' monitoraġġ eżistenti, li terġa' tintuża data ekwivalenti u/jew li ssir deroga minn ċiklu ta' monitoraġġ għad-deskrizzjoni tal-ħamrija li jevolvu fuq perjodu ta' żmien itwal. Biex jiġu żgurati r-rappreżentattività u l-komparabbiltà tal-kejl tal-ħamrija l-Presidenza tipproponi wkoll li jiġu inklużi rekwiżiti minimi għall-kontroll tal-kwalità tal-laboratorji li janalizzaw il-kampjuni tal-ħamrija.

Il-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija (Artikoli 7 u 9)

Biex tindirizza t-talbiet tal-Istati Membri għal aktar flessibbiltà u l-ħtieġa ta' adattament għaċ-ċirkostanzi lokali, il-Presidenza tipproponi li l-prinċipju "one out all out" jiġi sostitwit b'sistema ta' valur doppju: (i) valuri fil-mira sostenibbli mhux vinkolanti biex jirriflettu l-oġettivi fit-tul tal-proposta u (ii) valuri skattaturi operazzjonali, stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri għal kull deskrittur tal-ħamrija, biex jippermettu l-prijoritizzazzjoni u l-implimentazzjoni gradwali ta' miżuri li jwasslu għal kundizzjoni f'saħħitha tal-ħamrija. Ġew inklużi flessibbiltajiet addizzjonali, pereżempju billi d-deċiżjoni li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet biex il-ħamrija titqies f'saħħitha tħalliet f'idejn l-Istati Membri, filwaqt li ġiet ipprovduta l-possibbiltà li l-valuri fil-mira jiġu adattati għat-tip ta' ħamrija, għall-kundizzjonijiet tal-ħamrija lokali u għall-kundizzjonijiet klimatiċi u li tiġi eskluża ċerta ħamrija b'karatteristiċi naturali speċifiċi milli tissodisfa l-kriterju rilevanti.

Biex jiġi indirizzat it-tħassib ta' diversi delegazzjonijiet, il-Presidenza tipproponi li d-deskrittur dwar l-erożjoni tal-ħamrija jitmexxa mill-Anness I, Parti A (deskritturi tal-ħamrija bi kriterji għal kundizzjoni f'saħħitha tal-ħamrija stabbiliti fil-livell tal-UE) għall-Anness I, Parti B (deskritturi tal-ħamrija bi kriterji għal kundizzjoni f'saħħitha tal-ħamrija stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri), li jagħti lill-Istati Membri flessibilità biex jiddefinixxu l-valur sostenibbli massimu għal dan id-deskrittur.

It-test tal-Presidenza ma għadux jinkludi wkoll id-dispożizzjoni dwar ċertifikazzjoni volontarja tas-saħħa tal-ħamrija peress li ma kisbet l-ebda appoġġ mid-delegazzjonijiet.

Ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija (Artikolu 10)

It-test tal-Presidenza jiċċara n-natura gwida tal-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija elenkati fl-Anness III li jippermettu lill-Istati Membri jiddefinixxu l-lista tagħhom stess ta' Prattiki pożittivi u negattivi filwaqt li jqisu l-programmi, il-pjanijiet, il-miri u l-miżuri eżistenti elenkati fl-Anness IV.

b) It-teħid tal-art/l-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija (Artikoli 6, 7, 8, 9, 11 u d-definizzjonijiet, l-annessi u l-premessi relatati)

Biex tindirizza dan is-suġġett kumpless il-Presidenza tipproponi approċċ fi stadji billi tindirizza bħala l-ewwel pass l-aktar aspekt viżibbli, li jħalli impatt u faċli biex jiġi mmonitorjat li huwa t-teħid tal-art, b'enfasi fuq l-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija, filwaqt li jinżamm objettiv aspirazzjonali fit-tul għat-teħid tal-art fl-Istrateġija dwar il-Ħamrija għall-2030 biex jikkontribwixxi għall-Ebda Teħid tal-Art Nett sal-2050. Il-qafas propost huwa bbażat fuq tliet aspetti ewlenin: (i) il-monitoraġġ tal-indikaturi tal-issiġillar tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija permezz ta' telerilevament fil-livell distrettwali, bil-prodotti ta' Copernicus bħala bażi komuni minima, issupplimentati minn inventarji nazzjonali fejn rilevanti (l-Artikolu 6(5), l-Anness II, il-Parti C); (ii) input għall-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija permezz tal-identifikazzjoni tal-impatt fuq it-telf tas-servizzi tal-ekosistema u tal-kontribut potenzjali għat-tiġib tas-saħħa tal-ħamrija permezz tat-tneħħija tal-issiġillar u r-rinaturazzjoni (l-Artikolu 9(4)); (iii) prinċipji ta' mitigazzjoni bbażati fuq l-isforz biex jittaffa u jiġi kkompensat l-impatt tal-issiġillar u l-qerda tal-ħamrija fuq il-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi tal-ekosistema (l-Artikolu 11, il-premessi 30d, 30e).

Peress li ħafna delegazzjonijiet talbu aktar irfinar tal-Artikolu 11 u tal-premessi relatati 30d u 30e, il-Presidenza tipproponi compromess li jinkludi referenza għal "prinċipji ta' mitigazzjoni tat-teħid tal-art" fl-intestatura tal-Artikolu 11 u tiċċara li din id-dispożizzjoni hija bbażata fuq l-isforz u tapplika biss għal każijiet ġodda ta' ssiġillar tal-ħamrija u ta' qerda tal-ħamrija, bħala parti mit-teħid tal-art, u mhux għal ħamrija diġà ssiġillata jew meqruda. Huwa ċċarat ukoll li dawn il-prinċipji ma jidhrux preċedenza fuq id-deċiżjonijiet tal-Istati Membri dwar l-ippjanar spazjali, iżda pjuttost jimmiraw li jistabbilixxu prattiki tajbin biex itaffu l-impatt ta' tali deċiżjonijiet, li għandhom jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri fl-ippjanar tal-użu tal-art tagħhom. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' mitigazzjoni mhijiex koperta mill-obbligu ta' rapportar. Hija pprovduta kjarifika ulterjuri fil-premessa 30d fir-rigward tal-kwalifika tal-ħamrija b'kostruzzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli.

c) *Ġestjoni ta' siti kkontaminati (Artikoli 12-16 u d-definizzjonijiet, l-annessi u l-premessi relatati)*

Dwar din il-kwistjoni wkoll il-Presidenza introduċiet flessibbiltajiet addizzjonali. Huwa propost approċċ ibbażat fuq ir-riskju u gradwali biex jiġu identifikati u investigati siti potenzjalment ikkontaminati u biex jiġu vvalutati u ġestiti r-riskji ta' siti kkontaminati, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprijoritizzaw il-miżuri, filwaqt li jitqiesu r-riskji potenzjali, il-kuntest soċjoekonomiku u l-użu attwali u ppjanat tal-art. Sabiex jgħinu fl-identifikazzjoni tas-siti potenzjalment ikkontaminati u jipprijoritizzaw il-miżuri, l-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu lista ta' attivitajiet potenzjalment kontaminanti. Żdiedu wkoll definizzjoni ta' sit potenzjalment ikkontaminat u kjarifika li l-kontaminazzjoni tista' sseħħ ukoll f'livell aktar profond mill-ħamrija, jiġifieri fis-sodda ta' blat jew fil-materjal prinċipali. L-involvement pubbliku huwa rfinat u limitat għall-ewwel fażijiet tal-proċess, jiġifieri l-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju u gradwali, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati.

It-test jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jistabbilixxu ġerarkija ta' responsabbiltà li tiddefinixxi l-partijiet responsabbli għall-investigazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u l-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni ta' siti kkontaminati li għalihom huwa diffiċli li jiġi identifikat min iniġġes. Deċizzjoni dwar jekk għandhomx jiġu applikati approċċi differenti għal siti storikament ikkontaminati u għal dawk li jkunu għadhom kif ġew ikkontaminati titħalla f'idejn l-Istati Membri. It-test tal-Presidenza jiċċara wkoll li l-fondi tal-UE jistgħu jintużaw f'każ li l-ebda parti responsabbli ma tkun tista' tiġi identifikata jew tinżamm responsabbli. Jispeċifika wkoll li l-miżuri preċedenti u l-iskemi ta' ġestjoni eżistenti relatati ma' siti kkontaminati (investigazzjonijiet, valutazzjonijiet tar-riskju, miżuri tat-tnaqqis tar-riskji u reġistri) għandhom jiġu rikonoxxuti jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija.

Barra minn hekk, il-Presidenza tipproponi approċċ aktar flessibbli dwar il-valutazzjoni u l-ġestjoni speċifiċi għas-sit ta' siti kkontaminati. B'mod partikolari, il-fażijiet u l-prinċipji għall-metodoloġija għall-valutazzjoni speċifika għas-sit isiru volontarji u huwa ċċarat li l-valutazzjoni speċifika għas-sit għandha tkun proporzjonata għall-kumplessità tas-sit u tista' ma tkunx meħtieġa jekk il-konklużjoni dwar jekk il-kontaminazzjoni tal-ħamrija tkunx ta' riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent jew jekk ikunx meħtieġ rimedju tista' tintlaħaq abbażi tal-investigazzjoni inizjali. It-test iżomm l-approċċ tal-Kummissjoni dwar il-miżuri tat-tnaqqis tar-riskji, jiġifieri l-obbligu tal-Istati Membri li jiddefinixxu x'jikkostitwixxi riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent minn sit ikkontaminat u li jiżguraw li jiġu implimentati miżuri xierqa, li l-eżempji tagħhom huma pprovduti fl-Anness V, biex ir-riskji jinġiebu għal livell aċċettabbli fi żmien xieraq.

d) *Rapportar u informazzjoni lill-pubbliku (Artikoli 6, 18, 16 u 19 u l-annessi u l-premessi relatati)*

Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib tad-delegazzjonijiet relatat mal-kunfidenzjalità u l-protezzjoni ta' data sensittiva, it-test tal-Presidenza jispeċifika li l-informazzjoni lill-pubbliku dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet tal-ħamrija għandha tiġi divulgata fil-forma ta' data aggregata. Żdiedet ukoll referenza għar-Regolament dwar l-istatistika Ewropea, kif ukoll għall-protezzjoni tas-sjieda tad-data (l-Artikoli 18(2), 19(4a) u l-premessa 36) biex tiġi ċċarata aktar il-kwistjoni tal-kunfidenzjalità tad-data. Huwa ċċarat ukoll li għandu jiġi żgurat mhux aċċess permanenti iżda trażmissjoni u skambju effettivi tal-informazzjoni u tad-data tar-rapportar bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u l-EEA. Barra minn hekk, id-divulgazzjoni ta' ċerta data u informazzjoni u rapportar hija soġġetta għal deroga għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew difiża nazzjonali (l-Artikoli 6(7a), 16a, 18(2a), il-premessa 25a).

e) *Kwistjonijiet oħra:*

- Definizzjonijiet (Artikolu 3): Tħassru għadd ta' definizzjonijiet ta' termini mhux użati fit-test rivedut (art seminaturali, art artifiċjali, data ġeografikament espliċita), u żdiedu definizzjonijiet ta' termini ġodda (unità tal-ħamrija, sit potenzjalment ikkontaminat, miżuri tat-tnaqqis tar-riskji, definizzjonijiet relatati mal-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija, żona ta' insedjament, ħamrija organika u minerali). Ġew introdotti wkoll kjarifiki u aġġustamenti f'konformità mal-bidliet li saru f'partijiet oħra tat-test;
- Finanzjament tal-Unjoni (Artikolu 17, premessa 11): Il-Presidenza tipproponi bħala kompromess referenza newtrali għall-programmi finanzjarji tal-Unjoni f'konformità mar-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli tagħhom;
- Aċċess għall-ġustizzja (Artikolu 22, premessi 49 u 49a): It-test ġie allinjat ma' dispożizzjonijiet simili fil-leġiżlazzjoni diġà maqbula bejn il-koleġiżlaturi;
- Penali (Artikolu 23): Fuq talba ta' ħafna delegazzjonijiet id-dispożizzjoni tħassret;
- Appoġġ mill-Kummissjoni (Artikolu 23a, premessi 52a u 52b) u skedi ta' żmien: Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tad-direttiva, it-test tal-Presidenza jipprevedi l-appoġġ u l-assistenza tal-Kummissjoni fil-forma ta' dokumenti mhux vinkolanti u għodod xjentifiċi kif ukoll skambju ta' informazzjoni, esperjenza u l-aħjar prattiki dwar għadd ta' kwistjonijiet koperti mid-Direttiva. L-iskadenzi għall-kejl tal-ħamrija u l-valutazzjonijiet tas-saħħa tal-ħamrija, għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tas-siti potenzjalment ikkontaminati eżistenti huma wkoll estenzi bi ftit.

III. KONKLUŻJONI

9. It-test ta' kompromess tal-Presidenza jistabbilixxi bilanċ delikat li kien appoġġat mill-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet. It-test jinsab fl-Anness ta' din in-Nota. Il-bidliet fil-proposta tal-Kummissjoni huma mmarkati b'**tipa grassa** u t-test imħassar bi [...]. Il-bidliet l-aktar reċenti, wara l-laqqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fid-29 ta' Mejju, huma mmarkati b'**tipa grassa sottolinjata** u t-tħassir bi [...].
10. Il-Kunsill huwa mistieden jaqbel dwar Approċċ Ġenerali, kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota. L-Approċċ ġenerali ser jikkostitwixxi l-mandat tal-Kunsill għan-negozjati futuri mal-Parlament Ewropew fil-kuntest tal-Proċedura Leġiżlattiva Ordinarka.

Proposta għal

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-ħamrija hija **riżorsa** vitali, limitata, **u meqjusa bħala** mhux rinnovabbli u mhux sostitwibbli **fuq skala ta' żmien tal-bniedem** [...] li hija kruċjali għall-ekonomija, għall-ambjent u għas-soċjetà.
- (2) Il-ħamrija f'saħħitha hija f'kundizzjoni kimika, bijoloġika u fiżika tajba sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi tal-ekosistema li huma vitali għall-bnedmin u għall-ambjent, bħal ikel sikur, nutrittiv u suffiċjenti, bijomassa, ilma nadif, ċiklaġġ tan-nutrijenti, ħżin tal-karbonju u habitat għall-bijodiversità. Madankollu, bejn 60 u 70 % tal-ħamrija fl-Unjoni hija [...] **degradata** u qed tkompli tiddeterjora.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

- (2b) Il-ħamrija tipprovdi wkoll servizzi bħal li taġixxi bħala pjattaforma fiżika għall-infrastrutturi u l-attivitajiet tal-bniedem, bħala sors ta' materja prima, jew li tikkostitwixxi arkivju ta' wirt ġeoloġiku, ġeomorfoloġiku u arkeoloġiku. Filwaqt li dawn is-servizzi spiss jitqiesu bħala servizzi tal-ekosistema tal-ħamrija, mhux kollha kemm huma jeħtieġu li tiġi pprovduta ekosistema funzjonali u ta' spiss – speċjalment fil-każ tal-pjattaforma għall-infrastruttura u s-sors tal-materja prima – huma inkompatibbli mas-servizzi l-oħra tal-ekosistema tal-ħamrija peress li dawn jinvolve b'mod inerenti degradazzjoni tal-ħamrija. Dawn spiss ikunu wkoll l-aktar użi prevalenti ta' ħamrija, li jikkawżaw telf sinifikanti tas-servizzi vitali tal-ekosistema msemmija hawn fuq, u jikkontribwixxu għad-degradazzjoni tal-ħamrija. Bħala tali, huwa importanti li jinstab bilanċ bejn dawn iż-żewġ tipi ta' servizzi tal-ekosistema tal-ħamrija.
- (2c) Id-degradazzjoni tal-ħamrija taffettwa s-servizzi tal-ekosistema pprovduti mill-ħamrija, b'impatti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u tista' tkopri aspetti differenti relatati mad-degradazzjoni fiżika bħall-issiġillar tal-ħamrija u l-artifiċjalizzazzjoni tal-ħamrija b'mod ġenerali, l-erożjoni tal-ħamrija, il-kompattazzjoni tal-ħamrija u t-tnaqqis taż-żamma u l-infiltrazzjoni tal-ilma tal-ħamrija, mad-degradazzjoni kimika jew bijoloġika bħall-eċċess u t-tnaqqis tan-nutrijenti, l-aċidifikazzjoni, is-salinazzjoni u l-kontaminazzjoni tal-ħamrija, it-telf tal-karbonju organiku tal-ħamrija, il-bijodiversità tal-ħamrija u l-attività bijoloġika tal-ħamrija.
- (3) Id-degradazzjoni tal-ħamrija qed tiswa lill-Unjoni diversi għexieren ta' biljuni ta' euro kull sena. Is-saħħa tal-ħamrija qed ikollha impatt fuq il-forniment ta' servizzi tal-ekosistema li għandhom redditu ekonomiku importanti. Għalhekk, il-ġestjoni sostenibbli u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija jagħmlu sens ekonomiku tajjeb u jistgħu jżidu b'mod sinifikanti l-prezz u l-valur tal-art fl-Unjoni.

- (4) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew³ stabbilixxa pjan direzzjonali ambizzjuż biex jittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, bl-għan li jipproteġi, jikkonserva u jtejjeb il-kapital naturali tal-Unjoni, u li jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini. Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030⁴, l-Istrateġija "mill-Għalqa sal-Platt"⁵, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero⁶, l-Istrateġija tal-UE għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima⁷ u l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030⁸.
- (5) L-Unjoni hija impenjata lejn l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha⁹. Ħamrija f'saħħitha tikkontribwixxi direttament għall-ilħuq ta' diversi SDGs, b'mod partikolari l-SDG 2 (ebda ġuħ), l-SDG 3 (saħħa u benesseri tajbin), l-SDG 6 (ilma nadif u sanità), l-SDG 11 (bliet u komunitajiet sostenibbli), l-SDG 12 (konsum u produzzjoni responsabbli), l-SDG 13 (azzjoni klimatika) u l-SDG 15 (il-ħajja fuq l-art). L-SDG 15.3 għandu l-għan li jiġġieled id-deżertifikazzjoni, jirrestawra l-art u l-ħamrija degradati, inkluża l-art affettwata mid-deżertifikazzjoni, min-nixfa u mill-għargħar, u jistinka biex tinkiseb dinja newtrali għad-degradazzjoni tal-art sal-2030.

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjita, COM(2020) 380 final.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM(2020) 381 final.

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta f'Saħħitha għal Kulħadd, Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" COM(2021) 400 final.

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, COM(2021) 82 final.

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030, Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija f'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima, COM(2021) 699 final.

⁹ <https://sdgs.un.org/goals>

- (6) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, bħala partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KEE¹⁰, qablu fil-15-il Konferenza tal-Partijiet dwar il-"Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal" (GBF)¹¹ li jinkludi diversi miri globali orjentati lejn l-azzjoni għall-2030 ta' rilevanza għas-saħħa tal-ħamrija. Jenħtiegħ li l-kontribuzzjonijiet tan-natura għan-nies, inkluża s-saħħa tal-ħamrija, jiġu rrestawrati, miżmuma u mtejba.
- (7) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, bħala Partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD), approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/216/KE¹², impenjaw ruħhom li jiġġieldu d-deżertifikazzjoni u jtaffu l-effetti tan-nixfa fil-pajjiżi affettwati. Tlettax-il Stat Membru¹³ ddikjaraw lilhom infushom bħala partijiet affettwati mid-deżertifikazzjoni skont il-UNCCD.
- (8) Fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), l-art u l-ħamrija jitqiesu simultanjament bħala sors u bir tal-karbonju. L-Unjoni u l-Istati Membri bħala partijiet impenjaw ruħhom li jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli, il-konservazzjoni u t-titjib tal-bjar u r-riżervi tal-karbonju.
- (9) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tiddikjara li huwa essenzjali li jiżiedu l-isforzi biex tiġi protetta l-fertilità tal-ħamrija, titnaqqas l-erożjoni tal-ħamrija u tiżdied il-materja organika tal-ħamrija billi jiġu adottati Prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija. Tiddikjara wkoll li huwa meħtiegħ progress sinifikanti fl-identifikazzjoni ta' siti tal-ħamrija kkontaminati, fir-restawr ta' ħamrija degradata, fid-definizzjoni tal-kundizzjonijiet għal status ekoloġiku tajjeb tal-ħamrija, fl-introduzzjoni ta' oġġetti ta' restawr, u fit-titjib tal-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija.

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bijoloġika (93/626/KEE) (ĠU L 309, 13.12.1993, p. 1).

¹¹ Id-Deċiżjoni adottata mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika fid-19 ta' Diċembru 2022, 15/4. Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal.

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/216/KE tad-9 ta' Marzu 1998 fuq il-konklużjoni, f'isem il-Komunitajiet Ewropej, tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda biex tkun kumbattuta d-deżertifikazzjoni f'pajjiżi affettwati serjament minn nixfa u/jew deżertifikazzjoni, b'mod partikolari fl-Afrika (ĠU L 83, 19.3.1998, p. 1).

¹³ Il-Bulgarija, Ċipru, il-Greċja, l-Italja, il-Kroazja, il-Latvja, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija.

- (10) L-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030 tistabbilixxi l-viżjoni fit-tul li, sal-2050, l-ekosistemi kollha tal-Ħamrija tal-UE jkunu f'kundizzjoni f'saħħha u, b'hekk, ikunu aktar reżiljenti. Bħala soluzzjoni ewlenija, il-Ħamrija f'saħħha tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-għanijiet tal-UE li tikseb in-newtralità klimatika u ssir reżiljenti għat-tibdil fil-klima, tiżviluppa (bijo)ekonomija nadifa u ċirkolari, treġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, tissalvagwardja s-saħħa tal-bniedem, twaqqaf id-deżertifikazzjoni u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-art.
- (11) Il-finanzjament huwa vitali biex tkun tista' ssir tranżizzjoni għal Ħamrija f'saħħha. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali jippreżenta diversi opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli għall-protezzjoni, għall-ġestjoni sostenibbli u għar-riġenerazzjoni tal-Ħamrija. "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" huwa waħda mill-ħames missjonijiet tal-UE tal-programm Orizzont Ewropa u huwa ddedikat speċifikament għall-promozzjoni tas-saħħa tal-Ħamrija. Il-Missjoni dwar il-Ħamrija **tal-UE** hija strument ewlieni għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Din għandha l-għan li tmexxi t-tranżizzjoni għal Ħamrija f'saħħha permezz ta' finanzjament ta' programm ambizzjuż ta' riċerka u innovazzjoni, l-istabbiliment ta' network ta' 100 laboratorju ħaj u fanal f'żoni rurali u urbani, l-avvanz tal-iżvilupp ta' qafas armonizzat ta' monitoraġġ tal-Ħamrija u ż-żieda fl-għarfien dwar l-importanza tal-Ħamrija. Programmi oħrajn tal-Unjoni li jippreżentaw objettivi li jikkontribwixxu għal Ħamrija f'saħħha huma l-Politika Agrikola Komuni, il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika, il-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u InvestEU.

- (12) L-Istrateġija dwar il-Ħamrija għall-2030 ħabbret li l-Kummissjoni ser tressaq proposta leġiżlattiva dwar is-saħħa tal-ħamrija biex tippermetti li jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija dwar il-Ħamrija u tinkiseb saħħa tajba tal-ħamrija madwar l-UE sal-2050. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija¹⁴, il-Parlament Ewropew enfażizza l-importanza tal-protezzjoni tal-ħamrija u tal-promozzjoni ta' ħamrija f'saħħitha fl-Unjoni, filwaqt li żamm f'moħħu li d-degradazzjoni qed tkompli, minkejja l-azzjoni limitata u irregolari li qed tittieħed f'xi Stati Membri. Il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tfassal qafas legali komuni għall-Unjoni kollha, b'rispett sħiħ għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, għall-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ħamrija, li jindirizza t-theddiet ewlenin kollha tal-ħamrija.
- (13) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2020¹⁵, il-Kunsill appoġġa lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi biex tipproteġi aħjar il-ħamrija u l-bijodiversità tal-ħamrija, bħala riżorsa mhux rinnovabbli ta' importanza vitali.
- (14) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ jistabbilixxi oġettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u ta' emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, u li tingħata prijorità lit-tnaqqis rapidu u prevedibbli tal-emissjonijiet u, fl-istess ħin, jittejbu l-assorbimenti minn bjar naturali. Il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija tirriżulta f'żieda fis-sekwestru tal-karbonju u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet f'benefiċċji kollaterali għall-ekosistemi u għall-bijodiversità. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar iċ-Ċikli Sostenibbli tal-Karbonju¹⁷ ssottolinjat il-ħtieġa għal identifikazzjoni ċara u trasparenti tal-attivitajiet li jneħħu b'mod mhux ambigwu l-karbonju mill-atmosfera, bħall-iżvilupp ta' qafas tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju minn ekosistemi naturali, inkluża l-ħamrija. Barra minn hekk, ir-Regolament rivedut dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija mhux biss iqiegħed il-karbonju fil-ħamrija ċentrali għall-ilħuq tal-miri fil-perkors lejn Ewropa newtrali għall-klima, iżda wkoll jitlob lill-Istati Membri jħejju sistema għall-monitoraġġ tal-ħażniet tal-karbonju fil-ħamrija, bl-użu, fost l-oħrajn, tas-sett ta' data tal-istħarriġ qafas statistiku tal-użu tal-art taż-żona koperta (LUCAS).

¹⁴ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija (2021/2548(RSP)).

¹⁵ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti, 12210/20.

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

¹⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli, COM(2021) 800.

- (15) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima¹⁸ ssottolinjat li l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fuq l-art, inkluż ir-restawr tal-funzjoni tal-ħamrija bħal sponża, ser jagħti spinta lill-provvista ta' ilma nadif u frisk, inaqas l-impatti tal-għargħar u jtaffi l-impatti tan-nixfiet. Huwa importanti li tiġi massimizzata l-kapaċità tal-ħamrija li żżomm u tippurifika l-ilma u li tnaqqas it-tniġġis.
- (16) Il-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero adottat mill-Kummissjoni jistabbilixxi l-viżjoni għall-2050 li t-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija jitnaqqas għal livelli li ma għadhomx meqjusa ta' ħsara għall-ekosistemi tas-saħħa u dawk naturali u li jirrispettaw il-konfini li l-pjaneta tagħna tista' tlaħħaq magħhom, biex b'hekk jinholq ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi.
- (17) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel¹⁹ enfasizzat li s-sostenibbiltà tal-ikel hija fundamentali għas-sigurtà tal-ikel. Ħamrija f'saħħitha tagħmel is-sistema tal-ikel tal-Unjoni aktar reżiljenti billi tipprovdi l-bażi għal ikel nutrittiv u suffiċjenti.
- (18) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija, għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u għall-indirizzar ta' siti kkontaminati biex tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050, biex din tinżamm f'kundizzjoni f'saħħitha u jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-bijodiversità, biex ikun hemm prevenzjoni u rispons għan-nixfiet u d-diżastri naturali, biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem u biex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza tal-ikel.

¹⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, COM(2021) 82 final.

¹⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, COM(2022) 133 final.

(19) Il-ħamrija tospita aktar minn 25 % tal-bijodiversità kollha u hija t-tieni l-akbar raggruppament ta' karbonju tal-pjaneta. Minħabba l-kapaċità tagħha li taqbad u taħżen il-karbonju, ħamrija f'saħħitha tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima. Ħamrija f'saħħitha tipprovdi wkoll habitat favorevoli għall-organiżmi biex jgħixu u hija kruċjali għat-titjib tal-bijodiversità u l-istabbiltà tal-ekosistemi. Il-bijodiversità taħt l-art u dik 'il fuq mill-art huma marbuta mill-qrib u jinteraġixxu permezz ta' relazzjonijiet reċiproċi (eż. fungi mikorriżjali li jgħaqqdu l-għeruq tal-pjanti).

(19a) Il-materja organika tal-ħamrija hija kruċjali għall-forniment ta' servizzi u funzjonijiet tal-ekosistema tal-ħamrija, billi tnaqqas id-degradazzjoni tal-ħamrija bħall-erożjoni u l-kompattazzjoni, filwaqt li żżid il-buffering, iż-żamma u l-infiltrazzjoni tal-ilma kif ukoll il-kapaċità ta' skambju ta' katjoni tal-ħamrija. Il-materja organika tal-ħamrija, ġeneralment imkejla permezz tal-karbonju organiku fil-ħamrija, tista' mhux biss ittejjeb l-istabbiltà strutturali tal-ħamrija, riflessa mill-proporzjon tal-karbonju organiku fil-ħamrija mat-tafal tagħha, iżda wkoll l-iżvilupp tal-bijomassa, inkluż żieda fir-rendimenti tal-għelejjel. Barra minn hekk, il-materja organika tal-ħamrija taffettwa b'mod pożittiv il-bijodiversità tal-ħamrija u tista' żżid l-ammont ta' karbonju sekwestrat fil-ħamrija u għalhekk l-istokkijiet tal-karbonju organiku fil-ħamrija, u b'hekk tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

(20) L-għargħar, in-nirien mhux ikkontrollati u l-eventi ta' temp estrem huma riskji ta' diżastri naturali tal-ogħla tħassib madwar l-Ewropa. It-tħassib għan-nixfiet u l-iskarsezza tal-ilma qed jiżdied b'mod rapidu madwar l-Unjoni. Fl-2020, 24 Stat Membru qiesu n-nixfiet u l-iskarsezza tal-ilma bħala riskji ta' diżastri ewlenin emerġenti jew relatati mal-klima, meta mqabbla ma' 11-il Stat Membru biss fl-2015. Ħamrija f'saħħitha hija strumentali għar-reżiljenza għan-nixfiet u għad-diżastri naturali. Il-prattiki li jtejjbu ż-żamma tal-ilma u d-disponibbiltà tan-nutrijenti fil-ħamrija, l-istruttura tal-ħamrija, il-bijodiversità tal-ħamrija u s-sekwestru tal-karbonju, iżidu r-reżiljenza tal-ekosistemi, tal-pjanti u tal-għelejjel biex jifilħu u jirkupraw minn nixfa, diżastri naturali, mewġiet tas-sħana u eventi ta' temp estrem li ser isiru aktar frekwenti fil-futur minħabba t-tibdil fil-klima. Min-naħa l-oħra, mingħajr ġestjoni xierqa tal-ħamrija, in-nixfa u d-diżastri naturali jikkawżaw degradazzjoni tal-ħamrija u jagħmlu l-ħamrija mhux f'saħħitha. It-titjib tas-saħħa tal-ħamrija jgħin biex jittaffew it-telf ekonomiku u l-fatalitajiet assoċjati mal-estremi relatati mal-klima, li ammontaw għal madwar EUR 560 biljun u aktar minn 182 000 vittma fl-Unjoni bejn l-1980 u l-2021.

- (21) Is-saħħa tal-ħamrija tikkontribwixxi direttament għas-saħħa u l-benesseri tal-bniedem. Ħamrija f'saħħitha tipprovdi ikel sikur u nutrittiv, u għandha l-kapaċità li tiffiltra l-kontaminanti, u b'hekk tippreserva l-kwalità tal-ilma tax-xorb. Il-kontaminazzjoni tal-ħamrija tista' tagħmel ħsara lis-saħħa tal-bniedem permezz ta' inġestjoni, teħid bin-nifs jew kuntatt mal-ġilda. L-esponiment tal-bniedem għall-komunità mikrobika tal-ħamrija f'saħħitha huwa ta' benefiċċju għall-iżvilupp tas-sistema immunitarja u r-reżistenza kontra ċerti mard u allerġiji. Ħamrija f'saħħitha tappoġġa t-tkabbir tas-siġar, tal-fjuri u tal-ħaxix, u toħloq infrastruttura ekoloġika li toffri valur estetiku, benessere u kwalità tal-ħajja.
- (22) Id-degradazzjoni tal-ħamrija tħalli impatt fuq il-fertilità, ir-rendimenti, ir-reżistenza għall-pesti u l-kwalità tal-ikel nutrittiv. Billi 95 % tal-ikel tagħna huwa prodott direttament jew indirettament fuq il-ħamrija u l-popolazzjoni globali qed tkompli tiżdied, huwa kruċjali li din ir-riżorsa naturali finita tibqa' f'saħħitha biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fit-tul u jiġu żgurati l-produttività u l-profittabbiltà tal-agrikoltura tal-Unjoni. Il-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija jżommu jew itejbu s-saħħa tal-ħamrija u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-sistema tal-ikel.
- (23) L-oġġettiv **aspirazzjonali** fit-tul tad-Direttiva huwa li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050. Bħala pass intermedju, fid-dawl tal-għarfien limitat dwar il-kundizzjoni tal-ħamrija u dwar l-effettività u l-kostijiet tal-miżuri għar-riġenerazzjoni tas-saħħa tagħha, id-Direttiva tieħu approċċ fi stadji. Fl-ewwel stadju, l-enfasi ser tkun fuq it-twaqqif tal-qafas ta' monitoraġġ tal-ħamrija u l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-ħamrija fl-UE kollha. Dan jinkludi wkoll rekwiżiti biex jiġu stabbiliti miżuri biex il-ħamrija tiġi ġestita b'mod sostenibbli, [...] tiġi riġenerata ħamrija mhux f'saħħitha, ladarba tiġi stabbilita l-kundizzjoni tagħha, **kif ukoll jiġu vvalutati u ġestiti r-riskji ta' siti kontaminati. Madankollu, dan ma jimponix** [...] obbligu li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050 **u lanqas** [...] miri intermedji. Dan l-approċċ proporzjonat ser jippermetti li l-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u r-riġenerazzjoni ta' ħamrija mhux f'saħħitha jkun mħejjija, iñċentivati u mnedija sewwa. Fit-tieni stadju, hekk kif ikunu disponibbli r-riżultati tal-ewwel valutazzjoni tal-ħamrija u tal-analiżi tax-xejriet, il-Kummissjoni ser tqis il-progress lejn l-oġġettiv tal-2050 u l-esperjenza tiegħu, u ser tipproponi rieżami tad-Direttiva jekk ikun meħtieġ biex jiġi taffet il-progress lejn l-2050.

- (24) L-indirizzar tal-perssonijiet fuq il-ħamrija u l-identifikazzjoni tal-miżuri xierqa biex tinżamm jew tiġi riġenerata s-saħħa tal-ħamrija jirrikjedu li jiġiesu l-varjetà tat-tipi ta' ħamrija, il-kundizzjonijiet lokali u klimatiċi speċifiċi u l-użu tal-art jew il-kopertura tal-art. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jistabbilixxu [...] **unitajiet tal-ħamrija li jirriflettu ċertu grad ta' omoġeneità ta' daww il-karatteristiċi, għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija fit-territorju kollu tagħhom. Madankollu, jenħtieġ li l-unitajiet tal-ħamrija jkunu taħt il-ġestjoni ta' [...] strutturi ta' governanza [...] adatti [...] li jippermettu lill-Istati Membri jiżguraw li l-monitoraġġ u l-valutazzjoni jitwettqu kif xieraq, u li jitwettqu ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u miżuri [...] għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva. Id-distretti tal-ħamrija jirriflettu t-territorji amministrattivi taħt ir-responsabbiltà ta' dawn l-istrutturi ta' governanza u jkopru unità sħiħa tal-ħamrija waħda jew aktar [...] ²⁰.**

²⁰ [...]

(24a) Biex ifasslu l-istħarriġ kampjunarju għall-monitoraġġ tal-ħamrija, l-Istati Membri ser ikollhom iqisu d-distretti tal-ħamrija u l-unitajiet tal-ħamrija tagħhom. Sabiex jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li l-kriterji minimi biex jiġu definiti l-unitajiet tal-ħamrija jiġu definiti fil-livell Ewropew. F'dak ir-rigward, it-tip ta' ħamrija u l-użu tal-art huma żewġ kriterji minimi li jenħtieġ li jservu bħala data bażika armonizzata. Fir-rigward tat-tip ta' ħamrija, il-mappa tar-reġjuni tal-ħamrija tal-Unjoni Ewropea u tal-Pajjiżi Adjaċenti²¹ tippermetti li tiġi rrappreżentata l-kundizzjoni qafas għall-iżvilupp tal-ħamrija fil-livell tal-pajsaġġ. Din il-mappa tibni fuq it-tipi ta' ħamrija kif definiti fil-Bażi ta' Referenza Dinjija għar-Riżorsi tal-Hamrija²², kif ukoll fuq data bażika kompletament komparabbli u armonizzata fil-livell kontinentali, jiġifieri l-klima, it-topografija, ir-riżalt, il-ġeoloġija u l-veġetazzjoni. Fir-rigward tal-użu tal-art, il-kategoriji kif definiti fir-Regolament (UE) 2018/841²³ u fil-Linji Gwida tal-IPPC iservu bħala bażi armonizzata għar-rapportar dwar l-użu tal-art. Għalhekk, biex jiddelinjaw l-unitajiet tal-ħamrija, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu mill-inqas id-distretti tal-ħamrija, kif ukoll ir-reġjuni tal-ħamrija msemmija hawn fuq u l-kategoriji tal-użu tal-art. Minħabba l-varjabbiltà spazjali fil-proprietajiet tal-ħamrija u fl-użu tal-art, unità tal-ħamrija tista' tikkonsisti f'żoni mhux adjaċenti. Barra minn hekk, jistgħu jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi u ambjentali. Meta tkun disponibbli, tista' tintuża informazzjoni aktar dettaljata jew aġġornata fil-livell Ewropew, nazzjonali jew sottonazzjonali.

²¹ "Ħamrija Reġjuni tal-Unjoni Ewropea u Pajjiżi Adjaċenti 1:5,000,000", 2005, aċċessat 2024-03-07, <https://data.europa.eu/data/datasets/ae71ffee-1ae9-4624-ae3f-f49513fe9dcb?locale=mt>

²² <https://www.fao.org/soils-portal/data-hub/soil-classification/world-reference-base/en/>

²³ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

- (25) Sabiex tiġi żgurata governanza xierqa dwar il-ħamrija, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jaħtru awtorità kompetenti [...] **waħda jew aktar** għal kull distrett tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jaħtru kwalunkwe awtorità kompetenti addizzjonali **fil-livell** xieraq, inkluż fil-livell [...] nazzjonali jew **sottonazzjonali**.
- (25a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jaħtru l-awtorità kompetenti xierqa biex twettaq id-dmirijiet stabbiliti f'din id-Direttiva f'siti militari. Barra minn hekk, jenħtieġ li kwalunkwe data u informazzjoni li jappartjenu għas-siti militari ma jiġux żvelati, minħabba li d-divulgazzjoni tagħhom jista' jaffettwa b'mod ħażin is-sigurtà pubblika jew id-difiża nazzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew ma jagħmlux tali data u informazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku, inkluż permezz tal-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija jew ir-reġistru ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati, u jitħallew ukoll li ma jirrapportawhomx lill-Kummissjoni u lill-EEA.**
- (26) Sabiex ikun hemm definizzjoni komuni ta' kundizzjoni f'saħħitha tal-ħamrija, hemm bżonn li jiġi definit sett komuni minimu ta' kriterji li jistgħu jitkejlu, li, jekk ma jiġux irrispettati, iwasslu għal telf kritiku fil-kapaċità tal-ħamrija li tiffunzjona bħala sistema ta' għajxien vitali u li tipprovdi servizzi tal-ekosistema. Jenħtieġ li tali kriterji jirriflettu u jkunu bbażati fuq il-livell eżistenti tax-xjenza tal-ħamrija.

(27) Sabiex tiġi deskritta d-degradazzjoni tal-ħamrija, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti deskritturi tal-ħamrija **komuni** li jistgħu jitkejlu jew jiġu stmati. Anki jekk ikun hemm varjabbiltà sinifikanti bejn it-tipi ta' ħamrija, il-kundizzjonijiet klimatiċi u l-użi tal-art, l-għarfien xjentifiku attwali jippermetti li jiġu stabbiliti kriterji fil-livell tal-Unjoni għal xi wħud minn dawk id-deskritturi tal-ħamrija. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw il-kriterji għal xi wħud minn dawn id-deskritturi tal-ħamrija abbażi ta' kundizzjonijiet lokali jew nazzjonali speċifiċi u jiddefinixxu l-kriterji għal deskritturi oħrajn tal-ħamrija li għalihom ma jistgħux jiġu stabbiliti kriterji komuni fil-livell tal-UE f'dan l-istadju. Għal dawk id-deskritturi li għalihom issa ma jistgħux jiġu identifikati kriterji ċari li jiddistingwu bejn kundizzjoni f'saħħitha u mhux f'saħħitha, huma meħtieġa biss monitoraġġ u valutazzjoni. Dan ser jiffaċilita l-iżvilupp ta' tali kriterji fil-futur.

(27a) Sabiex issir distinzjoni ċara bejn l-oġettiv aspirazzjonali fit-tul ta' din id-Direttiva u l-aspetti operazzjonali tal-implimentazzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, il-kriterji għal kundizzjoni f'saħħitha tal-ħamrija tad-deskritturi tal-ħamrija huma maqsuma f'valuri fil-mira sostenibbli mhux vinkolanti u valuri ta' skattar operazzjonali. Il-valuri fil-mira sostenibbli mhux vinkolanti jirriflettu l-oġettiv aspirazzjonali fit-tul ta' din id-Direttiva u ma jgħolqux obbligu ta' azzjoni. Dawn il-valuri fil-mira jirriflettu, abbażi tal-għarfien xjentifiku attwali, is-sitwazzjoni ideali fejn il-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi tal-ekosistema mhux ser tonqos u ma ssir l-ebda ħsara sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. Madankollu, meta jitqiesu l-ħtieġa ta' effiċjenza u r-riżorsi limitati disponibbli, jenħtieġ li l-miżuri biex tinkiseb saħħa tajba tal-ħamrija jingħataw prijorità u jiġu implimentati gradwalment. Għalhekk, huma meħtieġa valuri ta' skattar operazzjonali. Dawn il-valuri jagħtu bidu għal miżuri xierqa biex tinżamm jew tiġi rriġenerata s-saħħa tal-ħamrija. Għal kull aspekt tad-degradazzjoni tal-ħamrija, jiġi stabbilit valur ta' skattar proporzjonali u fattibbli wieħed jew aktar. Dan jippermetti implimentazzjoni gradwali ta' miżuri li jvarjaw minn viġilanza u sensibilizzazzjoni għal ġestjoni sostenibbli sal-prattiki ta' rrigenerazzjoni. L-istabbiliment tal-valuri ta' skattar fil-livell tal-Istati Membri jiżgura li l-kundizzjonijiet u l-prattiki lokali, l-użu tal-ħamrija, u l-politiki attwali jkunu jistgħu jitqiesu bis-sħiħ. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu l-valur ta' skattar għal degradazzjoni waħda jew aktar tal-ħamrija fl-istess livell tal-valur fil-mira għal dawn id-degradazzjonijiet tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fl-istabbiliment tal-mira sostenibbli u tal-valuri ta' skattar operazzjonali.

[...]

- (29) Xi ħamrija għandha karatteristiċi speċjali jew minħabba li hija ta' natura atipika u tikkostitwixxi habitats rari għall-bijodiversità jew pajsaġġi uniċi jew inkella minħabba li għet immodifikata ħafna mill-bnedmin **u jista' jkun fiha traċċi tanġibbli tal-passat tagħna**. Jenħtieġ li daww il-karatteristiċi jitqiesu fil-kuntest tad-definizzjoni ta' ħamrija f'saħħitha u r-rekwiżiti biex tinkiseb kundizzjoni f'saħħitha tal-ħamrija.

- (29a) **B'mod simili għall-oġettiv aspirazzjonali fit-tul li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050, u bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030 u b'mod partikolari, għall-hekk imsejjaħ oġettiv "ebda teħid tal-art nett", din id-Direttiva għandha wkoll l-għan li tadotta approċċ fi stadji dwar il-kwistjoni tat-teħid tal-art. Biex jingħata kontribut għal dan l-għan fit-tul, huwa importanti li jiġu vvalutati d-diversi proċessi tat-teħid tal-art, u li jkun hemm l-għan li jitnaqqas u jittaffa l-impatt tagħhom fuq is-saħħa tal-ħamrija u s-servizzi tal-ekosistema.**
- Din id-Direttiva għalhekk għandha l-għan li tistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ għall-aspetti aktar viżibbli tat-teħid tal-art: l-issigħall tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija, bl-użu ta' għodod diġà disponibbli fil-livell tal-UE permezz tal-prodotti Copernicus, ikkumplementati b'mod fakultattiv b'data u inventarji nazzjonali dwar it-telerilevament. L-għan huwa li tkun kemm jista' jkun kosteffettiva u prammatika f'dan l-istadju, bl-għan li jkun hemm fehim armonizzat, u li jinbdew l-ewwel kunsiderazzjonijiet fil-livell nazzjonali, abbażi ta' data soda.**

- (30) Il-ħamrija hija riżorsa limitata soġġetta għal kompetizzjoni dejjem tikber għal użi differenti. It-teħid tal-art huwa proċess li jikkawża modifika tal-użu tal-art u tal-karatteristiċi tal-ħamrija. Dan jista' jittqies bħala kunċett ġenerali li jista' jinqasam f'diversi aspetti. L-ewwel nett, aspekt tat-tibdil fl-użu tal-art minn użi naturali u seminaturali tal-art lejn żoni ta' insedjament. It-tieni, aspekt tal-artifiċjalizzazzjoni tal-ħamrija kkawżata mill-alterazzjoni dejjiema tal-komponenti u l-karatteristiċi tal-ħamrija, li tirriżulta f'telf tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi tal-ekosistema.
- Dan l-aħħar aspekt tat-teħid tal-art, jiġifieri l-artifiċjalizzazzjoni tal-ħamrija, jista' jkompli jinqasam fi tliet proċessi ewlenin: l-issiġillar tal-ħamrija, il-qerda tal-ħamrija, u tipi oħra ta' artifiċjalizzazzjoni tal-ħamrija.
- L-issiġillar tal-ħamrija jista' jiġi assimilat ma' kopertura tal-ħamrija b'materjali artifiċjali, impermeabbli jew (semi)permeabbli, spiss flimkien ma' qerda tal-ħamrija. Il-bini u t-toroq huma eżempju ta' ssiġillar impermeabbli tal-ħamrija. Il-binarji tal-ferrovija b'materjali permeabbli assoċjati huma tip ta' ssiġillar tal-ħamrija semipermeabbli.
- Il-qerda tal-ħamrija hija l-qerda tas-saff tal-wieċ tal-ħamrija u xi drabi tas-saff ta' taħt il-ħamrija. Din tidher l-aktar matul xogħlijiet ta' kostruzzjoni, l-estrazzjoni mill-minjieri fil-miftuħ u l-estrazzjoni mill-barrieri, li jneħħu kompletament - xi drabi temporanjament - is-saffi tal-ħamrija, jew b'mod aktar insidjuż f'eżempji bħar-rimi tal-iskart u ż-żoni ta' rimi fejn il-ħamrija ssirilha ħsara sal-punt tal-qerda.
- Fl-aħħar nett, hemm tipi oħra ta' artifiċjalizzazzjoni tal-ħamrija inqas viżibbli, li jistgħu jkunu pereżempju l-istabbilizzazzjoni u l-kompattazzjoni intenzjonali tal-ħamrija, il-modifika tas-saffi tal-ħamrija jew tas-saffi ta' taħt il-ħamrija bl-inklużjoni ta' materjali artifiċjali jew il-kisi parzjali tal-ħamrija b'materjali komposti.
- Bħala tali, l-artifiċjalizzazzjoni tal-ħamrija hija tip ta' degradazzjoni tal-ħamrija li tista' tkun waħda minn dawk li tħalli l-akbar impatt fuq is-saħħa tal-ħamrija, peress li tista' twassal għal telf totali tal-ħamrija permezz tal-qerda tal-ħamrija u t-telf totali tal-funzjonijiet tal-ħamrija, li spiss iwassal għal tnaqqis fis-servizzi pprovduti mill-ħamrija għal pjattaforma għall-infrastruttura u sors ta' materja prima, għalkemm xi drabi tkun għadha possibbli infiltrazzjoni fis-saff ta' taħt il-ħamrija/fil-ħamrija, b'mod partikolari meta jintużaw materjali (semi-)permeabbli. Is-sottotipi l-aktar viżibbli u li jħallu impatt tal-artifiċjalizzazzjoni tal-ħamrija – l-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija – huma wkoll l-aktar faċli biex jiġu mmonitorjati, u bħala tali huma l-fokus ewlieni tal-monitoraġġ f'din id-Direttiva.

(30a) Fost l-aspetti tat-teħid tal-art, it-tkabbir taż-żoni ta' insedjament huwa proċess ta' spiss xprunat minn ħtiġijiet ta' żvilupp ekonomiku, [...] **li jinvolvi bidla fl-użu tal-art minn** żoni naturali u seminaturali (inkluż **foresti protetti, art bil-ħaxix naturali, torbieri, art agrikola u forestali, ġonna u parks**) [...] **għal żoni ta' insedjament, pereżempju bħala parti mill-iżvilupp urban.**

Żoni ta' insedjament, kif deskritti fir-Regolament rivedut (UE) 2018/841, jinkludu l-art żviluppata kollha -- jiġifieri l-infrastruttura residenzjali, tat-trasport, kummerċjali, u tal-produzzjoni (kummerċjali, tal-manifattura) ta' kwalunkwe daqs, sakemm ma jkunux diġà inklużi f'kategoriji oħra tal-użu tal-art. Jinkludu wkoll il-ħamrija, il-veġetazzjoni perenni erbaċea bħall-ħaxix tat-turf u l-pjanti tal-ġonna, is-siġar f'insedjamenti rurali, il-ġonna lokali u ż-żoni urbani.

B'mod partikolari, dan l-aspett tat-teħid tal-art spiss jaffettwa l-aktar ħamrija agrikola fertili, u potenzjalment jipperikola s-sigurtà tal-ikel, billi minflok l-art "tittieħed" biex tintuża għall-insedjamenti. Din il-bidla fl-użu tal-art spiss hija, iżda mhux dejjem, prekursor għal xi aspetti oħra tat-teħid tal-art, b'mod partikolari għall-issiġillar tal-ħamrija, u bħala tali hija importanti li tiġi mmonitorjata sabiex jiġi antiċipat tal-anqas parti mill-proċess tal-issiġillar tal-ħamrija. Huwa importanti wkoll li jiġi nnutat li l-insedjamenti mhux dejjem ikunu kompletament issiġillati. Għall-kuntrarju, ammont sinifikanti ta' żoni urbani jibqgħu jżommu ammonti importanti ta' ħamrija mhux issiġillata, xi drabi saħansitra aktar minn 50 % tal-wiċċ tagħhom. Għalhekk, dan l-indikatur tat-teħid tal-art waħdu mhuwiex biżżejjed biex tiġi mmonitorjata bis-sħiħ il-kwistjoni, peress li ma jagħmilx distinzjoni bejn ħamrija ssiġillata u mhux issiġillata, u jaħbi ż-żoni ħodor f'żoni ta' insedjament, u b'hekk jagħmel il-monitoraġġ u l-ġestjoni sostenibbli tagħhom aktar diffiċli.

(30b) Il-ħamrija mhux issiġillata f'żoni ta' insedjament, u b'mod partikolari f'żoni urbani b'densità għolja ta' popolazzjoni, hija importanti li tiġi mmonitorjata u ġestita b'mod sostenibbli daqs kwalunkwe ħamrija oħra, peress li għadha tipprovdi servizzi tal-ekosistema li huma vitali għaż-żamma ta' kwalità tajba tal-ħajja fiż-żoni urbani. Dawn iż-żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni jikkombinaw u jikkonċentraw firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ambjentali f'erja tas-superfiċje relattivament iżgħar. Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jvarjaw minn rata ogħla ta' siti kkontaminati minħabba industriji tal-passat, għal riskju ogħla ta' għargħar minħabba l-issiġillar tal-ħamrija, għal prevalenza ogħla ta' gżejjer ta' sħana u aċċess aktar limitat għal żoni ekoloġiċi essenzjali għall-benesseri mentali u fiżiku. Is-servizzi tal-ekosistema tal-ħamrija pprovduti minn ħamrija f'saħħitha f'żona urbana jista' jkollhom impatt pożittiv qawwi ħafna fuq kwantità kbira ta' nies billi jindirizzaw dawk il-kwistjonijiet speċifiċi u jenħtieġ li l-importanza tagħhom ma tiġix minimizzata. Dawk l-ispazji ħodor, kemm pubbliċi kif ukoll privati, jikkontribwixxu wkoll għan-network blu-ekoloġiku u għall-bijodiversità, u huma element ewlieni għal politiki ambjentali oħra. Dan huwa wkoll konformi mal-Artikolu 8 tar-Regolament .../...²⁴ dwar ir-restawr tal-ekosistemi urbani, li jirrifletti l-ħtieġa li l-Istati Membri jżommu u jżidu s-superfiċje tal-ispazji ħodor urbani.

²⁴ + UP: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar ir-restawr tan-natura li jinsab fid-dokument COM(2022) 304

(30c) Min-naħa l-oħra, l-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija, bħala parti mill-aspett tal-artifiċjalizzazzjoni tal-ħamrija tat-teħid tal-art, huma differenti mit-tkabbir tal-insedjamenti, peress li ma jiffokawx fuq bidla fl-użu tal-art, iżda pjuttost fuq bidla konkreta u li tista' titkejjel fil-kopertura tal-ħamrija u l-karatteristiċi tal-ħamrija. Fl-issiġillar tal-ħamrija, il-ħamrija [...] hija pereżempju modifikata u mnaqqsa biex isservi bħala pjattaforma għall-kostruzzjonijiet u l-infrastruttura, inkluż bini, toroq, parkeġġ, u wċuħ minerali oħra. Il-qerda tal-ħamrija tista' tiġi kkawżata mit-tneħħija tal-ħamrija, anke b'mod temporanju, meta l-ħamrija titnaqqas biex tintuża bħala sors dirett ta' materja prima bħall-minerali u l-linjite, matul attivitajiet ta' estrazzjoni mill-minjieri jew mill-barrieri, matul xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew bħala parti mill-issiġillar tal-ħamrija. [...] Tista' tinstab ukoll f'miżbliet, fejn il-ħamrija tkun koperta minn skart, li jagħmlulha ħsara sal-punt tal-qerda. Dawn[...] it-trasformazzjonijiet jistgħu jikkawżaw it-telf, spiss irriversibbli, tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi oħrajn tal-ekosistema (il-provvista ta' ikel u bijomassa, iċ-ċiklaġġ tal-ilma u tan-nutrijenti, il-bażi għall-bijodiversità u l-ħżin tal-karbonju). B'mod partikolari, [...] l-issiġillar tal-ħamrija spiss [...] isir fuq [...] ħamrija agrikola fertili, [...] u b'hekk jikkontribwixxi aktar għat-tfixkil tas-sigurtà tal-ikel [...]. Il-ħamrija ssiġillata tesponi wkoll l-insedjamenti umani għal livelli ogħla ta' għargħar u għal effetti ta' gżejjer tas-šana aktar intensi. Barra minn hekk, permezz tat-telerilevament u t-tagħlim awtomatiku, il-ħamrija ssiġillata u meqruda hija l-aktar waħda faċli biex tiġi monitorjata mill-aspetti tal-artifiċjalizzazzjoni tal-ħamrija. Għalhekk, il-ħamrija ssiġillata u meqruda ntgħażlet [...] biex tiġi mmonitorjata [...] flimkien mal-effetti tagħha fuq il-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi tal-ekosistema.

(30d) Fir-rigward tal-enerġiji rinnovabbli, l-Istati Membri jistgħu jikkwalifikaw il-ħamrija bħala ssiġillata, meqruda jew la ssiġillata u lanqas meqruda, skont it-tip ta' kostruzzjoni. Pereżempju, il-parks solari jistgħu jew jitqiesu bħala ssiġillar tal-ħamrija jew le, skont x'isir bil-ħamrija fil-bażi tagħhom. Jekk il-ħamrija xorta tista' ssostni ekosistema b'mod suffiċjenti, allura ma jitqiesx bħala ssiġillar tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-valutazzjoni ssir abbażi tal-impatt fuq il-ħamrija, irrISPettivament mill-iskop jew id-dehra tal-kostruzzjoni. Inventarji ta' dan it-tip ta' żoni, fejn tkun disponibbli informazzjoni dwar x'isir bil-ħamrija fil-bażi tagħhom, jistgħu jiġu intersezzjonati mal-mapep tat-telerilevament tal-issiġillar tal-ħamrija biex dawn iż-żoni jikkwalifikaw bħala ħamrija mhux issiġillata.

(30e) Il-prinċipju tat-tnaqqis tal-impatt huwa essenzjali fir-rigward tal-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija b'mod ġenerali. Tabilħaqq, huwa vitali li jinstab bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku u demografiku meħtieġ, u l-provvista ta' servizzi tal-ekosistema. Bħala tali, huwa [...] xieraq li jiġu stabbiliti ċerti prinċipji biex jittaffew l-impatti [...] tal-issiġillar tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija bħala parti mill-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, billi jiġi adottat approċċ ibbażat fuq l-isforzi b'kont meħud ta' sett kbir ta' prattiki tajbin bl-għan li jiġi minimizzat u kkumpensat it-telf tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi tal-ekosistema. Jenħtieġ li dawn ikunu bbażati fuq il-ġerarkija tat-teħid tal-art tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi ġeografiċi u amministrattivi differenti fl-Istati Membri.

Dawn jistgħu jkopru firxa wiesgħa ta' Prattiki bħall-minimizzazzjoni tal-issiġillar tal-ħamrija, it-tneħħija tal-issiġillar u r-rinaturazzjoni tal-ħamrija li qabel kienet issiġillata, id-densifikazzjoni razzjonali ta' żoni urbanizzati filwaqt li jiġu salvati l-ispazji hodur – inkluż l-ispazji hodur urbani – u t-terreni naturali, ir-rivitalizzazzjoni ta' siti abbandunati, l-ipprivileġġar ta' teħid tal-art limitat fiż-żmien u t-twettiq tar-riabilitazzjoni tal-art mat-terminazzjoni tat-teħid tal-art.

Jenħtieġ li jiġi nnotat li, biex ikunu sostenibbli kemm jista' jkun fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, skont is-servizz tal-ekosistema li għandu jiġi kkompensat, il-miżuri ta' kumpens jista' jkollhom bżonn ikunu ġeografikament qrib kemm jista' jkun tas-sors tat-telf tas-servizz tal-ekosistema. Tabilħaqq, kwistjoni kollaterali għal dawn it-tipi ta' prinċipji jekk jiġu applikati b'mod żbaljat, tista' tkun l-ispostament – xi drabi 'l bogħod ħafna – ta' żoni u servizzi ekosistemiċi hodur u ta' valur għoli lil hinn mill-postijiet issiġillati, b'konċentrazzjoni sħiħa tal-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija fiż-żoni affettwati.

- (31) Jenħtieġ li l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija bbażata fuq in-network ta' monitoraġġ tkun akkurata, filwaqt li fl-istess ħin il-kostijiet ta' tali monitoraġġ jinżammu f'livell raġonevoli. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kriterji għall-punti ta' kampjunar li huma rappreżentattivi **tal-unitajiet tal-ħamrija li jirriflettu ċertu grad ta' omoġeneità** tal-kundizzjoni tal-ħamrija taħt tipi differenti ta' ħamrija, kundizzjonijiet klimatiki u użu tal-art.

Huwa xieraq ukoll li titqies is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, kif elenkati fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprevedi miżuri speċifiċi biex jappoġġaw lil dawk ir-reġjuni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw, meta jkun meħtieġ, l-obbligi ta' monitoraġġ u valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija għall-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjun ultraperiferiku tagħhom.

Jenħtieġ li l-grilja tal-punti ta' kampjunar tiġi ddeterminata bl-użu ta' metodi ġeostatistiċi, **tkun ibbażata fuq l-unitajiet tal-ħamrija** u tkun densa biżżejjed biex ttipprovdi stima tal-erja ta' [...] ħamrija **degradata fit-territorju kollu tal-Istati Membri** [...] b'inċertezza ta' mhux aktar minn 5 % **fil-livell tal-unità tal-ħamrija**. Dan il-valur jitqies b'mod komuni li jipprovdi stima statistikament tajba u assigurazzjoni raġonevoli li l-oġettiv ikun intlaħaq. **Jenħtieġ li t-tfassil tal-istħarriġ kampjunarju jkun ibbażat fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli dwar id-distribuzzjoni tal-proprjetajiet tal-ħamrija, inkluż, iżda mhux limitat għal informazzjoni li tirriżulta minn stħarriġiet nazzjonali jew sottonazzjonali preċedenti, kejl rilevanti mill-manigġers tal-ħamrija u kejl imwettaq skont leġislazzjonijiet tal-Unjoni u internazzjonali jew programmi speċifiċi bħall-kampanja LUCAS dwar il-ħamrija bħala parti mill-Istħarriġ qafas statistiku tal-Użu tal-Art/taż-Żona Koperta (LUCAS) jew il-Programm ta' Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Istima u l-Monitoraġġ tal-Effetti tat-Tniġġiż tal-Arja fuq il-Foresti (ICP Forests).** Id-data miksuba mill-punti ta' kampjunar meħuda matul l-investigazzjonijiet tal-ħamrija f'siti kontaminati tista' tintuża għall-valutazzjoni tal-kriterji tas-saħħa tal-ħamrija, iżda jenħtieġ li ma tipprevjenix il-konformità mal-obbligi stipulati skont din id-Direttiva għall-ġestjoni ta' siti kkontaminati.

- (32) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tassisti u tappoġġa lill-Istati Membri, **fuq talba tagħhom, biex** jimmonitorjaw is-saħħa tal-ħamrija **tagħhom** billi jkomplu jwettqu u jtejbu l-kampjunar regolari in situ tal-ħamrija u l-kejl relatat tal-ħamrija (LUCAS soil) bħala parti mill-Programm tal-Istħarriġ Qafas Statistiku tal-Użu tal-Art/taż-Żona Koperta (LUCAS) **li japplika r-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**²⁵. Għal dak il-fini, **u soġġett għall-qbil tal-Istati Membri, jenħtieġ** li l-Programm LUCAS jittejjeb u jiġi mmodernizzat sabiex jiġi allinjat bis-sħiħ mar-rekwiżiti speċifiċi ta' kwalità li għandhom jiġu ssodisfati għall-fini ta' din id-Direttiva. Sabiex jittaffa l-piż, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew iqisu d-data dwar is-saħħa tal-ħamrija mistħarrġa taħt l-istħarriġ LUCAS imtejjeb dwar il-ħamrija. B'hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri appoġġati jagħmlu l-arranġamenti legali meħtieġa biex jiżguraw li l-Kummissjoni tkun tista' twettaq tali kampjunar tal-ħamrija in situ, inkluż fuq għelieqi li huma proprjetà privata, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni applikabbli.
- (33) Il-Kummissjoni qed tiżviluppa servizzi ta' telerilevament fil-kuntest ta' Copernicus bħala programm xprunat mill-utenti **stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696**²⁶, u b'hekk qed tappoġġa wkoll lill-Istati Membri. Sabiex jiżdiedu t-tempestività u l-effettività tal-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija, u fejn rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw data ta' telerilevament, inkluż outputs mis-servizzi ta' Copernicus għall-monitoraġġ tad-deskrizzjoni rilevanti tal-ħamrija **u tal-indikaturi rilevanti tal-issigħill tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija**, u għall-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent jappoġġaw l-esplorazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti ta' telerilevament tal-ħamrija biex jassistu lill-Istati Membri fil-monitoraġġ tad-deskrizzjoni **u tal-indikaturi** rilevanti tal-ħamrija.

²⁵ **Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164-173).**

²⁶ **Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69-148).**

(34) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, filwaqt li tibni fuq l-osservatorju eżistenti tal-UE dwar il-ħamrija u taġġornah, tistabbilixxi portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija li jenħtieġ li jkun kompatibbli mal-Istrateġija tal-UE għad-Data²⁷ u mal-ispazji tad-data tal-UE u li jenħtieġ li jkun ċentru li jipprovdi aċċess għad-data dwar il-ħamrija li tkun ġejja minn diversi sorsi, **fil-forma aggregata fil-livell tal-unità tal-ħamrija jew f'livell aktar dettaljat jekk rilevanti, sakemm ma jkunx possibbli li jiġu identifikati l-valuri individwali jew il-post tal-kampjuni ġeoreferenzjati sottostanti.** Jenħtieġ li dak il-portal primarjament jinkludi d-data kollha miġbura mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni kif meħtieġ minn din id-Direttiva. **Jenħtieġ li t-trattament ta' din id-data kif ukoll l-aċċess tagħha jikkonformaw mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni bħad-Direttiva 2003/04/KE dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali, id-Direttiva 2007/2/KE li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea, id-Direttiva 1024/2019/KE dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-infurmazzjoni tas-settur pubbliku, ir-Regolament 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha, u r-Regolament 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar id-data li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku għat-territorju tagħhom permezz tal-portal jew rapporti relatati, u jitolbu li jikkoreġu kwalunkwe żball li jista' jkun hemm.**

Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli [...] li tiġi integrata fil-portal, fuq bażi volontarja, data rilevanti oħra dwar il-ħamrija miġbura mill-Istati Membri jew minn kwalunkwe parti oħra (u b'mod partikolari data li tirriżulta minn proġetti taħt Orizzont Ewropa u l-Missjoni "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa"), diment li dik id-data tissodisfa ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-format u l-ispeċifikazzjonijiet. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiġu speċifikati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

²⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija Ewropea għad-data, COM(2020) 66 final.

- (35) Huwa meħtieġ ukoll li tittejjeb l-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-ħamrija użati fil-Istati Membri u li jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn is-sistemi ta' monitoraġġ nazzjonali u dawk tal-Unjoni sabiex ikun hemm data aktar komparabbli madwar l-Unjoni. **F'dan ir-rigward huwa importanti ħafna li jiġu żgurati l-kwalità u l-komparabbiltà tal-kejl tal-ħamrija permezz tal-applikazzjoni ta' prattiki ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità mil-laboratorji involuti. Sabiex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv għal-laboratorji, Stat Membru jista' jiddeċiedi li jillimita l-għadd ta' akkreditazzjonijiet meħtieġa tal-laboratorji għal wieħed biss għal waħda mill-metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-valuri tad-deskritturi tal-ħamrija. Jistgħu jintużaw standards ekwivalenti fil-livell tal-Unjoni jew internazzjonali, pereżempju s-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità tal-ICP Forests.**
- (35a) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħamrija mit-tniġġis minn sustanzi emerġenti li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u li jikkontaminaw l-arja tal-madwar, l-ilmijiet tal-wiċċ, l-ilma ta' taħt l-art, u sussegwentement l-oċeani, jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi politiċi biex jidentifikaw u jivvalutaw tali sustanzi ta' tħassib emerġenti. F'dak ir-rigward, jenħtieġ li jiġi żviluppat għall-kontaminazzjoni tal-ħamrija approċċ li jippermetti monitoraġġ u analiżi ta' dawk is-sustanzi jew gruppi ta' sustanzi permezz ta' listi ta' sorveljanza, kif diġà huwa l-każ għall-ilma tal-wiċċ u għall-ilma ta' taħt l-art. Jenħtieġ li s-sustanzi jew il-gruppi ta' sustanzi li jridu jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza jintgħażlu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu jippreżentaw riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent tal-ħamrija, jew permezz tiegħu, u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Jenħtieġ li l-għadd ta' tali sustanzi jew gruppi ta' sustanzi li jridu jiġu mmonitorjati u analizzati taħt il-listi ta' sorveljanza ma jkunx limitat.

(36) Sabiex isir l-aktar użu wiesa' possibbli tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija ġġenerata mill-monitoraġġ imwettaq skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiffaċilitaw l-aċċess għal tali data għall-pubbliku, fil-forma aggregata **fil-livell tal-unità tal-ħamrija jew f'livell aktar dettaljat jekk rilevanti, sakemm ma jkunx possibbli li jiġu identifikati l-valuri individwali jew il-post tal-kampjuni ġeoreferenzjati sottostanti. Jenħtieġ li l-informazzjoni kunfidenzjali miġbura mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea tiġi protetta f'konformità mar-regoli u l-miżuri tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, sabiex tinkiseb u tinżamm il-fiduċja tal-partijiet responsabbli għall-għoti ta' dik l-informazzjoni. F'każ li l-Kummissjoni jew l-Istati Membri jipproduċu statistika dwar is-saħħa tal-ħamrija, jenħtieġ li jiżguraw li d-data kunfidenzjali tirrispetta l-prinċipji tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**

Barra minn hekk, sabiex tiġi protetta s-sjieda tad-data, huwa importanti li l-Kummissjoni, iż-ŻEE jew l-Istati Membri jiddivulgaw biss informazzjoni bil-kunsens tas-sid tad-data.

Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkomunikaw data u valutazzjonijiet dwar is-saħħa tal-ħamrija [...] lill-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-bdiewa, il-forestiera, is-sidien tal-art u l-awtoritajiet lokali, fuq talba tagħhom.

Barra minn hekk, id-data dwar is-saħħa tal-ħamrija magħmula disponibbli skont din id-Direttiva tista' tintuża għall-monitoraġġ ta' aspetti relatati mal-ħamrija f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, fejn rilevanti.

(37) Sabiex tinżamm jew tittejjeb is-saħħa tal-ħamrija, il-ħamrija jeħtieġ li tiġi ġestita b'mod sostenibbli. Il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija ser tippermetti l-forniment fit-tul ta' servizzi tal-ħamrija, inklużi kwalità mtejjba tal-arja u tal-ilma u s-sigurtà tal-ikel. Għalhekk, jixraq li jiġu stabbiliti prinċipji **ta' gwida** għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija biex [...] **jiġu definiti** l-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija.

- (38) L-istrumenti ekonomiċi, inklużi dawk taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK) li jipprovdu appoġġ lill-bdiewa, għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija agrikola u, sa ċertu punt, tal-ħamrija tal-foresti. Il-PAK għandha l-għan li tappoġġa s-saħħa tal-ħamrija permezz tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, tal-iskemi ekoloġiċi u tal-miżuri ta' żvilupp rurali. L-appoġġ finanzjarju għall-bdiewa u l-forestiera li japplikaw prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija jista' jiġi ġġenerat ukoll mis-settur privat. It-tikketti volontarji tas-sostenibbiltà fl-industrija tal-ikel, tal-injam, b'bażi bijoloġika u tal-enerġija, pereżempju, stabbiliti minn partijiet ikkonċernati privati, jistgħu jqisu l-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija stabbiliti f'din id-Direttiva. Dan jista' jippermetti lill-produtturi tal-ikel, tal-injam u ta' bijomassa oħra li jsegu dawk il-prinċipji fil-produzzjoni tagħhom biex jirriflettu dawn fil-valur tal-prodotti tagħhom. Ser jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali għal network ta' siti tal-ħajja reali għall-ittestjar, għad-dimostrazzjoni u għat-titjib tas-soluzzjonijiet, inkluż dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, permezz tal-laboratorji ħajjin u l-fanali tal-Missjoni dwar il-Ħamrija. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu appoġġ u pariri biex jgħinu lis-sidien tal-artijiet u lill-utenti tal-artijiet affettwati mill-azzjoni meħuda skont din id-Direttiva, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet limitati ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.
- (39) Skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom kif l-arkitettura ambjentali u klimatika ta' dawk il-Pjanijiet hija maħsuba li tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-miri nazzjonali fit-tul stabbiliti fl-atti leġiżlattivi elenkati fl-Anness XIII ta' dak ir-Regolament, jew li joħorġu minnhom, u għall-konsistenza magħhom.

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-politika agrikola komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

- (40) Sabiex jiġi żgurat li jiġi implimentati l-aħjar prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jimmonitorjaw mill-qrib l-impatt tal-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija u jaġġustaw il-prattiki u r-rakkomandazzjonijiet kif meħtieġ, filwaqt li jqisu għarfien ġdid mir-riċerka u l-innovazzjoni. F'dan ir-rigward, huma mistennija kontribuzzjonijiet siewja mill-Missjoni ta' Orizzont Ewropa "Patt dwar il-ħamrija għall-Ewropa" u, b'mod partikolari, il-laboratorji ħajjin tagħha u l-attivitajiet li jappoġġaw il-monitoraġġ tal-ħamrija, l-edukazzjoni dwar il-ħamrija u l-involviment taċ-ċittadini.
- (41) Ir-riġenerazzjoni **tal-ħamrija u r-rinaturazzjoni tal-ħamrija** jġibu l-ħamrija degradata lura għal kundizzjoni f'saħħitha. Meta jiddefinixxu l-miżuri ta' riġenerazzjoni tal-ħamrija, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jqisu l-eżitu tal-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija u jadattaw dawk il-miżuri ta' riġenerazzjoni għall-karatteristiċi speċifiċi tas-sitwazzjoni, it-tip, l-użu u l-kundizzjoni tal-ħamrija u l-kundizzjonijiet lokali, klimatiċi u ambjentali.

Fil-każ tar-rinaturazzjoni tal-ħamrija, u fil-kuntest ta' din id-Direttiva, hija differenti mir-riġenerazzjoni tal-ħamrija peress li tkopri r-rikostruzzjoni tal-ħamrija wara l-issiġillar tal-ħamrija jew il-qerda tal-ħamrija, u hija wkoll mod kif tiġi miġġielda l-artifiċjalizzazzjoni tal-ħamrija fis-sens wiesa' permezz tar-restawr tal-ħamrija, billi jiġu rkuprati aktar komponenti u proċessi naturali għal ħamrija li tkun ġiet artifiċjalizzata. L-għan aħħari huwa li noqorbu kemm jista' jkun lejn il-funzjonament naturali tal-ħamrija u l-provvista ottimali tagħha ta' servizzi tal-ekosistema. Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jew l-inġinerija ta' ħamrija ġdida huma modi possibbli biex jintlaħaq dan l-għan.

(42) Sabiex jiġu żgurati sinerġiji bejn il-miżuri differenti adottati skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li jista' jkollhom impatt fuq is-saħħa tal-ħamrija, u l-miżuri li għandhom jiġu stabbiliti għall-ġestjoni u r-riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija jkunu koerenti mal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr adottati f'konformità mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹; il-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115, il-kodiċijiet ta' Prattiki Agrikoli tajbin u l-programmi ta' azzjoni għal żoni vulnerabbli magħżula adottati f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE³⁰, il-miżuri ta' konservazzjoni u l-qafas ta' azzjoni prijoritizzata stabbilit għas-siti ta' Natura 2000 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE³¹, il-miżuri għall-kisba ta' status ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-korpi tal-ilma inklużi fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar imħejjija f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³², il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar stabbiliti f'konformità mad-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³, il-pjanijiet ta' ġestjoni tan-nixfa promossi fl-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima³⁴, il-programmi ta' azzjoni nazzjonali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, il-miri stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵ u r-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-

²⁹ UP: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar ir-restawr tan-natura li jinsab fid-dokument COM(2022) 304 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna [...]

³⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

³¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

³² Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, pp. 1-73).

³³ Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).

³⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, COM(2021) 82 final.

³⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-

Kunsill³⁶, il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷, il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejjija skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁸, il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ippjanar għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri stabbiliti f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹, il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰, **u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali adottati f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹, u l-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali mwettqa skont id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴².** Il-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija jenħteġ li jkunu, kemm jista' jkun, integrati fi ħdan dawn il-programmi, il-pjanijiet u l-miżuri sa fejn jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-oġġettivi tagħhom.

użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

³⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

³⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

³⁸ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

³⁹ Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

⁴⁰ + UP: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 li jinsab fid-dokument COM(2022) 305 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna

⁴¹ **Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).**

⁴² **Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (kodifikazzjoni) (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).**

Konsegwentement, l-indikaturi u d-data rilevanti, bħall-indikaturi tar-riżultati relatati mal-ħamrija skont ir-Regolament tal-PAK u d-data statistika dwar l-input u l-output agrikoli rrapportati skont ir-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija u għall-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija sabiex dawn id-data u l-indikaturi jiġu interkonnessi u, b'hekk, tkun tista' ssir l-aktar valutazzjoni akkurata possibbli tal-effettività tal-miżuri magħżula.

- (43) Is-siti kkontaminati **spiss** huma l-legat ta' għexieren ta' snin **ta' attivitajiet bħal** attività industrijali **jew militari fl-UE** u jistgħu jwasslu għal riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent issa u fil-futur. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-ewwel jiġu identifikati u investigati s-siti potenzjalment ikkontaminati u mbagħad, f'każ ta' kontaminazzjoni kkonfermata, jiġu vvalutati r-riskji **tas-sit ikkontaminat** u jittieħdu miżuri biex jiġu indirizzati riskji inaċċettabbli. **F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li jiġi kkunsidrat ukoll l-impatt ta' siti kkontaminati fuq mezzi jew matriċijiet ambjentali għajr il-ħamrija, bħall-ilma ta' taħt l-art jew tal-wiċċ. Xi wħud minn dawk l-attivitajiet, bħal pereżempju faċilitajiet tal-ħżin taħt l-art għal sustanzi perikolużi, jaf ikunu seħħew fil-materjal prinċipali jew fis-sodda tal-blat. Meta tali faċilità tal-ħżin taħt l-art tkun nixxet, il-kontaminanti jistgħu jkunu ċċaqalqu fis-sodda tal-blat jew fil-materjali prinċipali, iżda x'aktarx ma jinstabux fil-ħamrija. Madankollu dawn jistgħu jinfirxu u għalhekk ikollhom impatt fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent. Għalhekk, f'każ li tali attivitajiet ikunu preżenti f'siti potenzjalment ikkontaminati, il-materjal prinċipali jew is-sodda tal-blat fil-viċinanza tal-attività jkollhom jiġu investigati biex jiġi vverifikat jekk l-attività kkawżatx kontaminazzjoni li għandha impatt fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent.**

⁴³ Ir-Regolament (UE) 2022/2379 dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli.

(43a) L-investigazzjoni tal-ħamrija għandha tiddetermina jekk sit potenzjalment ikkontaminat huwiex ikkontaminat jew le, u jekk il-kontaminazzjoni toħloqx riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent; mhuwiex obbligatorju li jiġu analizzati deskritturi oħra tal-ħamrija għajr il-kontaminazzjoni tal-ħamrija f'din l-investigazzjoni. Peress li l-użu tal-art jista' jinbidel maż-żmien, huwa rilevanti li l-informazzjoni dwar il-kontaminazzjoni tinżamm aċċessibbli għall-pubbliku. Pereżempju, fil-mument li trid tittieħed deċiżjoni dwar il-bidla fl-użu tal-art, huwa importanti li titwettaq evalwazzjoni dwar jekk kontaminazzjoni li nstabet f'investigazzjoni tal-ħamrija fil-passat, tistax toħloq riskju għall-użu l-għdid tal-art li huwa previst. Għalhekk, biex jiġi konkluż jekk sit potenzjalment ikkontaminat huwiex ikkontaminat jew le, għandhom jitqiesu wkoll ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent marbuta mal-użi tas-sit sensittivi. **Investigazzjoni tal-ħamrija** tista' turi **wkoll** li sit potenzjalment ikkontaminat fil-fatt mhuwiex ikkontaminat. F'dak il-każ, jenħtieġ li s-sit ma jibqax jiġi ttikkettat mill-Istat Membru bħala potenzjalment ikkontaminat, sakemm ma tkunx issuspettata kontaminazzjoni abbażi ta' evidenza ġdida.

(43b) Peress li l-għadd ta' siti potenzjalment ikkontaminati u siti kkontaminati jista' jkun kbir ħafna u l-livell ta' riskju li joħloq sit ikkontaminat jista' jvarja minn baxx ħafna għal għoli ħafna, huwa loġiku li jiġi segwit approċċ ibbażat fuq ir-riskju u gradwali biex jiġu identifikati u investigati siti potenzjalment ikkontaminati u biex jiġu ġestiti siti kkontaminati. Approċċ bħal dan jista' jippermetti l-prijoritizzazzjoni mill-Istati Membri. F'din il-prijoritizzazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jqisu r-riskju potenzjali li toħloq kontaminazzjoni suspettata jew ikkonfermata, kif ukoll il-kuntest ekonomiku jew soċjali. L-evalwazzjoni ta' riskju potenzjali użata f'tali prijoritizzazzjoni hija ħafna aktar ġenerika mill-valutazzjoni tar-riskju speċifika għas-sit li titwettaq meta jiġi investigat sit ikkontaminat.

- (44) Sabiex jiġu identifikati siti potenzjalment ikkontaminati, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru evidenza, fost l-oħrajn, permezz ta' riċerka storika **li tesplora informazzjoni dwar [...] attivitajiet**, inċidenti u aċċidenti industrijali tal-passat, **bl-użu ta' mapep qodma, arkivji, artikli tal-istampa**, permessi ambjentali u notifiki mill-pubbliku jew mill-awtoritajiet. **Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddeċiedu dwar lista ta' attivitajiet potenzjalment kontaminanti u jkollhom il-possibbiltà li jipprijoritizzaw ċerti siti potenzjalment ikkontaminati li x'aktarx joħlqu riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, abbażi tat-tip ta' attività, id-daqs tal-kontaminazzjoni potenzjali, l-indikazzjoni ta' riskju immedjat jew informazzjoni rilevanti oħra. Peress li l-għadd ta' siti potenzjalment ikkontaminati jista' jevolvi maż-żmien, jenħtieġ li l-ewwel identifikazzjoni titlesta f'perjodu ta' żmien definit, abbażi tal-evidenza eżistenti, filwaqt li l-bqija jenħtieġ li jiġu identifikati permezz ta' approċċ sistematiku.**
- (45) Sabiex jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet tal-ħamrija dwar siti potenzjalment ikkontaminati jitwettqu fil-ħin u b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri, minbarra l-obbligu li jistabbilixxu l-[...] **perjodu ta' żmien** sa meta jenħtieġ li jitwettqu dawk l-investigazzjonijiet, ikunu meħtieġa jistabbilixxu eventi speċifiċi li jiskattaw ukoll tali investigazzjoni. Tali eventi skattaturi jistgħu jinkludu t-talba jew ir-rieżami ta' permess ambjentali jew tal-bini jew awtorizzazzjoni meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-attivitajiet ta' tħaffir tal-ħamrija, il-bidliet fl-użu tal-art jew it-tranżazzjonijiet tal-art jew tal-proprjetà immobbli. L-investigazzjonijiet tal-ħamrija jistgħu jsegwu stadji differenti, bħal studju **preliminari** mhux fuq il-post, **studju storiku speċifiku għas-sit biex tinġabar informazzjoni dwar attivitajiet industrijali tal-passat, inċidenti jew aċċidenti**, żjara fuq il-post, investigazzjoni preliminari jew esploratorja, investigazzjoni aktar dettaljata jew deskrittiva, [...] ittestjar fuq il-post jew fil-laboratorju, **u jistgħu jinkludu valutazzjoni speċifika għas-sit tar-riskji li l-kontaminazzjoni toħloq għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. F'każ li tinstab kontaminazzjoni, jenħtieġ li l-investigazzjoni tal-ħamrija tinfed il-karatterizzazzjoni tal-kontaminazzjoni u l-kuntest ambjentali tagħha u tipprovdi informazzjoni bażika għall-valutazzjoni tar-riskju speċifika għas-sit u d-disinn eventwali tal-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.** Ir-rapporti ta' bażi u l-miżuri ta' monitoraġġ implimentati f'konformità mad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ jistgħu jikkwalifikaw ukoll bħala investigazzjoni tal-ħamrija, fejn xieraq.

⁴⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

(46) Hija meħtieġa flessibbiltà għall-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati biex jitqiesu l-kostijiet, il-benefiċċji u l-ispeċifitàjiet lokali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri mill-inqas jadottaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju **u gradwali** għall-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati, filwaqt li jqisu d-differenza bejn dawn iż-żewġ kategoriji, u li jippermettilhom jallokaw ir-riżorsi, filwaqt li jqisu l-kuntest ambjentali, ekonomiku u soċjali speċifiku. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet, **inkluż l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju u gradwali**, jittieħdu abbażi tan-natura u tal-firxa tar-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent li jirriżultaw mill-esponiment għall-kontaminanti tal-ħamrija **jew għall-kontaminanti li jkunu mxew għal-ilma ta' taħt l-art** (eż. l-esponiment ta' popolazzjonijiet vulnerabbli bħan-nisa tqal, il-persuni b'diżabilità, l-anzjani u t-tfal).

(46a) Jenħtieġ li l-livelli tal-isfond naturali u antropoġeniċi jitqiesu fil-valutazzjoni tar-riskju u jistgħu jgħinu wkoll biex jiġu stabbiliti objettivi ta' rimedju jew ta' ġestjoni.

(46b) Jenħtieġ li l-analiżi kost-benefiċċji tal-investigazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju speċifika għas-sit jew ir-rimedju tal-impriża tkun pożittiva. **Pereżempju, għal siti kkontaminati fuq skala żgħira, valutazzjoni tar-riskju dettaljata speċifika għas-sit tista' tkun aktar għalja mir-rimedju immedjat tal-ħamrija, jew is-sit jista' jkun ikkontaminat b'mod evidenti u serju li ma tkunx meħtieġa valutazzjoni tar-riskju dettaljata speċifika għas-sit biex tittieħed deċiżjoni ta' rimedju. F'każijiet bħal dawn, l-għadd ta' passi fl-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jista' jitnaqqas u valutazzjoni tar-riskju dettaljata speċifika għas-sit ftit li xejn iġġib valur miżjud.** Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-metodoloġija speċifika għad-determinazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit ta' siti kkontaminati. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu wkoll x'jikkostitwixxi riskju inaċċettabbli minn sit ikkontaminat abbażi tal-għarfien xjentifiku, il-prinċipju ta' prekawzjoni, l-ispeċifitàjiet lokali u l-użu attwali u [...] **ppjanat** tal-art.

(46c) Sabiex ir-riskji ta' siti kkontaminati jitnaqqsu għal livell aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, jenħtiegħ li l-Istati Membri [...] **jżguraw li jittieħdu** miżuri adegwati tat-tnaqqis tar-riskji, inkluż rimedju. Jenħtiegħ li l-aħjar [...] **miżuri tat-tnaqqis tar-riskji** jkunu sostenibbli u magħżula permezz ta' proċess bilanċjat ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jqis l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali. **L-għażla tat-teknika jew tal-miżura tiddependi fuq taħlita ta' kriterji bħan-natura tal-kontaminanti, il-karatteristiċi tal-ħamrija, il-volum tal-kontaminazzjoni, il-ħin u l-ispazju disponibbli, ir-restrizzjonijiet baġitarji, l-oġettivi ta' rimedju, l-użu attwali u ppjanat tal-art, il-potenzjal li tittejjeb is-saħħa tal-ħamrija, it-traffiku fit-toroq, l-inkonvenjent għall-viċinat, l-operat attwali tal-attivitàjiet, eċċ.** Peress li r-rimedju tal-ħamrija jiffoka fuq it-tneħħija tar-riskju li l-kontaminazzjoni tal-ħamrija toħloq għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, jista' jkun li ma jtejjibx deskritturi oħra tas-saħħa tal-ħamrija. Ċerti tekniki ta' rimedju jista' jkollhom ukoll impatt negattiv fuq is-saħħa tal-ħamrija. Għalhekk, jenħtiegħ li jitqiesu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi kollha tat-tekniki ta' rimedju. Jenħtiegħ li jkun possibbli li l-miżuri meħuda skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jiġu kkwalifikati bħala miżuri tat-tnaqqis tar-riskji skont din id-Direttiva meta dawk il-miżuri effettivament inaqqsu r-riskji maħluqa minn siti kkontaminati.

(46d) Jenħtiegħ li l-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati tirrispetta l-prinċipji ta' min iniġġes iħallas, ta' prekawzjoni u ta' proporzjonalità. **Jenħtiegħ li l-Istati Membri jkollhom l-għan li jidentifikaw min iniġġes u jenħtiegħ li jistabbilixxu ġerarkija jew katina ta' responsabbiltà tad-deċiżjonijiet, biex jiddeċiedu min jenħtiegħ li jġarrab il-kost tal-investigazzjoni tal-ħamrija, il-valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.** L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiddistingwu aktar bejn siti kkontaminati storikament u dawk li jkunu għadhom kif ġew ikkontaminati u li japplikaw approċċ aktar strett għall-kontaminazzjoni kkawżata wara ċerta data. Fil-każ ta' siti kkontaminati li għalihom l-ebda parti responsabbli ma tista' tiġi identifikata jew miżmuma responsabbli, jenħtiegħ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw strumenti finanzjarji u programmi finanzjarji tal-UE sabiex jissodisfaw l-obbligi rigward l-investigazzjoni u r-rimedju tal-ħamrija.

- (46e) Il-kontaminazzjoni tal-ħamrija diġà hija ttrattata taħt il-leġislazzjoni Ewropea rilevanti eżistenti, bħal fid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali jew fid-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali. Ir-regoli ta' din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti skont il-leġislazzjoni Ewropea rilevanti eżistenti.
- (46f) Jenħtieġ li l-investigazzjonijiet tal-ħamrija, il-valutazzjonijiet tar-riskju jew il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li jkunu twettqu fuq siti potenzjalment ikkontaminati jew fuq siti kkontaminati qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva, jitqiesu xierqa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati minn din id-Direttiva f'tali siti.
- (47) Jenħtieġ li l-miżuri meħuda skont din id-Direttiva jqisu wkoll objettivi ta' politika oħrajn tal-UE, bħall-objettivi segwiti minn [ir-Regolament (UE) xxxx/xxxx⁴⁵] li għandhom l-għan li jiżguraw il-provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika għall-industrija tal-Ewropa.

⁴⁵ + UP: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jistabbilixxi qafas biex tiġi żgurata provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020 li jinsabu fid-dokument COM(2023) 160 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.

- (48) It-trasparenza hija komponent essenzjali tal-politika dwar il-ħamrija u tiżgura r-responsabbiltà u l-għarfien tal-pubbliku, il-kundizzjonijiet ġusti tas-suq u l-monitoraġġ tal-progress. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu u jżommu reġistru nazzjonali ta' siti kkontaminati u siti potenzjalment ikkontaminati li jkun fih informazzjoni speċifika għas-siti li jenħtieġ li ssir aċċessibbli għall-pubbliku f'bażi ta' data spazjali ġeoreferenzjata online. **F'każ li jiġu stabbiliti reġistri fil-livell sottonazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu punt ta' dħul nazzjonali kkoordinat għar-reġistri sottonazzjonali differenti, pereżempju b'sit web nazzjonali ċentralizzata b'links elettroniċi.** Jenħtieġ li r-reġistru jkun fih l-informazzjoni li hija meħtieġa sabiex il-pubbliku jkun infurmat dwar l-eżistenza u dwar il-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati. Minħabba li l-preżenza tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija għadha ma hijiex ikkonfermata, iżda hija biss issuspettata f'siti potenzjalment ikkontaminati, id-differenza bejn siti kkontaminati u siti potenzjalment ikkontaminati għandha tiġi kkomunikata u spjegata tajjeb lill-pubbliku biex jiġi evitat li jitqajjem tħassib bla bżonn. **Jenħtieġ li r-reġistri li jkunu diġà jeżistu fiż-żmien meta tidħol fis-seħħ din id-Direttiva u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva, jitqiesu xierqa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva.**
- (49) L-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jesiġi li l-Istati Membri jipprovdu rimedji suffiċjenti biex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, f'konformità mal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali⁴⁶ (il-Konvenzjoni ta' Aarhus), il-membri tal-pubbliku kkonċernati jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-ġustizzja sabiex jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-dritt ta' għajxien f'ambjent li huwa adegwat għas-saħħa u l-benesseri personali.

⁴⁶ Il-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali – Dikjarazzjoni, (ĠU L 124, 17.5.2005).

(49a) Kif iċċarat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja⁴⁷, l-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu l-pożizzjoni legali għall-kontestazzjoni ta' deċiżjoni ta' awtorità pubblika għal dawk il-membri tal-pubbliku kkonċernati li jkunu hađu sehem fil-proċedura amministrattiva preċedenti għall-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li kwalunkwe proċedura ta' rieżami tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u mhux għalja b'mod projbittiv, u tipprevedi mekkaniżmi ta' rimedju adegwati, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni kif xieraq. Barra minn hekk, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja⁴⁸, l-aċċess għall-ġustizzja għandu, bħala minimu, jingħata lill-membri tal-pubbliku kkonċernati.

⁴⁷ Il-Kawża C-826/18, Sentenza tal-Qorti (l-Ewwel Awla) tal-14 ta' Jannar 2021; LB et vs College van burgemeester en wethouders van de gemeente Echt-Susteren; il-punti 58 u 59.

⁴⁸ Il-Kawża C-237/07, Sentenza tal-Qorti (it-Tieni Awla) tal-25 ta' Lulju 2008; Dieter Janecek vs Freistaat Bayern; il-punt 42; Il-Kawża C-404/13, Sentenza tal-Qorti (it-Tieni Awla) tad-19 ta' Novembru 2014; Client Earth vs The Secretary of State for the Environment, Food and Rural Affairs; il-punt 56; Il-Kawża C-723/17, Sentenza tal-Qorti (l-Ewwel Awla) tas-26 ta' Ġunju 2019; Craeynest et; il-punt 56; Il-Kawża C-752/18, Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe eV vs Freistaat Bayern, il-punt 56.

(50) Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁹ tordna r-rilaxx ta' data tas-settur pubbliku f'formati liberi u miftuħa. L-oġġettiv ġenerali huwa li jtkompla t-tisħiħ tal-ekonomija tad-data tal-UE billi jiżdied l-ammont ta' data tas-settur pubbliku disponibbli għall-użu mill-ġdid, jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta u aċċess faċli għall-informazzjoni tas-settur pubbliku, u tissaħħaħ l-innovazzjoni transfruntiera bbażata fuq id-data. Il-prinċipju ewlieni huwa li jenħtieġ li d-data tal-gvern tkun miftuħa b'mod awtomatiku u mid-disinn. Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁰ għandha l-għan li tiggarrantixxi d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni ambjentali fl-Istati Membri f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-Direttiva 2003/4/KE jinkludu obbligi ġenerali relatati kemm mat-tqegħid ta' informazzjoni ambjentali disponibbli fuq talba, kif ukoll mat-tixrid attiv ta' tali informazzjoni. **Id-Direttiva 2003/04/KE tippredvi lista ristretta ta' eżenzjonijiet mit-tixrid jew id-divulgazzjoni ta' informazzjoni ambjentali, filwaqt li tqis l-interess pubbliku moqdi mit-tixrid, f'każ li t-tixrid jew id-divulgazzjoni tal-informazzjoni taffettwa ħażin ċerti interessi bħas-sigurtà pubblika jew id-difiża nazzjonali; il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjali jew industrijali fejn tali kunfidenzjalità hi stipulata mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni biex jitħares interess ekonomiku leġittimu, inkluż l-interess pubbliku biex tinżamm kunfidenzjalità ta' l-istatistika u s-segretezza tat-taxxa; il-kunfidenzjalità ta' data personali u/jew files relatati ma' persuna fiżika fejn dik il-persuna ma tatx il-kunsens tagħha għad-divulgazzjoni tal-informazzjoni lill-pubbliku, fejn tali kunfidenzjalità hi prevista mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni.** Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵¹ għandha wkoll kamp ta' applikazzjoni wiesa', li jkopri l-kondiviżjoni ta' informazzjoni ġeografika, inklużi settijiet ta' data dwar suġġetti ambjentali differenti. Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva relatati mal-aċċess għall-informazzjoni u l-arranġamenti ta' kondiviżjoni tad-data jikkomplementaw dawk id-Direttivi u ma johlqux reġim legali separat. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva rigward l-informazzjoni lill-pubbliku u l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttivi (UE) 2019/1024, 2003/4/KE u 2007/2/KE.

⁴⁹ Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

⁵⁰ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

⁵¹ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

(50a) Huwa importanti wkoll li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva relatati mal-arranġamenti tal-kondiviżjoni tad-data jippermettu lill-Istati Membri jużaw mill-ġdid l-infrastrutturi tad-data diġà eżistenti stabbiliti skont id-Direttivi (UE) 2019/1024 u 2007/2/KE biex jiġi żgurat skambju effettiv u f'waqtu tal-informazzjoni. Għal din ir-raġuni l-Istati Membri u l-Kummissjoni jistgħu jagħmlu użu minn għodod bħal RAPORTNET li hija ġestita mill-EEA. Dan l-approċċ isegwi l-prinċipju ta' darba biss u jevita piż addizzjonali fuq l-Istati Membri biex jistabbilixxu infrastruttura tad-data ddedikata skont din id-Direttiva.

(51) Sabiex jiġi żgurat l-adattament meħtieġ tar-regoli dwar il-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija, il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u l-ġestjoni ta' siti kkontaminati, is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' din id-Direttiva sabiex il-metodoloġiji għall-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija, [...] il-lista indikattiva ta' miżuri tat-tnaqqis tar-riskji, u il-fażijiet u r-rekwiżiti għall-valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit. [...] Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁵². B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

⁵² Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

(52) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-format, l-istruttura u l-arranġamenti dettaljati għar-rapportar tad-data u tal-informazzjoni b'mod elettroniku lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵³.

(52a) Sabiex tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri biex iwettqu l-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippredvi dokumenti u għodod xjentifiċi li janalizzaw, jissintetizzaw u jiddokumentaw, b'mod effiċjenti u kkoordinat, metodoloġiji u proċeduri possibbli li jistgħu jiġu applikati. Dawn id-dokumenti mhux vinkolanti u l-għodod xjentifiċi jipprovdu fi żmien debitu informazzjoni essenzjali għall-Istati Membri, filwaqt li jiżguraw il-flessibbiltà biex ikomplu jużaw metodoloġiji u proċeduri diġà fis-seħħ. Jenħtieġ li d-dokumenti u l-għodod xjentifiċi jiġu stabbiliti f'kooperazzjoni mal-Istati Membri. Jenħtieġ li dawn id-dokumenti u l-għodod xjentifiċi jiġu kkomplementati bl-assistenza u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet meħtieġa.

⁵³ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (52b) Minbarra d-dokumenti u l-għodod xjentifiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni torganizza skambju regolari ta' informazzjoni, esperjenzi u l-aħjar Prattiki dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dan il-forum jista', minbarra l-implimentazzjoni Prattika ta' din id-Direttiva, jintuża biex jiġi diskuss, pereżempju, l-użu ta' sistemi tad-dawl tat-traffiku għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tar-riżultati tal-valutazzjonijiet tas-saħħa tal-ħamrija; il-ġestjoni sostenibbli tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija għajr il-kontaminazzjoni mis-sors lokalizzat antropoġenika; l-applikazzjoni tal-ġerarkija tar-responsabbiltà li tiddefinixxi l-parti jew il-partijiet responsabbli għall-ġestjoni ta' siti kkontaminati; il-ġestjoni ta' siti orfni; tekniki ta' rimedju għal siti kontaminati; l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni tal-livelli tal-isfond naturali u antropoġeniċi; approċċi differenti għall-identifikazzjoni ta' żoni fejn ma jiġux issodisfati kriterji individwali għal kundizzjoni f'saħħitha tal-ħamrija; il-Prattiki tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità għall-laboratorji; il-prinċipji tal-issiġillar tal-ħamrija u tal-mitigazzjoni tal-qerda tal-ħamrija.
- (53) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni bbażata fuq l-evidenza u, fejn rilevanti, reviżjoni ta' din id-Direttiva, **7 snin u nofs** [...] wara d-dħul fis-seħħ tagħha abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tivvaluta b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti aktar speċifiċi biex jiġi żgurat li l-ħamrija [...] **degradata** tiġi riġenerata u li jintlaħaq l-oġettiv li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tivvaluta wkoll il-ħtieġa li d-definizzjoni ta' ħamrija f'saħħitha tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu dispożizzjonijiet dwar ċerti deskritturi jew kriterji bbażati fuq evidenza xjentifika ġdida relatata mal-protezzjoni tal-ħamrija jew abbażi ta' problema speċifika għal Stat Membru li tinħoloq minn ċirkostanzi ambjentali jew klimatiċi ġodda. Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' effiċjenza, effettività, rilevanza, koerenza u valur miżjud tal-UE u jenħtieġ li tipprovdi l-bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri ulterjuri possibbli.

- (54) Huma meħtieġa miżuri kkoordinati mill-Istati Membri kollha sabiex tinkiseb il-viżjoni li l-
ħamrija kollha tkun f'saħħitha sal-2050 u biex jiġi żgurat il-forniment fit-tul ta' servizzi tal-
ekosistema mill-ħamrija madwar l-Unjoni. L-azzjonijiet individwali tal-Istati Membri wrew li
ma humiex biżżejjed minħabba li d-degradazzjoni tal-ħamrija qed tkompli u saħansitra qed
tiżdied [...]. Billi l-oġġettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati
Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-
livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif
stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-
Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk
l-oġġettivi.
- (55) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati
Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni⁵⁴, l-Istati Membri impenjaw
ruħhom li, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom tkun
akkumpanjata minn dokument wieħed jew iktar, fejn tiġi spjegata l-korrelazzjoni bejn il-
komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni.
Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawk id-dokumenti hija
ġustifikata.

⁵⁴ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Objettiv u Suġġett

1. L-objettiv tad-Direttiva huwa li jiġi stabbilit qafas ta' monitoraġġ tal-ħamrija sod u koerenti għall-ħamrija kollha madwar l-**Unjoni** [...], biex tittejjeb kontinwament is-saħħa tal-ħamrija fl-Unjoni, **il-ħamrija tinżamm f'kundizzjoni b'saħħitha u jiġu indirizzati l-aspetti kollha tad-degradazzjoni tal-ħamrija**, bil-ħsieb li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050,[...] sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi tal-ekosistema multipli fuq skala suffiċjenti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ambjentali, soċjetali u ekonomiċi, jiġu evitati u jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, tiżdied ir-reżiljenza kontra d-diżastri naturali u għas-sigurtà tal-ikel u li l-kontaminazzjoni tal-ħamrija titnaqqas għal livelli li ma għadhomx meqjusa ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.
2. Din id-Direttiva tistabbilixxi **qafas u** miżuri dwar:
 - (a) il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija;
 - (b) il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija;
 - (c) **il-ġestjoni ta' siti kkontaminati.**

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva tapplika għall-ħamrija kollha fit-territorju tal-Istati Membri.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "ħamrija" tfisser is-saff ta' fuq tal-qoxra tad-Dinja li jinsab bejn is-sodda ta' blat **jew il-materjal prinċipali** u l-wiċċ tal-art, li huwa magħmul minn partikoli minerali, materjal organiku, ilma, arja u organiżmi ħajjin;
- (2) "ekosistema" tfisser kumpless dinamiku ta' komunitajiet ta' pjanti, annimali u mikro-organiżmi u l-ambjent mhux ħaj tagħhom li jinteraġixxu bħala unità funzjonali;
- (3) "servizzi tal-ekosistema" tfisser il-kontribuzzjonijiet **diretti jew** indiretti tal-ekosistemi għall-benefiċċji ekonomiċi, soċjali, kulturali u oħrajn li n-nies jieħdu minn dawk l-ekosistemi;
- (4) "saħħa tal-ħamrija" tfisser il-kundizzjoni fiżika, kimika u bijoloġika tal-ħamrija li tiddetermina l-kapaċità tagħha li tiffunzjona bħala sistema vitali ta' għajxien u li tipprovdi servizzi tal-ekosistema;
- (5) "ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija" tfisser prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija li jżommu jew itejbu s-servizzi tal-ekosistema pprovduti mill-ħamrija mingħajr ma jfixklu l-funzjonijiet **tal-ħamrija** li jippermettu dawk is-servizzi, jew li jkunu ta' detriment **sinifikanti** għal proprjetajiet oħrajn tal-ambjent;
- (6) "prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija" tfisser prattiki li jħallu impatt fuq il-**proprjetajiet** [...] fiżiċi, kimiċi jew bijoloġiċi ta' ħamrija;
- (7) "ħamrija ġestita" tfisser ħamrija fejn jitwettqu prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija;

- (8) "distrett tal-ħamrija" tfisser il-parti tat-territorju ta' Stat Membru, kif delimitata minn dak l-Istat Membru f'konformità ma' din id-Direttiva;
- (8a) **"unità tal-ħamrija" tfisser żona spazjalment diskreta f'distrett tal-ħamrija li tirriżulta mill-intersezzjoni ta' data spazjali użata bħala kriterju għall-omoġeneità statistika f'dak id-distrett tal-ħamrija;**
- (9) "valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija" tfisser l-evalwazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija abbażi tal-kejl jew l-istima tad-deskritturi tal-ħamrija;
- (9a) **"deskrittur tal-ħamrija" tfisser parametru li jiddeskrivi karatteristika fiżika, kimika jew bijoloġika tas-saħħa tal-ħamrija;**
- (9b) **"sit potenzjalment ikkontaminat" tfisser żona delineata fejn il-kontaminazzjoni tal-ħamrija jew il-kontaminazzjoni ta' sodda ta' blat jew ta' materjal prinċipali, ikkawżat minn attivitajiet antropoġeniċi minn sors lokalizzat, hija suspettata bi probabbiltà għolja abbażi ta' evidenza rilevanti;**
- (10) **"sit ikkontaminat" tfisser żona delineata [...] b'kontaminazzjoni tal-ħamrija kkonfermata jew kontaminazzjoni tas-sodda ta' blat jew tal-materjal prinċipali kkawżata minn attivitajiet antropoġeniċi minn sors lokalizzat [...];**
- [...]
- (12) "art" tfisser is-superfiċje tad-Dinja li ma hijiex **regolarment** mgħottija b'**korpi** tal-ilma;
- (13) "kopertura tal-art" tfisser il-kopertura fiżika u bijoloġika tas-superfiċje tad-dinja;

- (14) **"ħamrija mhux issiġillata" tfisser żona ta' ħamrija li ma taqax taħt id-definizzjoni ta' ħamrija ssiġillata [...];**
- (15) **"issiġillar tal-ħamrija" tfisser il-kisi tal-ħamrija permezz ta' bini, kostruzzjoni u saffi ta' materjal kompletament jew parzjalment impermeabbli [...];**
- (16) **"ħamrija ssiġillata" tfisser żona ta' ħamrija li għaddiet mill-issiġillar tal-ħamrija [...];**
- (17) **"qerda tal-ħamrija" tfisser it-tneħħija temporanja jew fit-tul tal-ħamrija [...];**
- (17a) **"ħamrija meqruda" tfisser żona ta' ħamrija li tkun għaddiet minn qerda tal-ħamrija;**
- (17b) **"tneħħija tal-issiġillar" tfisser il-konverżjoni ta' ħamrija ssiġillata f'ħamrija mhux issiġillata;**

- (18) "funzjoni ta' trasferiment" tfisser regola matematika li tippermetti li l-valur ta' kejl, imwettaq bl-użu ta' metodoloġija differenti minn metodoloġija ta' referenza, jiġi kkonvertit fil-valur li jinkiseb bit-twettiq tal-kejl tal-ħamrija bl-użu tal-metodoloġija ta' referenza;
- (19) "membri tal-pubbliku kkonċernati" tfisser il-membri tal-pubbliku affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mid-degradazzjoni tal-ħamrija, jew li għandhom interess fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-obbligi skont din id-Direttiva, inklużi s-sidien tal-artijiet u l-utenti tal-artijiet, kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali.
- (20) "kontaminazzjoni tal-ħamrija" tfisser il-preżenza ta' [...] sustanza fil-ħamrija [...] **f'livell** li jista' jkun ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent;
- (21) "kontaminant" tfisser sustanza li tista' tikkawża kontaminazzjoni tal-ħamrija **jew kontaminazzjoni tas-sodda ta' blat jew ta' materjal prinċipali**;
- (22) "riġenerazzjoni **tal-ħamrija**" tfisser attività intenzjonata mmirata biex treġġa' lura l-ħamrija minn kundizzjoni degradata għal kundizzjoni f'saħħitha;
- (22a) "rinaturazzjoni tal-ħamrija" tfisser ir-restawr jew ir-rikostruzzjoni tal-ħamrija meqorda bil-għan li tiġi rkuprata l-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi tal-ekosistema;
- (23) "riskju" tfisser il-probabbiltà ta' effetti ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent li jirriżultaw minn esponiment għall-kontaminazzjoni tal-ħamrija **jew għall-kontaminazzjoni tas-sodda ta' blat jew tal-materjal prinċipali**;
- (24) "investigazzjoni tal-ħamrija" tfisser proċess **li jista' jitwettaq f'fażijiet multipli u iterattivi** biex jiġu vvalutati l-preżenza u [...] l-**livell** ta' kontaminanti fil-ħamrija, **fis-sodda ta' blat jew fil-materjal prinċipali u, jekk rilevanti, biex tiġi kkaratterizzata u delineata l-firxa ta' sit ikkontaminat u, jekk rilevanti, biex jiġu vvalutati r-riskji speċifiċi għas-sit li s-sit ikkontaminat johlq għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent [...]**;

[...]

- (26) "rimedju tal-ħamrija" tfisser [...] **sett ta' azzjonijiet** li jnaqqsu, jiżolaw jew jimmobilizzaw kontaminanti [...] fil-ħamrija, **fis-sodda ta' blat jew fil-materjal prinċipali**;
- (27) "miżuri tat-tnaqqis tar-riskji" tfisser miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu r-riskji ta' siti kkontaminati għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent billi jimmodifikaw ir-rabta bejn ir-riċevitur u l-passaġġ tas-sors mingħajr ma jbiddu l-karatteristiċi tal-kontaminazzjoni nnifisha jew permezz tar-rimedju tal-ħamrija.

Distretti tal-ħamrija u unitajiet tal-ħamrija

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, **għal finijiet amministrattivi**, [...] fit-territorju kollu tagħhom, **distrett wieħed jew aktar tal-ħamrija taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità kompetenti waħda jew aktar kif maħtura skont l-Artikolu 5.**

[...]
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu wkoll unitajiet tal-ħamrija li jkopru t-territorju kollu tagħhom għall-finijiet tat-tfassil tal-qafas ta' monitoraġġ u r-rapportar dwar is-saħħa tal-ħamrija b'livell partikolari ta' inċertezza f'dik l-unità tal-ħamrija, [...] filwaqt li jqisu [...]:
 - (a) **il-firxa ġeografika tad-distretti tal-ħamrija kif stabbiliti skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu**[...]⁵⁵;
 - (b) **it-tip ta' ħamrija kif definit fil-mappa tar-reġjuni tal-ħamrija tal-Unjoni Ewropea u tal-Pajjiżi Adjaċenti**⁵⁶;

⁵⁵ [...]

⁵⁶ "Ħamrija Reġjuni tal-Unjoni Ewropea u Pajjiżi Adjaċenti 1:5,000,000", 2005, aċċessat 2024-03-07, <https://data.europa.eu/data/datasets/ae71ffee-1ae9-4624-ae3f-f49513fe9dcb?locale=mt>

(c) il-kategoriji tal-użu tal-art, minbarra l-korpi tal-ilma, kif imsemmi fir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament u tal-Kunsill⁵⁷[...];

[...] ⁵⁸ [...] ⁵⁹

[...]

L-Istati Membri jistgħu jużaw data ekwivalenti aktar dettaljata jew aġġornata meta tkun disponibbli fil-livell Ewropew, nazzjonali jew sottonazzjonali biex jistabbilixxu l-unitajiet tal-ħamrija tagħhom.

L-Istati Membri jistgħu jqisu data spazjali addizzjonali biex jistabbilixxu l-unitajiet tal-ħamrija tagħhom, bħall-klima, iż-żona ambjentali kif deskritta fir-Rapport ta' Alterra 2281⁶⁰, jew il-baċini tax-xmajjar.

Artikolu 5

Awtoritajiet kompetenti

L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti responsabbli f'livell xieraq għat-twettiq tad-dmirijiet stipulati f'din id-Direttiva.

[...]

⁵⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE

⁵⁸ [...]

⁵⁹ [...]

⁶⁰ **M.J. Metzger, A.D. Shkaruba, R.H.G. Jongman and R.G.H. Bunce, Descriptions of the European Environmental Zones and Strata, Alterra Report 2281 ISSN 1566-7197.**

Kapitolu II

Monitoraġġ u valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija

Artikolu 6

Qafas ta' monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija u [...] tal-issiġillat tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas ta' monitoraġġ **f'livell xieraq għad-deskrizzjoni tal-ħamrija u l-indikaturi tal-issiġillat tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija** [...] biex jiżguraw li jitwettaq monitoraġġ regolari, **koerenti** u preċiż tas-saħħa tal-ħamrija **u tal-issiġillat u l-qerda tal-ħamrija** f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Annessi I u II.

Jekk ikun meħtieġ, l-Istati Membri jistgħu jadattaw il-qafas ta' monitoraġġ tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom sabiex iqisu l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw is-saħħa tal-ħamrija **f'kull unità tal-ħamrija f'distrett tal-ħamrija** u [...] **l-issiġillat tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija** f'kull distrett tal-ħamrija.
3. Il-qafas ta' monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq dawn li ġejjin:
 - (a) id-deskrizzjoni tal-ħamrija u [...] l-kriterji **għal kundizzjoni f'saħħitha tal-ħamrija** msemmija fl-Artikolu 7;
 - (b) il-punti ta' kampjunar tal-ħamrija li għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 8(1[...]);
 - (c) il-kejl tal-ħamrija **li għandu** jitwettaq mill-Istati Membri **u, jekk ikun applikabbli, mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 8(2) u 8(2a)[...];**
 - (d) id-data u l-prodotti ta' telerilevament msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, jekk ikun hemm;
 - (e) l-indikaturi [...] tal-issiġillat tal-ħamrija **u tal-qerda tal-ħamrija** msemmija fl-Artikolu 7(1).

[...]

5. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) għandhom jingranaw id-data u l-prodotti eżistenti bbażati fl-ispazju mwassla taħt il-komponent Copernicus tal-Programm Spazjali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696 biex, **flimkien mal-Istati Membri,**

jesploraw u jiżviluppaw prodotti ta' telerilevament tal-ħamrija, biex **jipprovdu lill-Istati Membri d-data meħtieġa dwar l-indikaturi tal-issiġillar tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija u biex** jappoġġaw lill-Istati Membri fil-monitoraġġ tad-deskrizzjoni rilevanti tal-ħamrija.

6. Il-Kummissjoni u l-EEA għandhom, abbażi tad-data eżistenti u fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jistabbilixxu portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija li għandu jipprovdi aċċess f'format spazjali georeferenzjat għal mill-inqas id-data disponibbli dwar is-saħħa tal-ħamrija aggregata fil-livell tal-unità tal-ħamrija jew f'livell aktar dettaljat, li tirriżulta minn:

- (a) il-kejl tal-ħamrija msemmi fl-Artikolu 8(2) **u (2a)**;

[...]

- (c) id-data u l-prodotti rilevanti ta' telerilevament tal-ħamrija msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

It-trattament ta' din id-data kif ukoll l-aċċess għaliha għandhom isiru f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

- 6a. Il-Kummissjoni u l-EEA għandhom jiżguraw li l-Istati Membri jingħataw, b'mod bikri, f'waqt u effettiv, l-opportunità li jesprimu l-opinjoni tagħhom u li jitolbu korrezzjoni tal-iżbalji, jekk ikun hemm, qabel ma d-data dwar is-saħħa tal-ħamrija ssir pubblika permezz tal-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija msemmi fil-paragrafu 6. Dan għandu japplika wkoll għal kwalunkwe rapport ieħor ibbażat fuq il-qafas ta' monitoraġġ stabbilit skont din id-Direttiva.**
7. Il-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija msemmi fil-paragrafu 6 jista' jipprovdi wkoll aċċess għal data oħra relatata mas-saħħa tal-ħamrija minbarra d-data msemmija f'dak il-paragrafu jekk dik id-data tkun ġiet kondiviża jew miġbura f'konformità mal-formati jew il-metodi stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 8.
- 7a. Il-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija msemmi fil-paragrafu 6 ma għandux jipprovdi aċċess għad-data u l-informazzjoni li d-divulgazzjoni tagħhom taffettwa ħażin is-sigurtà pubblika jew id-difiża nazzjonali.**
8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formati jew metodi għall-kondivizzjoni jew il-ġbir tad-data msemmija [...] **f'dan l-Artikolu** jew għall-integrazzjoni ta' dik id-data fil-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21.

**Deskritturi tal-ħamrija, kriterji għall-kundizzjoni f'saħħha tal-ħamrija, u [...] indikaturi tal-
issiġillar tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija**

1. Meta jimmonitorjaw u jivvalutaw is-saħħa tal-ħamrija, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-deskritturi tal-ħamrija [...] elenkati fl-Anness I, **il-Partijiet A, B u C**.

Meta jimmonitorjaw [...] **l-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija**, l-Istati Membri għandhom japplikaw [...] l-indikaturi tal-issiġillar tal-ħamrija **u tal-qerda tal-ħamrija** [...] elenkati fl-Anness I, **Parti D**.

2. Meta jivvalutaw is-saħħa tal-ħamrija, l-Istati Membri għandhom jużaw kriterji għal kundizzjoni f'saħħha tal-ħamrija. Il-kriterji għal kundizzjoni f'saħħha tal-ħamrija għandhom jikkonsistu minn:

- (a) valuri fil-mira sostenibbli mhux vinkolanti elenkati fl-Anness I, **Partijiet A u B**; u
- (b) valuri ta' skattar operazzjonali.

[...]

3. L-Istati Membri għandhom [...] **jistabbilixxu** l-kontaminanti organiċi għad-deskrittur tal-ħamrija relatat mal-kontaminazzjoni tal-ħamrija msemmija fil-**Parti B** tal-Anness I. **Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-lista ta' sorveljanza indikattiva msemmija fil-paragrafu 5a.**

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu [...] **l-valuri ta' mira sostenibbli mhux vinkolanti** għad-deskritturi tal-**ħamrija** elenkati fil-**Parti B** tal-Anness I f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-tielet kolonna fil-**Parti B** tal-Anness I.
- 4a. **L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valur ta' skattar operazzjonali wieħed jew aktar għal kull deskrittur tal-**ħamrija** elenkat fl-Anness I, il-Partijiet A u B, li jirriflettu l-livelli ta' degradazzjoni tal-**ħamrija** li għalihom huma meħtieġa miżuri biex tittejjeb is-saħħa tal-**ħamrija** f'konformità mal-Artikolu 9(4) ta' din id-Direttiva.**
- L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-valur ta' skattar operazzjonali għal degradazzjoni waħda jew aktar tal-**ħamrija** fl-istess livell bħall-valur fil-mira sostenibbli mhux vinkolanti għal dawn id-degradazzjonijiet tal-**ħamrija**.**
5. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu deskritturi addizzjonali tal-**ħamrija** u [...] indikaturi **tal-issiġillat tal-**ħamrija** u tal-qerda tal-**ħamrija** [...] li mhumiex elenkati fl-[...] Anness I [...].**
- 5a. **Fi żmien (UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, lista ta' sorveljanza indikattiva ta' kontaminanti tal-**ħamrija**, li għandhom potenzjal għoli li jaffettwaw is-saħħa tal-**ħamrija**, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, u għandha taġġorna l-lista skont l-aħħar għarfien xjentifiku. L-Istati Membri jistgħu jadattaw id-deskrittur tal-kontaminazzjoni tal-**ħamrija** tagħhom kif xieraq.**
6. L-Istati Membri għandhom jinformat lill-Kummissjoni meta jiġu stabbiliti jew adattati deskritturi tal-**ħamrija**, [...] indikaturi **tal-issiġillat tal-**ħamrija** u tal-qerda tal-**ħamrija** u [...]** kriterji **għal kundizzjoni f'saħħitha tal-**ħamrija** f'konformità mal-paragrafi minn 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu.**

Kejl u metodoloġiji

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-punti ta' kampjunar billi japplikaw il-metodoloġija li tinsab fil-**Parti A.1** tal-Anness II.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri b'mapep rilevanti tad-deskrizzjoni tal-ħamrija, il-kampjun inizjali tal-bidu u d-data rilevanti marbuta mal-punti ta' kampjunar miġbura taħt sħarriġ Ewropew preċedenti dwar il-ħamrija għall-applikazzjoni tal-metodoloġija stabbilita fil-Parti A.1** tal-Anness II.**

- 1a. Wara d-determinazzjoni tal-punti ta' kampjunar u qabel l-istħarriġ kampjunarju, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe hteġa potenzjali għal appoġġ fir-rigward ta' kampjunar fuq il-post u analiżi tal-ħamrija kif ukoll kwalunkwe hteġa oħra relatata mal-istħarriġ kampjunarju.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtiġijiet u tistabbilixxi l-livell xieraq ta' appoġġ f'koordinazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati.

F'każ ta' appoġġ mill-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jadatta l-istħarriġ kampjunarju kif xieraq u l-organizzazzjoni prattika bejn il-Kummissjoni u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tkun koperta minn ftehim bil-miktub. Fil-każ ta' appoġġ għall-istħarriġ fuq il-post, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-Kummissjoni tkun tista' twettaq kampjunar tal-ħamrija in situ.

2. L-Istati Membri u, f'każ ta' appoġġ mill-Kummissjoni u f'konformità mal-ftehim bil-miktub imsemmi fil-paragrafu 1(a) is-subparagrafu 3, il-Kummissjoni għandhom iwettqu kejl tal-ħamrija billi jieħdu kampjuni tal-ħamrija fil-punti ta' kampjunar imsemmija fil-paragrafu 1 u jiġbru, jipproċessaw u janalizzaw id-data **kif rilevanti** sabiex jiddeterminaw dawn li ġejjin:

(a) il-valuri tad-deskrizzjoni tal-ħamrija kif **elenkati** [...] fl-Anness I;

(b) fejn rilevanti, il-valuri tad-deskrizzjoni addizzjonali tal-ħamrija;

[...]

L-Istati Membri huma eżentati milli jieħdu kampjuni tal-ħamrija minn ħamrija ssiġillata u meqruda.

Fir-rigward tal-aspett tad-degradazzjoni tal-ħamrija tas-salinazzjoni elenkat fil-Parti A tal-Anness I, l-Istati Membri jistgħu jeskludu ż-żoni li mhumiex f'riskju ta' salinazzjoni mill-kejl tal-konduttività elettrika u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Il-kampjunar tal-ħamrija in situ għandu jitwettaq f'konformità mal-kriterji minimi għall-metodoloġija tal-istħarriġ ta' kampjuni fuq il-post definiti fil-Parti A.2 tal-Anness II.

2a. **Bil-kundizzjoni li d-data tkun inġabret fl-istess perjodu tal-istħarriġ kampjunarju u skont il-metodoloġiji msemmija fl-Anness II, il-Parti A.2 u l-Parti B, il-kejl tal-ħamrija li għandu jitwettaq mill-Istati Membri kif imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jikkonsisti minn, fejn rilevanti, il-kejl magħmul:**

(i) **mill-Istati Membri, f'konformità man-networks u l-istħarriġiet nazzjonali jew sottonazzjonali eżistenti għall-monitoraġġ tal-ħamrija;**

- (ii) mill-Istati Membri skont il-leġislazzjoni tal-Unjoni u d-dritt internazzjonali;
- (iii) minn atturi privati, organizzazzjonijiet ta' riċerka u partijiet oħra, fejn disponibbli.

Għall-ewwel ċiklu ta' kejl tal-ħamrija li għandu jitwettaq f'konformità mal-paragrafu 4, il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jibda fi ... (UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = sena qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva).

2b. L-Istati Membri għandhom jiġbru, jipproċessaw u janalizzaw id-data sabiex jiddeterminaw il-valuri tal-indikaturi tal-issiġillar tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija elenkati fil-Parti D tal-Anness I.

3. L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

- (a) il-metodoloġiji għad-determinazzjoni jew l-istima tal-valuri tad-deskritturi tal-ħamrija stabbiliti fil-Parti B tal-Anness II;
- (b) il-kriterji metodoloġiċi minimi għad-determinazzjoni tal-valuri tal-indikaturi [...] tal-issiġillar tal-ħamrija **u tal-qerda tal-ħamrija** stipulati fil-Parti C tal-Anness II;
- (c) kwalunkwe rekwiżit stipulat mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 6.

L-Istati Membri jistgħu japplikaw metodoloġiji oħrajn għajr dawk elenkati fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, diment li **jsiru** disponibbli funzjonijiet ta' trasferiment ivvalidati, kif meħtieġ fl-Anness II, il-Parti B, ir-raba' kolonna.

3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-laboratorji, jew il-partijiet ikkuntrattati mil-laboratorji, li jwettqu l-kejl tal-ħamrija japplikaw prattiki tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità f'konformità mal-EN ISO/IEC-17025 jew ma' standards ekwivalenti oħra aċċettati fil-livell tal-Unjoni jew internazzjonali, u jkollhom aċċess għal persunal ikkwalifikat kif xieraq b'taħriġ adegwat u għall-infrastruttura, it-tagħmir u l-prodotti meħtieġa biex iwettqu tali kejl tal-ħamrija.

Meta jivvalutaw il-konformità mal-prattiki tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità, l-Istati Membri jistgħu jqisu akkreditazzjoni waħda suffiċjenti għal waħda mill-metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-valuri tad-deskrizzjoni tal-ħamrija stipulati fil-Parti B tal-Anness II.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-laboratorji, jew il-partijiet ikkuntrattati mil-laboratorji, li jwettqu l-kejl tal-ħamrija juru l-kompetenzi tagħhom fl-analiżi tal-kejl rilevanti permezz ta':

- (a) parteċipazzjoni fi programmi ta' ttestjar tal-profiċjenza li jkopru l-metodi ta' analiżi f'livelli ta' konċentrazzjonijiet li huma rappreżentattivi tal-programmi ta' monitoraġġ tal-ħamrija, jekk disponibbli;**
- (b) analiżi ta' materjali ta' referenza li huma rappreżentattivi tal-kampjuni miġbura li fihom livelli xierqa ta' konċentrazzjonijiet, jekk disponibbli.**

Meta l-Kummissjoni twettaq kejl tal-ħamrija skont dan l-Artikolu, dan il-paragrafu għandu japplika għall-Kummissjoni.

4. L-Istati Membri u, f'każ ta' appoġġ mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-ewwel kejl tal-ħamrija jsir sa mhux aktar tard minn... (UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = [...]) 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir kejl ġdid tal-ħamrija [...] kull [...] **6 snin fi ħdan kampanja ta' kampjunar waħda jew bħala parti minn skema ta' kampjunar kontinwu matul il-perjodu ta' żmien indikat.**

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, qabel kampanja ġdida ta' kampjunar, li ma jwettqux kejl ġdid tal-ħamrija għal deskrittur tal-ħamrija f'parti mit-territorju jew fit-territorju kollu tagħhom jekk ikun raġonevoli u ġustifikat li jkun mistenni, abbażi ta' data miġbura qabel skont l-Artikoli 6, 7 u 8, u abbażi tal-użu ta' evidenza xjentifika, inkluż mudelli ta' previżjoni tal-ħamrija, li l-valur ta' tali deskrittur tal-ħamrija ma jkunx evolva b'mod sinifikanti mill-aħħar ċiklu. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni bħal din.

- 5a.** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valur tal-indikaturi [...] tal-issiġillar tal-ħamrija **u tal-qerda tal-ħamrija** jiġi aġġornat mill-inqas kull **3 snin, abbażi tal-informazzjoni disponibbli.**
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness II, **il-Parti B** sabiex tadatta l-metodoloġiji ta' referenza msemmija fih għall-progress tekniku u xjentifiku, b'mod partikolari meta l-valuri tad-deskritturi tal-ħamrija jkun u jistgħu jiġu ddeterminati permezz tal-**prodotti** tat-telerilevament imsemmija fl-Artikolu 6(5).

Valutazzjonijiet tas-saħħa tal-ħamrija

1. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw is-saħħa tal-ħamrija fid-distretti kollha tal-ħamrija tagħhom **u fl-unitajiet tal-ħamrija assoċjati** abbażi tad-data miġbura fil-kuntest tal-monitoraġġ imsemmi fl-Artikoli 6, 7 u 8 għal kull wieħed mid-deskritturi tal-ħamrija [...] **elenkati** fil-Partijiet A u B tal-Anness I.

[...]

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-**valutazzjonijiet tas-saħħa tal-ħamrija** jsiru [...] kull **6** snin u li l-ewwel valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija ssir sa ... (*UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = [...] 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva*).

[...]

2. **Is-saħħa tal-ħamrija tiġi vvalutata fir-rigward ta' kull aspeċt tad-degradazzjoni tal-ħamrija bl-użu tal-valur fil-mira sostenibbli mhux vinkolanti u l-valuri skattaturi operazzjonali għall-kriterju relatat għall-kundizzjoni f'saħħitha tal-ħamrija stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 7(2), 7(4) u 7(4a).**
3. L-Istati Membri għandhom janalizzaw il-valuri għad-deskrizzjoni tal-ħamrija elenkati fil-**Parti C tal-Anness I [...]** **bil-ħsieb li jidentifikaw** jekk hemmx telf kritiku tas-servizzi tal-ekosistema, filwaqt li jqisu d-data rilevanti u l-għarfien xjentifiku disponibbli.
- L-Istati Membri għandhom janalizzaw il-valuri [...] tal-issiġillar tal-ħamrija **u tal-qerda tal-ħamrija** elenkati fil-**Parti D tal-Anness I [...]** **bil-ħsieb li** jivvalutaw l-impatt tagħhom fuq it-telf tas-servizzi tal-ekosistema u fuq l-oġettivi u l-miri stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/841.
- 3a. **L-Istati Membri jistgħu jidentifikaw titjib għal kull deskrittur tal-ħamrija elenkat fil-partijiet A, B u C tal-Anness I.**

4. Abbażi tal-valutazzjonijiet tas-saħħa tal-ħamrija mwettqa f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti **kif imsemmija fl-Artikolu 5** għandhom jidentifikaw, fejn rilevanti b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, f'kull distrett tal-ħamrija, iż-żoni **fejn ma jiġux issodisfati kriterji individwali għal kundizzjoni f'saħħha tal-ħamrija u fejn ikunu meħtieġa miżuri biex tittejjeb is-saħħa tal-ħamrija** [...] u biex il-pubbliku jiġi infurmat, **fuq livell aggregat**, f'konformità mal-Artikolu 19.

Barra minn hekk, sabiex jikkontribwixxu għat-titjib tas-saħħa tal-ħamrija, l-awtoritajiet kompetenti kif imsemmija fl-Artikolu 5 għandhom jidentifikaw, fejn rilevanti f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, f'kull distrett tal-ħamrija, iż-żoni ta' ħamrija ssiġillata u meqruda b'potenzjal għoli li jtejbu s-saħħa tal-ħamrija permezz tat-tneħħija tal-issiġillar u r-rinaturazzjoni. Il-potenzjal taż-żoni ta' ħamrija ssiġillata u meqruda għandu jiġi vvalutat abbażi tal-fattibbiltà teknika, il-kosteffiċjenza u l-livell li jista' jinkiseb ta' titjib fis-saħħa tal-ħamrija.

[...]

6. **Minbarra l-obbligi skont l-Artikolu 19**, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-data u l-valutazzjonijiet tas-saħħa tal-ħamrija msemmija fl-Artikoli minn 6 sa 9 lis-sidien u l-maniġers tal-artijiet rilevanti fuq talba tagħhom, b'mod partikolari biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-parir imsemmi fl-Artikolu 10(2[...]).

Kapitolu III

Ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija

Artikolu 10

Ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija

1. Minn (*UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = [...] 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva*), l-Istati Membri għandhom jieħdu mill-inqas il-miżuri li ġejjin, filwaqt li jqisu t-tip, l-użu u l-kundizzjoni tal-ħamrija, **u l-kundizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi**:
 - (a) jiddefinixxu l-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija [...] **filwaqt li jitqiesu** l-prinċipji **gwiċi** ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija elenkati fl-Anness III li għandhom jiġu implimentati gradwalment fuq il-ħamrija kollha ġestita u, abbażi tal-eżitu tal-valutazzjonijiet tal-ħamrija mwettqa f'konformità mal-Artikolu 9, il-prattiki ta' riġenerazzjoni li għandhom jiġu implimentati gradwalment [...] fl-Istati Membri;
 - (b) jiddefinixxu l-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija u Prattiki oħrajn li jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa tal-ħamrija li għandhom jiġu evitati mill-manigiers tal-ħamrija.

Meta jiddefinixxu l-prattiki [...] msemmija f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom iqisu l-programmi, il-pjanijiet, il-miri u l-miżuri elenkati fl-Anness IV, kif ukoll l-aħħar għarfien xjentifiku eżistenti, inklużi r-risultati li joħorġu mill-missjoni ta' Orizzont Ewropa "Patt dwar il-ħamrija għall-Ewropa".

L-Istati Membri għandhom jidentifikaw is-sinerġiji mal-programmi, il-pjanijiet u l-miżuri stabbiliti fl-Anness IV. Id-data dwar il-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija, ir-risultati tal-valutazzjonijiet tas-saħħa tal-ħamrija, l-analiżi msemmija fl-Artikolu 9 u l-[...] **prattiki** ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija għandhom jinformat l-iżvilupp tal-programmi, il-pjanijiet u l-miżuri stabbiliti fl-Anness IV.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċess ta' elaborazzjoni tal-prattiki msemmija fl-ewwel subparagrafu jkun miftuħ, inklużiv u effettiv u li l-membri tal-pubbliku kkonċernati, b'mod partikolari s-sidien tal-artijiet u l-maniġers, ikunu involuti u jingħataw opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipaw fl-elaborazzjoni tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess faċli għal parir imparzjali u indipendenti dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, l-attivitajiet ta' taħriġ u l-bini tal-kapaċità maniġerjali tal-ħamrija, għas-sidien tal-artijiet u għall-awtoritajiet rilevanti.

L-Istati Membri għandhom jieħdu wkoll il-miżuri li ġejjin:

- (a) jippromwovu s-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji multipli fuq perjodu ta' żmien medju u twil tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u l-ħtieġa li l-ħamrija tiġi ġestita b'mod sostenibbli;
- (b) jippromwovu r-riċerka u l-implimentazzjoni ta' kunċetti olistiċi ta' ġestjoni tal-ħamrija;
- (c) jagħmlu disponibbli mmappjar aġġornat regolament tal-istrumenti u l-attivitajiet ta' finanzjament disponibbli biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija.

3. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw regolament l-effettività tal-miżuri meħuda f'konformità ma' dan l-Artikolu u, fejn rilevanti, jirrieżaminaw u jirrevedu dawk il-miżuri, filwaqt li jqisu l-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet tas-saħħa tal-ħamrija msemmija fl-Artikoli minn 6 sa 9.

[...]

Prinċipji ta' mitigazzjoni tat-teħid tal-art

Mingħajr ma jaffettwaw l-awtonomija tal-Istati Membri fir-rigward tal-ippjanar spazjali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prinċipji li ġejjin [...] jittqiesu fil-każ ta' [...] issiġillar tal-ħamrija u qerda tal-ħamrija ġodda bħala parti mit-teħid tal-art, fil-livell spazjali adatt fit-territorju tagħhom:

- (a) jiġi evitat jew imnaqqas kemm jista' jkun [...] it-telf tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi diversi servizzi tal-ekosistema, inkluża l-produzzjoni tal-ikel, billi:
 - (i) titnaqqas, kemm jista' jkun, iż-żona tal-ħamrija affettwata [...] mill-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija [...], b'mod partikolari billi jithegġegħ l-użu mill-ġdid u l-għoti ta' skop ġdid lil ħamrija ssiġillata, bħal bini eżistenti, u
 - (ii) jintgħażlu żoni fejn it-telf tas-servizzi tal-ekosistema jkun [...] **minimu, b'mod partikolari fuq ħamrija degradata b'mod gravi, bħal għelieqi abbandunati, u**
 - (iii) [...] **l-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija** isiru b'mod li jimminimizza l-impatt negattiv fuq il-ħamrija, **b'mod partikolari billi tiġi protetta l-ħamrija tal-madwar jew billi l-issiġillar tal-ħamrija jinżamm kemm jista' jkun riversibbli;**
- (b) [...] **ikollhom l-għan li jiġi kkumpensat [...] sa punt raġonevoli t-telf tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi diversi servizzi tal-ekosistema, inkluż bir-ritorn ta' servizzi minn rinaturazzjoni, billi tithegġegħ it-tneħħija tal-issiġillar ta' ħamrija ssiġillata u r-rikostruzzjoni ta' ħamrija meqruda.**

Kapitolu IV

Ġestjoni ta' siti kkontaminati

Artikolu 12

Approċċ ibbażat fuq ir-riskju u gradwali

1. L-Istati Membri għandhom **jiżguraw li** [...] r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati **jiġu identifikati, ġestiti, u jinżammu** [...] flivelli aċċettabbli, filwaqt li jqisu l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-miżuri tat-tnaqqis tar-riskji meħuda skont [...] l-Artikolu 15(4). **Ir-riskji jistgħu jiġu evalwati b'kont meħud tal-użu tal-art matul kull pass imsemmi fil-paragrafu 2.**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ġerarkija ta' responsabbiltà biex jiddeterminaw il-parti jew il-partijiet responsabbli għall-implimentazzjoni speċifika għas-sit tal-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2.

2. Sa ... (UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu approċċ ibbażat fuq ir-riskju **u gradwali** għal dawn li ġejjin:
 - (a) l-identifikazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati f'konformità mal-Artikolu 13;
 - (b) l-investigazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati f'konformità mal-Artikolu 14;
 - (c) **il-valutazzjoni tar-riskju speċifika għas-sit u l-ġestjoni ta' siti kkontaminati** f'konformità mal-Artikolu 15.
3. Ir-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 2 huwa mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti aktar stretti li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni.
4. Il-membri tal-pubbliku kkonċernati għandhom jingħataw opportunitajiet bikrija u effettivi:

- (a) biex [...] **jikkummentaw dwar** l-istabbiliment u l-applikazzjoni konkreta tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju **u gradwali** kif definit f'dan l-Artikolu;
- (b) biex jipprovdu informazzjoni rilevanti għall-identifikazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati f'konformità mal-Artikolu 13 **u** l-investigazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati f'konformità mal-Artikolu 14[...];
- (c) biex [...] **jipprovdu informazzjoni bil-ħsieb tal-korrezzjoni** tal-informazzjoni li tinsab fir-reġistru [...] **ta'** siti kkontaminati u siti potenzjalment ikkontaminati f'konformità mal-Artikolu 16.

Artikolu 13

Identifikazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati

1. L-Istati Membri għandhom [...] jidentifikaw b'mod sistematiku [...] **is-**siti potenzjalment ikkontaminati.
2. **Għall-fini tal-identifikazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista ta' attivitajiet potenzjalment kontaminanti. Dawk l-attivitajiet jistgħu jiġu kklassifikati jew prijoritizzati aktar skont ir-rilevanza tagħhom li jikkawżaw kontaminazzjoni tal-ħamrija abbażi ta' evidenza xjentifika.** Meta jidentifikaw is-siti potenzjalment ikkontaminati, l-Istati Membri għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin **fejn rilevanti**:
 - (a) l-operat ta' attività [...] ta' kontaminazzjoni potenzjalment attiva jew inattiva;
 - (b) l-operat ta' attività msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2010/75/UE;

(c) l-operat ta' stabbiliment imsemmi fid-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹;

(d) l-operat ta' attività msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶²;

(e) l-okkorrenza ta' aċċident, kalamità, diżastru, inċident jew tixrid potenzjalment kontaminanti;

[...]

(f) [...] informazzjoni **rilevanti** li tirriżulta mill-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija mwettaq f'konformità mal-Artikoli 6, 7 u 8.

[...]

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li [...] **s-siti potenzjalment ikkontaminati eżistenti qabel jew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jiġu identifikati u rreġistrati kif xieraq fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 16** [...] sa *(UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = [...] 10 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva[...].*

⁶¹ Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1).

⁶² Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56)

Artikolu 14

Investigazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li [...] **s-siti potenzjalment ikkontaminati identifikati [...] skont l-Artikolu 13 ikunu soġġetti għal investigazzjoni tal-ħamrija, f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju u gradwali msemmi fl-Artikolu 12.**
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar [...] **il-perjodu ta' żmien**, il-kontenut, il-forma u l-prijoritizzazzjoni tal-investigazzjonijiet tal-ħamrija. [...]

L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ir-rapporti ta' referenza u l-miżuri ta' monitoraġġ implimentati f'konformità mad-Direttiva 2010/75/UE **kif ukoll investigazzjonijiet oħra** bħala investigazzjoni tal-ħamrija, **meta jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva [...].**
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu wkoll eventi speċifiċi li jwasslu għal investigazzjoni [...] **fil-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2.**

Artikolu 15

Valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit u ġestjoni ta' siti kkontaminati

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-metodoloġija speċifika għall-[...] **valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit ta' siti kkontaminati.** Tali metodoloġija **tista'** tkun ibbażata fuq il-fażijiet u l-**prinċipji** [...] **indikattivi** għall-valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit elenkati fl-Anness VI.

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu x'jikkostitwixxi riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent li jirriżulta minn siti kkontaminati billi jqisu l-għarfien xjentifiku eżistenti, il-prinċipju ta' prekawzjoni, l-ispeċifitàjiet lokali, u l-użu attwali u [...] **ppjanat** tal-art.
3. Għal kull sit ikkontaminat [...] **stabbilit** skont l-Artikolu 14 jew bi kwalunkwe mezz ieħor, [...] **l-Istati Membri** għandhom **jiżguraw li** [...] **titwettaq** valutazzjoni speċifika għas-sit għall-użu attwali u ppjanat tal-art biex jiddeterminaw jekk is-sit ikkontaminat jippreżentax riskji inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. **Jekk l-informazzjoni miġbura skont l-Artikolu 14 tkun biżżejjed biex jiġi konkluż li l-kontaminazzjoni tal-ħamrija ma toħloq l-ebda riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent jew biex jiġi konkluż li huwa meħtieġ rimedju tal-ħamrija, ma hemmx għalfejn titwettaq valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit.**
4. Abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, [...] **l-Istati Membri** [...] għandhom **jiżguraw li** [...] **jittieħdu u jiġu implimentati** l-miżuri xierqa biex iġibu r-riskji għal livell aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ("miżuri tat-tnaqqis tar-riskji") **f'perjodu ta' żmien adatt.**
5. Il-miżuri tat-tnaqqis tar-riskji jistgħu jikkonsistu mill-miżuri msemmija fl-Anness V. Meta tittieħed deċiżjoni dwar il-miżuri xierqa ta' tnaqqis tar-riskji, [...] **għandhom jitqiesu** l-kostijiet, il-benefiċċji, l-effettività, id-durabbiltà, **is-sostenibbiltà, it-titjib tas-saħħa tal-ħamrija** u l-fattibbiltà teknika tal-miżuri disponibbli għat-tnaqqis tar-riskju.
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Annessi V u VI biex tadatta l-lista ta' miżuri tat-tnaqqis tar-riskji u **l-prinċipji** għall-valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit għall-progress tekniku u xjentifiku.

Reġistru

1. Sa ... (*UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva*), l-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-paragrafu 2, ifasslu reġistru ta' siti kkontaminati u siti potenzjalment ikkontaminati **kif stabbilit skont dan il-Kapitolu**.
2. Ir-reġistru għandu jkun fih l-informazzjoni stipulata fl-Anness VII, **ħlief l-informazzjoni li d-divulgazzjoni tagħha tista' taffettwa ħażin is-sigurtà pubblika jew id-difiża nazzjonali**.
3. **L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu jew jissorveljaw ir-reġistru u jiżguraw li dan jiġi [...]** rieżaminat [...] u aġġornat regolarment [...].
4. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ir-reġistru u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, **f'konformità mal-Artikolu 19**. Id-divulgazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni tista' tiġi rrifjutata jew ristretta mill-awtorità kompetenti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶³.

Ir-reġistru għandu jkun disponibbli **fil-forma ta'** bażi ta' data spazjali ġeoreferenzjata online.

[...]

⁶³ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

Kapitolu V

Finanzjament, informazzjoni lill-pubbliku u rapportar mill-Istati Membri

Artikolu 17

Finanzjament mill-Unjoni

Minħabba l-prijorità marbuta b'mod inerenti mal-istabbiliment tal-monitoraġġ tal-ħamrija, [...] il-ġestjoni sostenibbli u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija, **u l-ġestjoni ta' siti kkontaminati**, l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tiġi appoġġata mill-programmi finanzjarji [...] tal-Unjoni f'konformità mar-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli tagħhom.

Artikolu 18

Rapportar mill-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw b'mod elettroniku d-data u l-informazzjoni li ġejjin lill-Kummissjoni u lill-EEA kull [...] **6 snin**:
 - (a) id-data u r-riżultati tal-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet tas-saħħa tal-ħamrija mwettqa f'konformità mal-Artikoli minn 6 sa 9;
 - (b) analiżi tax-xejriet tas-saħħa tal-ħamrija għad-deskritturi elenkati fil-**Partijiet A, B u C** tal-Anness I u għall-indikaturi [...] tal-issiġillar tal-ħamrija **u tal-qerda tal-ħamrija** elenkati fil-**Parti D** tal-Anness I f'konformità mal-Artikolu 9;
 - (c) sommarju tal-progress dwar:
 - (i) l-implimentazzjoni ta' prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija f'konformità mal-Artikolu 10;

- (ii) l-[...]identifikazzjoni [...] u l-investigazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati, [...] il-ġestjoni ta' siti kkontaminati, u r-reġistrazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u siti kkontaminati, f'konformità mal-Artikoli 12 sa 16;

[...]

L-ewwel rapporti għandhom jiġu sottomessi sa ... (UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = [...] 6 snin u 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva).

2. [...] L-Istati Membri u l-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-EEA għandhom jiżguraw skambju effettiv tal-informazzjoni u d-data msemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jirrispettaw il-kunfidenzjalità statistika. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-Kummissjoni u l-EEA jkollhom aċċess f'waqt u effettiv għad-data u l-informazzjoni li jinsabu fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 16.
- 2a. B'deroga mill-ewwel u t-tieni paragrafi, jekk id-divulgazzjoni ta' ċerta data u informazzjoni jaffettwa ħażin is-sigurtà pubblika jew id-difiża nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jirrapportawx, ma jiskambjawx u lanqas ma jiżguraw l-aċċess għal tali data u informazzjoni.
3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'aċċess online għal dawn li ġejjin:
- (a) lista aġġornata u [...] **l-firxa** spazjali tad-distretti tal-ħamrija u **tal-unitajiet tal-ħamrija** tagħhom imsemmija fl-Artikolu 4 sa ... (UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = [...] 3 snin u 3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva);
- (b) lista aġġornata tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 sa ... (UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = [...] 3 snin u 3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva);

(c) il-miżuri u l-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 10 sa ... (UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = [...]**5** snin u 3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva).

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format u l-modalitajiet għas-sottomissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21.

Artikolu 19

Informazzjoni lill-pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu **aċċessibbli għall-pubbliku** r-[...] **riżultati** ġġenerati mill-monitoraġġ imwettaq skont l-Artikolu 8[...] **u l-valutazzjonijiet** imwettqa skont l-Artikolu 9 **fil-forma ta' data aggregata, u r-reġistru skont l-Artikolu 16** ta' din id-Direttiva. [...]⁶⁴

⁶⁴ [...]

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li **l-pubbliku jkollu aċċess** [...] għall-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija msemmi fl-Artikolu 6. [...] ⁶⁵⁶⁶

[...] ⁶⁷

4. Id-divulgazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni meħtieġa skont din id-Direttiva tista' tiġi rrifjutata jew ristretta meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE.

- 4a. Meta l-Kummissjoni jew l-Istati Membri jużaw data kunfidenzjali biex jipproduċu l-istatistika Ewropea, huma għandhom jipproteġu tali data f'konformità mar-regoli u l-miżuri tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-Kummissjoni jew l-EEA għandha teħtieġ l-awtorizzazzjoni espliċita tal-awtorità li ġabret id-data qabel id-divulgazzjoni ta' data kunfidenzjali.**

⁶⁵ [...]

⁶⁶ [...]

⁶⁷ [...]

Kapitolu VI

Proċedura ta' Delega u ta' Kunitat

Artikolu 20

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikoli 8(6)[...] u 15(6) [...] għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikoli 8(6) [...] u 15(6) [...] tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 8(6) u [...] 15(6)[...] għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 21

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Kapitolu VII

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 22

Aċċess għall-ġustizzja

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, **f'konformità mas-sistema legali nazzjonali**, il-membri tal-pubbliku **kkonċernati** [...], ikollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja, jew korp indipendenti u imparzjali **ieħor** stabbilit bil-liġi, biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tal-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija, il-miżuri meħuda skont din id-Direttiva u kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti **meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:**
 - (a) **ikollhom interess suffiċjenti;**
 - (b) **iżommu l-indeboliment ta' dritt, meta l-liġi amministrattiva proċedurali ta' Stat Membru tirrikjedi dan bħala prekundizzjoni.**

[...]
2. **Il-proċedura ta' rieżami ma għandhiex tkun kundizzjonali fuq ir-rwol li kellu l-membru tal-pubbliku kkonċernat matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva.**
3. Il-proċedura ta' rieżami [...] għandha tkun ġusta, ekwa, f'waqtha u [...] mhux għalja b'mod projbittiv, u għandha tipprovdi **mekkaniżmi ta' rimedju** adegwati u effettivi [...], inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni [...] **kif xieraq.**

[...]

[...]

Artikolu 23a

Appoġġ mill-Kummissjoni

- 1. Il-Kummissjoni għandha ttipprovdi lill-Istati Membri l-appoġġ, l-assistenza u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom skont din id-Direttiva. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha toħroġ, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, dokumenti u għodod xjentifiċi li jistgħu jintużaw mill-Istati Membri biex jgħinuhom:**
 - (a) jistabbilixxu qafas ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 6 u jiddeterminaw il-punti ta' kampjunar tagħhom skont l-Artikolu 8(1) u (1a) u l-Parti A.1 tal-Anness II;**
 - (b) jistabbilixxu valuri fil-mira sostenibbli u valuri skattaturi operazzjonali għad-deskrizzjoni tal-ħamrija skont l-Artikolu 7(2) u l-Partijiet A, B u C, kif rilevanti, tal-Anness I;**
 - (c) jiddeterminaw il-lista tagħhom ta' kontaminanti organiċi li għandhom jiġu mmonitorjati skont l-Artikolu 7(3) u l-Parti B tal-Anness I bil-possibbiltà li jqisu l-lista ta' sorveljanza indikattiva tal-kontaminanti tal-ħamrija li għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(5a);**
 - (d) jivvalutaw iż-żoni mhux f'riskju ta' salinazzjoni li jistgħu jiġu esklużi mill-kejl tal-konduttività elettrika skont l-Artikolu 8(2) u l-Parti A tal-Anness I;**
 - (e) iwettqu kampjunar in situ ta' deskritturi tal-ħamrija skont l-Artikolu 8(2) u l-Parti A.2 tal-Anness II;**

- (f) jiddeterminaw il-valuri tal-indikaturi tal-issiġillar tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija skont l-Artikolu 8(2b) u l-Parti C tal-Anness II;
- (g) jiddeterminaw jew jagħmlu stima tal-valuri tad-deskritturi tal-ħamrija skont l-Artikolu 8(3) u l-Parti B tal-Anness II;
- (h) jidentifikaw u jivvalutaw it-telf kritiku tas-servizzi tal-ekosistema skont is-subparagrafu 1 tal-Artikolu 9(3) u l-impatt tal-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija fuq it-telf tas-servizzi tal-ekosistema skont l-Artikolu 9(3) is-subparagrafu 2;
- (i) jidentifikaw is-siti potenzjalment ikkontaminati u jistabbilixxu lista ta' attivitajiet potenzjalment kontaminanti skont l-Artikolu 13; u
- (j) jistabbilixxu l-metodoloġija speċifika għall-valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-siti ta' siti kkontaminati, filwaqt li jqisu l-prattiki, il-metodoloġiji u d-data tossikoloġika komuni skont l-Artikolu 15.

Id-dokumenti u l-għodod xjentifiċi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu previsti, fir-rigward ta':

- i. il-punt a) fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva;
- ii. il-punti b), c), e) u j) fi żmien 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva;
- iii. il-punt i) fi żmien sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva;
- iv. il-punti d), f) u g), fi żmien 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva;
- v. il-punt h) fi żmien 4 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Dawk id-dokumenti u l-għodod xjentifiċi jistgħu jieħdu l-forma ta' linji gwida.

2. **Il-Kummissjoni għandha torganizza skambju regolari ta' informazzjoni, esperjenza u l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u, fejn rilevanti, partijiet oħra dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u l-komunikazzjoni lill-pubbliku tar-riżultati gggenerati mill-monitoraġġ u l-valutazzjonijiet tas-saħħa tal-ħamrija. L-ewwel skambju għandu jsir fi żmien tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.**

Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultati tal-iskambju ta' informazzjoni, l-esperjenza u l-aħjar prattiki dwar dawn l-aspetti u dwar suġġetti rilevanti oħra, u fejn ikun rilevanti, tagħti rakkomandazzjonijiet jew linji gwida lill-Istati Membri.

Evalwazzjoni u rieżami

1. Sa (*UP: jekk jogħġbok daħħal id-data = [...] 7 snin u 6 xhur* wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva), il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva biex tivvaluta l-progress lejn l-oġġettivi tagħha u l-ħtieġa li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tagħha sabiex jiġu stabbiliti rekwiżiti aktar speċifiċi biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' **din id-Direttiva** [...]. Din l-evalwazzjoni għandha tqis, inter alia, l-elementi li ġejjin:
 - (a) l-esperjenza miksuba permezz tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;
 - (b) id-data u l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 18;
 - (c) id-data xjentifika u analitika rilevanti, inklużi r-risultati minn proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-Unjoni;
 - (d) analiżi tad-distakk lejn il-kisba ta' ħamrija f'saħħitha sal-2050;
 - (e) analiżi tal-ħtieġa possibbli li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku, b'mod partikolari fir-rigward tal-punti li ġejjin:
 - (i) id-definizzjoni ta' ħamrija f'saħħitha;
 - (ii) l-istabbiliment ta' kriterji għad-deskrizzjoni tal-ħamrija elenkati fil-**Parti C tal-Anness I u l-indikaturi tal-issiġillar tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija elenkati fil-Parti D** tal-Anness I;
 - (iii) iż-żieda ta' deskritturi ġodda tal-ħamrija għal finijiet ta' monitoraġġ.
2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni msemija fil-paragrafu 1 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Komitat tar-Reġjuni.

Artikolu 25

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... [UP jekk jogħġbok daħħal id-data = [...]] 3snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 26

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 27

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNES I

DESKRITTURI TAL-ĦAMRIJA, KRITERJI GĦAL KUNDIZZJONI F'SAĦĦITHA TAL-ĦAMRIJA, U INDIKATURI [...] TAL-ISSIĠILLAR TAL-ĦAMRIJA U TAL-QERDA TAL-ĦAMRIJA

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin

- (1) **"art naturali" tfisser żona ta' art li fiha l-proċess naturali huwa dominanti u l-intervent tal-bniedem huwa minimu jew ineżistenti, fejn il-funzjonijiet ekoloġiċi primarji u l-kompożizzjoni tal-ispeċijiet mhumiex modifikati sostanzjalment [...];**
- (2) **"issiġillar [...] nett" tfisser ir-riżultat tal- [...]issiġillar tal-ħamrija nieqes [...] it-tneħħija tal-issiġillar;**
- (3) **"Żona ta' insedjament" kif definita fil-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006;**
- (3a) **"Ħamrija organika" u "ħamrija minerali" kif definiti fil-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006.**

Aspett tad-degradazzjoni tal-ħamrija	Deskrittur tal-ħamrija ⁶⁸	Kriterji għal kundizzjoni f'saħħitha tal-ħamrija – valuri fil-mira sostenibbli mhux vinkolanti ⁶⁹	Żoni tal-art li għandhom jiġu esklużi mill-ilħuq tal-kriterju relatat
Parti A: deskritturi tal-ħamrija bi kriterji għal kundizzjoni f'saħħitha tal-ħamrija stabbiliti fil-livell tal-Unjoni			
Salinazzjoni ⁷⁰	Konduttività Elettrika (deci-Siemens għal kull metru)	< 4 dS m ⁻¹ meta jintuża metodu ta' kejl tal-estratt saturat tal-pejst tal-ħamrija (eEC), jew kriterju ekwivalenti jekk jintuża metodu ieħor ta' kejl	Żoni ta' art mielħa b'mod naturali, żoni b'għargħar regolari minn sommersjoni bil-baħar u żoni soġġetti għal raxx tal-baħar [...]
[...]	[...]	[...]	[...]
Telf tal-karbonju organiku fil-ħamrija	Konċentrazzjoni tal-Karbonju Organiku fil-Ħamrija (SOC) (g għal kull kg)	- Għal ħamrija organika: għandhom jiġu rrispettati l-miri stabbiliti għal tali ħamrija fil-livell nazzjonali f'konformità mal-Artikoli 4.1, 4.2, 9.4 tar-Regolament (UE) .../... ⁺	Ebda esklużjoni

⁶⁸ Il-kriterji minimi għall-metodoloġija għall-kampjunar in situ tad-deskritturi tal-ħamrija huma pprovduti fil-Parti A.2 tal-Anness II u spjegati aktar fid-dettall fl-applikazzjoni tal-Artikolu 23a

⁶⁹ Il-metodoloġija dwar l-istabbiliment ta' valuri fil-mira sostenibbli u valuri ta' skattar operazzjonali għad-deskritturi tal-ħamrija tal-Parti A, B u, fejn possibbli, il-Parti C tal-Anness I huma spjegati aktar fid-dettall fl-applikazzjoni tal-Artikolu 23a.

⁷⁰ Il-kejl tal-konduttività elettrika jista' jiġi eskluż f'żoni li mhumix f'riskju ta' salinazzjoni. Il-metodoloġija għall-valutazzjoni ta' żoni li mhumix f'riskju ta' salinazzjoni hija dettaljata aktar fl-applikazzjoni tal-Artikolu 23a.

⁺ UP: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar ir-restawr tan-natura li jinsab fid-dokument COM(2022) 304

		- Għall-ħamrija minerali: Proporzjon SOC/Clay > 1/13 (jiġifieri l-kontenut SOC għall-kontenut tal-frazzjoni tat-tafal (frazzjoni b'dijametru ta' inqas minn 0.002 mm)); L-Istati Membri [...] huma mistennija japplikaw fatturi korrettivi għall-proporzjon fejn tipi speċifiċi ta' ħamrija jew kundizzjonijiet klimatiċi jiġġustifikawh, b'kont meħud tar-rabta mal-istabbiltà strutturali. [...]	Ħamrija mhux ġestita f'żoni tal-art naturali
Kompattazzjoni tas-sottoswol			Ħamrija mhux ġestita f'żoni ta' art naturali u żoni b'ħamrija kompatta b'mod naturali

[...]	Densità tal-massa fis-sottoswol [...] (g għal kull cm³)	Konsistenza tal-ħamrija ⁷¹	medda
		ramel, trab ramli ġulġlieni, trab ġulġlieni ramli, trab ġulġlieni	<1.80
		Trab ġulġlieni ramli u tafli, trab ġulġlieni, trab ġulġlieni tafli, ramal, trab ġulġlieni xaħxi	<1.75
		trab ġulġlieni xaħxi, trab ġulġlieni xaħxi u tafli	<1.65
		Trab tafli ramli, trab tafli xaħxi, trab ġulġlieni tafli b'35-45 % tafal	<1.58
		Tafal	<1.47
		L-Istati Membri jistgħu japplikaw klassijiet ta' konsistenza differenti jew valuri li jikkorrispondu għal-livelli meqjusa bħala problema għall-iżvilupp ta' sistema ta' għeruq tal-pjanti.	
[...]			

⁷¹ Kif definit [...] fi **IUSS Working Group WRB. 2022. World Reference Base for Soil Resources. International soil classification system for naming soils and creating legends for soil maps. 4th edition. International Union of Soil Sciences (IUSS), Vienna, Austria**

	Fakultattiv: Konduttività idrawlika saturata — Ksat (cm/jum) Kapaċità tal-arja (%)	$\geq 10 \text{ cm/jum}^{72}$ L-Istati Membri jistgħu jadattaw dan il-valur skont il-kundizzjonijiet tal-ħamrija lokali tagħhom. $\geq 5\%^{74}$ L-Istati Membri jistgħu jadattaw dan il-valur skont il-kundizzjonijiet tal-ħamrija lokali tagħhom.	
--	---	--	--

⁷² Lebert, M., Böken, H., Glante, F. 2007. Soil compaction—indicators for the assessment of harmful changes to the soil in the context of the German Federal Soil Protection Act (Kompattazzjoni tal-hamrija — indikaturi għall-valutazzjoni ta' bidliet ta' hsara fil-hamrija fil-kuntest tal-Att Federali Ġermaniż dwar il-Protezzjoni tal-Hamrija). *Journal of Environmental Management* 82(3): 388-397.

Parti B: deskritturi tal-ħamrija bi kriterji għal kundizzjoni f'saħħitha tal-ħamrija stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri			
Kontenut eċċessiv ta' nutrijenti fil-ħamrija	Fosforu li jista' jiġi estratt (mg għal kull kg)	< "valur massimu"; [...] L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-"valur massimu" tagħhom stess, sa livell li ma jinvolvix ħsara lill-ambjent u lis-saħħa tal-bniedem.	[...] Ħamrija mhux ġestita f'żoni tal-art naturali
Erożjoni tal-ħamrija	Rata ta' erożjoni tal-ħamrija (tunnellati għal kull ettaru fis-sena)	< "valur massimu"; L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-"valur massimu" tagħhom stess, sa livell li ma jinvolvix ħsara lill-ambjent u lis-saħħa tal-bniedem.	Artijiet b'erożjoni sinifikanti u żoni ta' art naturali, ħlief jekk jirrappreżentaw riskju sinifikanti ta' diżastri

Kontaminazzjoni tal-ħamrija	- konċentrazzjoni ta' metalli tqal fil-ħamrija: As, Sb, Cd, Co, Cr (total), [...], Cu, Hg, Pb, Ni, Tl, V, Zn (mg għal kull kg) - konċentrazzjoni ta' għażla ta' kontaminanti organiċi stabbiliti mill-Istati Membri u filwaqt li jitqiesu l-limiti ta' konċentrazzjoni eżistenti eż. għall-kwalità tal-ilma u għall-emissjonijiet fl-arja fil-leġislazzjoni tal-Unjoni	Assigurazzjoni raġonevoli, miksuba mill-kampjunar, mill-identifikazzjoni u mill-investigazzjoni tal-punti tal-ħamrija ta' siti kkontaminati u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, li ma jeżisti l-ebda riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mill-kontaminazzjoni tal-ħamrija. Fil-valutazzjoni tar-riskju għandhom jitqiesu l-livelli naturali u antropoġeniċi tal-isfond. Jekk l-isfond naturali huwa l-unika raġuni li twassal għal riskji inaċċettabbli, tali ħamrija għandha titqies bħala konformi mal-kriterji ta' ħamrija f'saħħitha dment li tiġi ġestita b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem. Il-ħabitats b'konċentrazzjoni naturali għolja ta' metalli tqal li huma inklużi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE⁷³ għandhom jibqgħu protetti.	Ebda esklużjoni
------------------------------------	---	--	------------------------

⁷³ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

Tnaqqis taż- żamma tal-ilma u [...] l- infiltrazzjoni tal-ħamrija [...]	Żamma tal-ilma: - Il-kapaċità taż-żamma tal-ilma tal-ħamrija tal-kampjun tal-ħamrija (% ta' ilma/ħamrij a totali (volum jew massa) [...]) Infiltrazzjoni tal-ilma: - Konduttività idrawlika saturata — Ksat (cm/jum) - Kapaċità tal-arja (%)	Il-valur stmat għall-kapaċità totali taż-żamma tal-ilma, il-konduttività idrawlika saturata u l-kapaċità tal-arja ta' unità [...] tal-ħamrija huwa ogħla mil-limitu minimu u jista' jiġi vvalutat ukoll minn baċir idrografiku jew sottobaċir, b'kont meħud tal-proċessi tal-ilma li jseħħu f'dik l-iskala. [...]. Il-livell limitu minimu għandu jiġi stabbilit (f'tunnellati) mill-Istat Membru fuq l-iskala rilevanti [...] għal tali valur li jiġu mmitigati l-impatti tal-għargħar wara avvenimenti intensi ta' xita jew ta' perjodi ta' ndewwa baxxa fil-ħamrija minħabba avvenimenti ta' nixfa.	Ebda esklużjoni
Telf tal-karbonju organiku fil-ħamrija	Ħażniet tal-karbonju organiku fil-ħamrija (tC ħa⁻¹) Fakultattiv: Kontenut tal-karbonju organiku fil-ħamrija (g għal kull kg)	Isir kontribut għall-miri nazzjonali għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra fis-settur tal-LULUCF kif imsemmi fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 841/2018 > "valur minimu"; Il-"valur minimu" għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru skont il-konsistenza tal-ħamrija	Ebda esklużjoni

Parti C: deskritturi tal-ħamrija mingħajr kriterji	
Aspett tad-degradazzjoni tal-ħamrija	Deskrittur tal-ħamrija
Kontenut eċċessiv ta' nutrijenti fil-ħamrija	Total tan-nitroġenu fil-ħamrija (mg g ⁻¹) Il-proporzjon tal-karbonju organiku għan-nitroġenu fil-ħamrija
Aċidifikazzjoni	Aċidità tal-ħamrija (pH) L-Istati Membri jistgħu jagħżlu wkoll id-deskrittur fakultattiv: - saturazzjoni tal-bażi (jiġifieri (Ca + Mg + K)/CEC effettiva)
Kompattazzjoni tal-ħamrija tal-wiċċ	Densità tal-massa fil-ħamrija tal-wiċċ (orizzont A ⁷⁴) (g cm ⁻³) Fakultattiv Konduttività idrawlika saturata (cm/jum) Kapaċità tal-arja (%)
Telf tal-bijodiversità tal-ħamrija	[...] L-Istati Membri [...] għandhom [...] jagħżlu mill-inqas deskrittur tal-ħamrija wieħed [...] għall-bijodiversità, bħal, iżda mhux limitat għal: - metabarcoding ta' batterji, fungi, protisti u animali; - Analiżi tal-aċidu grass fosfolipidu (PFLA) - abbondanza u diversità ta' nematodi; [...] - abbondanza u diversità ta' ħniex (fl-art tal-għelejjel); - abbundanza u diversità ta' kollemboli; - abbundanza u diversità ta' nemel indiġeni; - diversità batterika bbażata fuq id-DNA; - kwalità bijoloġika tal-ħamrija bbażata fuq l-artropodi (QBS-ar) - preżenza ta' speċijiet aljeni invażivi u pesti tal-pjanti

⁷⁴ Kif definit fil-Linji Gwida tal-FAO għad-Deskrizzjoni tal-Ħamrija, il-Kapitolu 5 (<https://www.fao.org/3/a0541e/a0541e.pdf>)

Fakultattiv: Telf ta' attività bijoloġika tal-ħamrija	L-Istati Membri jistgħu jagħżlu deskritturi tal-ħamrija għal attività bijoloġika bħal iżda mhux limitati għal: - respirazzjoni tal-bażi tal-ħamrija ((mm³ O₂ g⁻¹ hr⁻¹) f'ħamrija xotta - bijomassa mikrobika; - Respirazzjoni tal-ħamrija; - Attività ta' enżimi.
---	--

Parti D: [...] indikaturi tal-issiġillar tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija	
Aspett tad-degradazzjoni tal-ħamrija	Indikaturi tal-issiġillar tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija
[...] Issiġillar tal-ħamrija u qerda tal-ħamrija	Total [...] tal-ħamrija ssiġillata u tal-ħamrija meqruda (km² u % tas-superfiċe tal-Istat Membru) L-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija, it-tneħħija tal-issiġillar, l-issiġillar nett (medja kull sena- f'km² u % tas-superfiċe tal-Istat Membru) [...] Żona ta' insedjament totali (km² u % tas-superfiċe tal-Istati Membri) Tibdil fl-użu tal-art għal żona ta' insedjament jew minnha (medja fis-sena— f'km² u % tas-superfiċe tal-Istati Membri) [...] L-Istati Membri jistgħu jkejlu wkoll indikaturi fakultattivi relatati oħra bħal: - artifiċjalizzazzjoni tal-ħamrija - frammentazzjoni tal-art - rata tar-riċiklaġġ tal-art - art meħuda għal attivitajiet kummerċjali, ċentri loġistiċi, enerġiji rinnovabbli, uċuħ bħal ajruporti, toroq, minjieri - konsegwenzi [...] tal-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija bħall-kwantifikazzjoni tat-telf tas-servizzi tal-ekosistema, bidla fl-intensità tal-ġhargħar

ANNEX II

METODOLOĠIJI

Parti A: Metodoloġija għad-determinazzjoni tal-punti ta' kampjunar u għall-istħarriġ kampjunarju

Attività	Kriterji minimi għall-metodoloġija
1. Determinazzjoni tal-punti ta' kampjunar tal-ħamrija (stħarriġ kampjunarju) għall-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija	L-istħarriġ kampjunarju għandu jiffassal minn qafas tal-kampjun komplut li jkun fih l-aħjar informazzjoni disponibbli dwar id-distribuzzjoni tal-proprietajiet tal-ħamrija, inkluż iżda mhux limitat għal informazzjoni li tirriżulta minn kejl [...] rilevanti [...] skont l-Artikolu 8 paragrafi 2 u 2a[...]. L-iskema ta' kampjunar għandha tkun kampjunar aleatorju stratifikat ottimizzat fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli dwar il-varjabbiltà tad-deskritturi tas-saħħa tal-ħamrija u l-istratifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-unitajiet tal-ħamrija stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 4(2). Il-punti ta' kampjunar relatati mal-kejl imsemmi fl-Artikolu 8 paragrafu 2a jistgħu jitqiesu parzjalment jew kompletament fl-iskema ta' kampjunar, irrispettivament mid-disinn assoċjat tagħhom. L-għadd u l-post tal-[...] punti ta' kampjunar għandhom [...] jirrappreżentaw il-varjabbiltà tad-deskritturi tal-ħamrija magħżula fl-unitajiet tal-ħamrija b'perċentwali massimu ta' errur (jew Koeffiċjent tal-Varjazzjoni) ta' 5 % [...]. [...] L-allokazzjoni u d-daqs tal-kampjun għandhom jiġu ddeterminati billi jiġu applikati proċeduri xierqa (eż. l-algoritmu ta' Bethel - Bethel, 1989⁷⁵) li jistgħu jieħdu kont tal-errur ta' stima massimu meħtieġ. L-istħarriġ kampjunarju mfassal mill-Istati Membri għal kull ċiklu ta' monitoraġġ jista' jinbidel jew jibqa' l-istess. Id-determinazzjoni tal-punti ta' kampjunar tal-ħamrija hija dettaljata aktar fl-applikazzjoni tal-Artikolu 23a.
2. Stħarriġ kampjunarju fuq il-post	Għandhom jittieħdu kampjuni minn postijiet eżatti tal-kampjunar sakemm ċirkostanzi debitament ġustifikati ma jipprevjenux il-kampjunar tal-postijiet,

⁷⁵ Bethel, J. 1989. "Sample Allocation in Multivariate Surveys (Allokazzjoni tal-Kampjun fi Stħarriġiet Multivarjati)." Survey Methodology 15: 47–57.

	bħal ħamrija saturata bl-ilma jew livell għoli ta' kontenut ta' blat. Meta jittieħdu kampjuni komposti tal-ħamrija, dawn għandhom ikunu taħlita ta' mill-inqas 5 subkampjuni. Meta jittieħdu kampjuni tal-ħamrija f'żoni mhux forestali, ir-residwi u l-fdalijiet organiċi għandhom jitneħħew mill-wiċċ. Meta jittieħdu kampjuni tal-ħamrija f'żoni forestali, l-art forestali, jekk rilevanti suddiviża f'saff tal-mifrex u organiku, għandha tiġi kkampjunata separatament u l-ħxuna u l-piż tagħha għandhom jiġu rreġistrati. Meta jittieħdu kampjuni jew sottokampjuni għall-kampjun aggregat, dawn għandhom jittieħdu sa fond ta' mill-inqas 30 cm ta' ħamrija. Għandha tiġi rreġistrata informazzjoni bħat-tip ta' ħamrija u jekk possibbli l-orizzonti ġenetiċi tal-ħamrija. Is-subkampjuni għandhom jitħalltu flimkien sabiex jinkiseb kampjun aggregat omoġenju. Il-kampjunar jista' jsir permezz ta' fond fiss jew skont l-orizzont, iżda d-data għandha tiġi rrapportata skont il-fond fiss. Il-kampjuni ta' densità tal-massa għandhom ikunu kampjuni mhux disturbati meħuda f'fond rilevanti, inkluż taħt it-30 cm għas-sottoswol. Kampjuni relatati mal-kompattazzjoni tal-ħamrija (konduktività idrawlika saturata u kapaċità tal-arja) jistgħu jkunu l-istess kampjuni mhux disturbati bħal daww meħuda għad-densità tal-massa. <u>Fejn kontenut għoli ta' frammenti ħoxnin fil-ħamrija jipprevjeni t-teħid ta' kampjuni, il-kampjunar jista' jiġi eskluż f'dak il-post għall-kejl tad-densità tal-massa.</u> L-istħarriġ kampjunarju fuq il-post huwa dettaljat aktar fl-applikazzjoni tal-Artikolu 23a, inkluż dwar kif għandhom jiġu ttrattati sitwazzjonijiet speċifiċi bħal ħamrija baxxa u fond ta' kampjunar differenti.
--	--

Parti B: Metodoloġija għad-determinazzjoni jew l-istima tal-valuri tad-deskritturi tal-ħamrija

Meta tiġi stabbilita metodoloġija ta' referenza, tintuża l-metodoloġija ta' referenza **jew metodoloġija ekwivalenti** jew metodoloġija oħra, dment li din tkun disponibbli fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku u jkun hemm disponibbli funzjoni ta' trasferiment ivvalidata.

Jekk tkun disponibbli metodoloġija tas-CEN, din tkun ippreferuta fuq il-metodoloġija ta' referenza. F'dan il-każ il-metodoloġija ta' referenza inizjali titqies bħala metodoloġija ekwivalenti.

Deskrittur tal- ħamrija	Metodoloġija ta' referenza	Kriterji minimi metodoloġiċi	Funzjoni ta' trasferiment ivvalidata meħtieġa (jekk tintuża metodoloġija differenti mill-metodoloġija ta' referenza)?
Konsistenza tal- ħamrija (kontenut ta' tafal, ta' xaħx u ta' ramel – meħtieġa għad-determinazzjoni ta' deskritturi oħrajn u ta' meded relatati)	[...] ISO 11277 [...] Determinazzjoni tad-distribuzzjoni tad-daqs tal-partikoli fil-materjal minerali tal-ħamrija – Metodu permezz ta' tgħarbil u sedimentazzjoni [...]		IVA
Konduttività Elettrika	Għażla 1: ISO 11265 Determinazzjoni tal-Konduttività Elettrika Speċifika; Għażla [...] 2: metodu ta' kejl tal-estratt saturat tal-pejst tal-ħamrija (eEC) (SOP tal-FAO: GLOSOLAN-SOP-08 ⁷⁶) [...]		IVA
Rata ta' erożjoni tal-ħamrija		L-istima tar-rata ta' erożjoni tal-ħamrija għandha tqis l-azzjonijiet kollha meħuda biex jiġi mmitigat jew ikkumpensat ir-riskju ta' erożjoni, inklużi miżuri ta' mitigazzjoni ta' wara n-nar. L-istima tar-rata ta' erożjoni tal-ħamrija għandha tinkludi l-proċessi rilevanti kollha ta' erożjoni bħall-erożjoni mill-ilma, mir-riħ, mill-ħsad u mill-ħdim tar-raba'.	Mhux applikabbli[...]

⁷⁶ <https://www.fao.org/3/cb3355en/cb3355en.pdf>

		L-erożjoni tal-ħamrija mill-ilma għandha tiġi vvalutata billi jitqiesu l-fatturi li ġejjin: - il-karatteristiċi tal-ħamrija (eż. l-erodibbiltà, l-iffurmar ta' qoxra tal-ħamrija, il-ħruxija tal-ħamrija, in-natura ġeblija), - il-klima (eż. erożività mix-xita – intensità u durata[...]), - it-topografija (eż. kemm hi wiefqa u twila l-inklinazzjoni), - il-kopertura tal-veġetazzjoni, it-tip ta' għelejjel, l-użu tal-art u l-prattiki ta' ġestjoni biex tiġi kkontrollata jew titnaqqas l-erożjoni, - il-prattiki ta' ġestjoni (eż. għelejjel ta' kopertura, ħdim tar-raba' mnaqqas, mulching, eċċ.), - iż-żoni maħruqa. L-erożjoni tal-ħamrija permezz tar-riħ għandha tiġi vvalutata billi jitqiesu l-fatturi li ġejjin: - il-karatteristiċi tal-ħamrija (eż. l-erodibbiltà), - il-klima (eż. l-indewwa tal-ħamrija, il-veloċità tar-riħ, l-evaporazzjoni), - il-veġetazzjoni (eż. it-tip ta' għalla), - il-prattiki ta' ġestjoni għall-kontroll jew għat-tnaqqis tal-erożjoni (eż. l-ilqugħ kontra r-riħ).	
--	--	--	--

		L-erożjoni tal-ħamrija minn prattiki ta' ġestjoni bħall-ħdim tar-raba' jew l-esportazzjoni tal-bijomassa għandha tiġi vvalutata b'mod kwantitattiv abbażi ta' metodoloġija disponibbli fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku.	
Karbonju Organiku fil-Ħamrija (SOC)	ISO 10694 [...] Determinazzjoni tal-karbonju organiku u totali wara l-kombustjoni xotta, filwaqt li jiġi żgurat li l-karbonju kollu jiġi inċinerat. Il-karbonju fil-karbonati għandu jiġi ddeterminat bl-użu tal-ISO 10693 u l-karbonju organiku għandu jiġi espress bħala differenza.		IVA
Stokkijiet ta' Karbonju Organiku fil-Ħamrija (stokkijiet SOC)	Il-metodoloġija kif stipulata fl-Anness V tar-Regolament 2018/1999 f'konformità mal-Linji Gwida tal-IPCC għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-2006		IVA
Densità tal-massa fis-sottoswol [...]	ISO 11272 [...] għad-determinazzjoni tad-densità tal-massa xotta F'każ li jintgħażel parametru ekwivalenti, il-metodoloġija għandha tkun standard Ewropew jew Internazzjonali meta jkun disponibbli; jekk tali standard ma jkunx disponibbli, il-metodoloġija magħżula għandha tkun disponibbli fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku.	Il-metodoloġija tista' tiġi rfinata skont il-proporzjon ta' frammenti ħoxnin	IVA
Fosforu li jista' jiġi	Preferut: ISO 11263 [...] għad-determinazzjoni		IVA

estratt	spettrometrika tal-fosforu li jinħall f'soluzzjoni ta' karbonat tal-idroġenu tas-sodju (P-Olsen)		
	Jistgħu jintużaw metodi oħra bħala alternattiva.		
- Konċentrazzjoni ta' metalli tqal fil-ħamrija: As, Sb, Cd, Co, Cr (total), [...] Cu, Hg, Pb, Ni, Tl, V, Zn - Konċentrazzjoni ta' għażla ta' kontaminanti organiċi definiti mill-Istati Membri u filwaqt li titqies il-leġislazzjoni eżistenti tal- Unjoni [...] (eż. dwar il-kwalità tal-ilma jew il-pestiċidi)	[...] ISO 54321: Aqua Regia Fakultattiv: frazzjonijiet bijodisponibbli ta' kontaminanti, bħall-ISO 17586 bl-użu ta' aċidu nitriku dilwit.	Għandhom jintużaw standards Ewropej jew Internazzjonali meta jkunu disponibbli; jekk tali standard ma jkunx disponibbli, il-metodoloġija magħżula għandha tkun disponibbli fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku	IVA Mhux applikabbli jekk l-istandards Ewropej jew Internazzjonali ma jkunux disponibbli [...]
Il-kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija, il-kapaċità tal-arja u l-konduttività idrawlika saturata	Metodoloġija biex jiġi ddeterminat il-valur għal punt wieħed tal-kampjun: 1) Il-kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija u l-kapaċità tal-arja: Għażla 1: LABORATORJU: ISO 11274 [...] għad-determinazzjoni tal-karatteristika taż-żamma tal-ilma. Għażla 2: STIMA: applika [...] distribuzzjoni tad-daqs tal-partiċelli, densità tal-massa, [...] konċentrazzjoni ta' karbonju organiku fil-ħamrija. 2) Konduttività	Kriterji minimi għall-istima tal-kapaċità totali taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija, il-kapaċità tal-arja u l-konduttività idrawlika saturata ta' unità tal-ħamrija [...] jew fuq skala ta' baċir idrografiku jew ta' sottobaċir: - għaż-żona tal- ħamrija mhux issiġillata jew meqruda , [...] stima tal-valur totali tal-kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija, il-kapaċità tal-arja u l-konduttività idrawlika saturata - għaż-żona [...] ta' ħamrija ssiġillata u meqruda , għandu jiġi kkunsidrat li l-	IVA (għall-valur tal-punt)

	idrawlika saturata: Għażla 1: LABORATORJU: ISO 17313: Determinazzjoni tal-konduttività idrawlika ta' materjali porużi saturati Għażla 2: STIMA: għandhom jiġu applikati funzjonijiet ta' pedotrasferiment li jehdiegu data ta' input speċifika għall-ħamrija bħad-distribuzzjoni tad-daqs tal-partikoli, id-densità tal-massa, il-konċentrazzjoni ta' karbonju organiku fil-ħamrija.	kapaċità taż-żamma tal-ilma, il-kapaċità tal-arja u l-konduttività idrawlika saturata ta' żoni impermeabbli tiġi stabbilita għal zero, billi jingħataw valuri proporzjonalment intermedji lil żoni semiimpermeabbli u żoni artifiċjali oħra.	
Nitroġenu fil-ħamrija	Għażla 1 ISO 11261 [...] għad-determinazzjoni tan-nitroġenu totali fil-ħamrija bl-użu ta' metodu modifikat ta' Kjeldahl Għażla 2 ISO 13878: Determinazzjoni tan-nitroġenu totali b'kombustjoni xotta		IVA
Aċidità tal-ħamrija	ISO 10390 [...] għad-determinazzjoni tal-pH f'estratt ta' H₂O, KCl u CaCl₂ [...]		IVA
Saturazzjoni tal-bażi u konċentrazzjonijiet skambjabbli ta' sodju, potassju, kalċju u manjeżju	ISO 11260: Determinazzjoni tal-kapaċità effettiva ta' skambju ta' katjoni u l-livell bażi ta' saturazzjoni bl-użu ta' BaCl₂		IVA

Densità tal-massa fil-"ħamrija tal-wiċċ" (orizzont A ⁷⁷)	ISO 11272 [...] għad-determinazzjoni tad-densità tal-massa xotta	Il-metodoloġija tista' tiġi rfinata skont il-proporzjon ta' frammenti ħoxnin	IVA
[...] Deskritturi marbuta mal-bijodiversità tal-ħamrija u l-attività bijoloġika [...]	[...]	Meta jkunu disponibbli għandhom jintużaw standards Ewropej jew internazzjonali; jekk tali standard ma jkunx disponibbli, il-metodoloġija magħżula għandha tkun disponibbli fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku.	[...] Għal deskritturi oħrajn tal-bijodiversità tal-ħamrija: Mhux applikabbli[...]

⁷⁷ Kif definit fil-Linji Gwida tal-FAO għad-Deskrizzjoni tal-Ħamrija, il-Kapitolu 5 (<https://www.fao.org/3/a0541e/a0541e.pdf>)

Parti C: kriterji metodoloġiċi minimi għad-determinazzjoni tal-valuri tal-indikaturi [...] tal-issiġillat tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija

[...]

- Għall-indikaturi tal-issiġillat tal-ħamrija u tal-qerda tal-ħamrija, il-metodoloġiji użati għandhom jikkonformaw mad-definizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 3 u fl-Anness I. Tali metodoloġiji għandhom jużaw mill-inqas il-prodotti ta' Copernicus jew, preferibbilment, l-aħjar data disponibbli inkluż immāgnijiet ta' telerilevament, li għandhom jiġu ssupplimentati b'inventarji nazzjonali rilevanti.

- Għall-indikatur taż-żona ta' insedjament, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-data miġbura skont ir-Regolament (UE) 2018/841, dment li tali data tiġi rrapportata fil-livell distrettwali.

[...]

- Il-metodoloġiji magħżula għandhom ikunu disponibbli fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku.

ANNEX III

PRINĊIPJI GWIDA TA' ĠESTJONI SOSTENIBBLI TAL-ĦAMRIJA

Għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

- (a) għandu jiġi evitat li l-ħamrija titħalla mikxufa billi tiġi stabbilita u tinżamm kopertura veġetattiva tal-ħamrija, speċjalment matul perjodi ambjentalment sensittivi;
- (b) għandu jiġi mminimizzat id-disturb fiżiku tal-ħamrija;
- (c) għandhom jiġu evitati l-inputs jew ir-rilaxx ta' sustanzi fil-ħamrija li jistgħu jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem jew lill-ambjent, jew jiddegradaw is-saħħa tal-ħamrija;
- (d) għandu jiġi żgurat li l-użu tal-makkinarju jiġi adattat għas-saħħa tal-ħamrija, u li l-għadd u l-frekwenza ta' operazzjonijiet fuq il-ħamrija jkunu limitati sabiex ma jikkompromettux is-saħħa tal-ħamrija;
- (e) meta tiġi applikata l-fertilizzazzjoni, għandu jiġi żgurat l-adattament għall-ħtiġijiet tal-pjanta u tas-siġar fil-post partikolari u fil-perjodu partikolari, u għall-kundizzjoni tal-ħamrija u tingħata prijorità lil soluzzjonijiet ċirkolari li jarrikkixxu l-kontenut organiku;
- (f) fil-każ tat-tisqija, għandha tiġi mmassimizzata l-effiċjenza tas-sistemi tat-tisqija u tal-ġestjoni tat-tisqija u jiġi żgurat li meta jintuża ilma mormi riċiklat, il-kwalità tal-ilma tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁸ u meta jintuża l-ilma minn sorsi oħrajn, ma jiddegradax is-saħħa tal-ħamrija;
- (g) għandha tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħamrija permezz tal-ħolqien u taż-żamma ta' karatteristiċi adegwati tal-pajsaġġ fil-livell tal-pajsaġġ;⁷⁹
- (h) għandhom jintużaw speċijiet adattati għas-sit fil-kultivazzjoni ta' għelejjel, pjanti jew siġar fejn dan jista' jipprevjeni d-degradazzjoni tal-ħamrija jew jikkontribwixxi għat-titjib tas-saħħa tal-ħamrija, filwaqt li jitqies ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima;
- (i) għandhom jiġu żgurati livelli ottimizzati tal-ilma fil-ħamrija organika [...] **biex jiġi evitat impatt negattiv fuq** l-istruttura u l-kompożizzjoni ta' tali ħamrija [...];⁸⁰
- (j) fil-każ tal-kultivazzjoni tal-għelejjel, għandhom jiġu żgurati n-newba tal-għelejjel u d-diversità tal-għelejjel, filwaqt li jitqiesu familji differenti tal-għelejjel, is-sistemi tal-għeruq, il-ħtiġijiet tal-ilma u tan-nutrijenti, u l-ġestjoni integrata tal-pesti;

⁷⁸ Ir-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32).

⁷⁹ Dan il-prinċipju ma japplikax għall-ħamrija tal-foresti

⁸⁰ Dan il-prinċipju ma japplikax għall-ħamrija urbana

- (k) l-adattament tal-ħin tal-moviment tal-bhejjem u tar-ragħa, filwaqt li jitqiesu t-tipi ta' annimali u d-densità tal-istokkjar, sabiex is-saħħa tal-ħamrija ma tiġix kompromessa u l-kapaċità tal-ħamrija li ttiprovdi l-foraġġ ma tonqosx;
- (l) f'każ ta' telf [...] magħruf ta' funzjoni waħda jew ta' diversi funzjonijiet li jnaqqsu sostanzjalment il-kapaċità tal-ħamrija biex ttiprovdi servizzi tal-ekosistema, għandhom jiġu applikati miżuri mmirati biex [...] **jirrestawraw** dawk il-funzjonijiet tal-ħamrija.

ANNEX IV

PROGRAMMI, PJANIJET, MIRI U MIŻURI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 10

- (1) Il-pjanijiet nazzjonali ta' restawr imħejjija f'konformità mar-Regolament .../...⁸¹⁺.
- (2) Il-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115.
- (3) Il-Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba u l-programmi ta' azzjoni għal żoni vulnerabbli magħżula adottati f'konformità mad-Direttiva 91/676/KEE.
- (4) Il-miżuri ta' konservazzjoni u qafas ta' azzjoni prijoritizzat stabbiliti għas-siti ta' Natura 2000 f'konformità mad-Direttiva 92/43/KEE.
- (5) Il-miżuri biex jinkiseb status ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-korpi tal-ilma tal-wieċ u status kimiku u kwantitattiv tajjeb ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara mħejjija f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE.
- (6) Il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar imħejjija f'konformità mad-Direttiva 2007/60/KE.
- (7) Il-pjanijiet ta' ġestjoni tan-nixfa msemmija fl-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima.
- (8) Il-programmi ta' azzjoni nazzjonali stabbiliti f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni.
- (9) Il-miri stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/841.
- (10) Il-miri stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/842.
- (11) Il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejjija skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 u d-data ta' monitoraġġ dwar l-impatti tat-tniġġis tal-arja fuq l-ekosistemi rrapportati skont dik id-Direttiva.
- (12) Il-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999.
- (13) Il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.

⁸¹ + UP: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar ir-restawr tan-natura li jinsab fid-dokument COM(2022) 304

- (14) Il-pjanijiet ta' azzjonijiet nazzjonali adottati f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament .../...⁸²+
- (15) Il-pjanijiet ta' azzjonijiet nazzjonali adottati f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2009/128/KE.
- (16) Il-miżuri ta' mitigazzjoni u tat-tnaqqis tar-riskji ddikjarati fil-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali mwettqa skont id-Direttiva 2011/92/UE għall-pjanijiet u l-proġetti li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-ħamrija.

⁸² + UP: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 li jinsab fid-dokument COM(2022) 305

ANNESS V

LISTA INDIKATTIVA TA' MIŻURI TAT-TNAQQIS TAR-RISKJI

(1) Tekniki ta' rimedju għal rimedju in jew ex situ:

a) Tekniki ta' rimedju fiżiku:

- a. Estrazzjoni tal-fwar, tixrix tal-arja;
- b. Trattament bis-sħana, injezzjoni tal-fwar, desorbiment termali, vitrifikazzjoni;
- c. Ħasil u tlaħliħ tal-ħamrija;
- d. [...]
- e. Tneħħija tas-saff likwidu;
- f. [...]

b) Tekniki ta' rimedju bijoloġiku:

- a. Stimulazzjoni tad-degradazzjoni aerobika jew anaerobika: bijorimedju, bijostimulazzjoni, bijoawmentazzjoni, bijoventjar, bijotixrix;
- b. Fitoestrazzjoni, fitoolatilizzazzjoni, fitodegradazzjoni;
- c. Kompostjar, tejjieba tal-ħamrija, biedja tal-art, u sistemi ta' bijoreatturi;
- d. Bijofiltrazzjoni, bijotrattament tal-artijiet mistagħdra, u bijosodod;
- e. Attenwazzjoni naturali **mmonitorjata**.

c) Tekniki ta' rimedju kimiku:

- a. Ossidazzjoni kimika;
- b. Tnaqqis kimiku u reazzjonijiet ta' ossidoriduzzjoni (redox);
- c. Ippompjar u trattament tal-ilma ta' taħt l-art.

- d) Tekniki ta' rimedju **biex jitnaqqas it-trasferiment ta' kontaminanti** [...] (**permezz tal-iżolament, il-konteniment u l-monitoraġġ**):
 - a. Tqegħid ta' limitu fuq il-wiċċ, barrieri reattivi, inkapsulament;
 - b. Stabbilizzazzjoni kimika, solidifikazzjoni u immobilizzazzjoni;
 - c. Iżolament ġeoidroloġiku u konteniment;
 - d. Fitostabbilizzazzjoni;
 - e. Kontroll u kura ta' wara mill-bjar ta' monitoraġġ.

(2) Miżuri għat-tnaqqis tar-riskji għajr ir-rimedju **biex jitnaqqas l-esponiment**:

- a) Restrizzjoni fuq il-kultivazzjoni u l-konsum tal-għelejjel u l-ħxejjex;
- b) Restrizzjoni fuq il-konsum tal-bajd;
- c) Restrizzjoni fuq l-aċċess tal-annimali tal-kumpanija jew tat-trobbija;
- d) Restrizzjoni fuq l-estrazzjoni jew fuq l-użu tal-ilma ta' taħt l-art għal finijiet ta' xorb, igijene personali jew industrijali;
- e) Restrizzjoni fuq id-demolizzjoni, it-tneħħija tal-issiġillar, jew il-kostruzzjoni fuq is-sit (**eż. miżuri kostruttivi għall-ventilazzjoni, it-tanking, eċċ.**);
- f) Restrizzjoni fuq l-aċċess għall-viċinat tas-sit jew fih (eż. permezz ta' ċnut);
- g) Restrizzjoni fuq l-użu tal-art jew bidliet fl-użu tal-art;
- h) Restrizzjoni fuq it-ṥaffir, l-iddriljar jew l-iskavar;
- i) Restrizzjoni biex jiġi evitat kuntatt mal-ħamrija, mat-trab jew mal-arja ta' ġewwa u jiġu applikati prekawzjonijiet biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem (eż. respiraturi, ingwanti, tindif fl-imxarrab, eċċ.).

(3) L-aħjar tekniki disponibbli msemmija fid-Direttiva 2010/75/UE.

(4) Miżuri meħuda mill-awtoritajiet kompetenti u mill-operaturi industrijali wara aċċident kbir, f'konformità mad-Direttiva 2012/18/UE.

ANNESS VI

FAŻIJIET U [...] PRINĊIPJI GĦALL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJU SPEĊIFIKA GĦAS-SIT

1. Il-karatterizzazzjoni tal-kontaminazzjoni tirrikjedi l-identifikazzjoni tan-**natura tal-**kontaminanti (**eż. metalli tqal, kontaminanti organiċi, eċċ.**) preżenti fis-sit u d-determinazzjoni tas-sors, tal-konċentrazzjoni, tal-forma kimika tagħhom, u tad-distribuzzjoni fil-**ħamrija, fil-materjal prinċipali** u fl-ilma ta' taħt l-art. Il-preżenza u l-konċentrazzjoni ta' kontaminanti **fil-mezzi differenti** jiġu ddeterminati permezz ta' [...] kampjunar u investigazzjoni **fuq il-post u mhux fuq il-post, jekk ikun hemm suspett ta' trasferiment ta' kontaminanti. Il-kontaminanti assoċjati mal-attivitàjiet potenzjalment kontaminanti jiġu kkampjunati fil-mezzi rilevanti abbażi tal-kuntest ambjentali u l-proprjetajiet fiżikokimiċi tal-kontaminanti li jinfluwenzaw l-imġiba tagħhom fl-ambjent. Għandhom jiġu kkunsidrati konċentrazzjonijiet naturali u antropoġeniċi fl-isfond.**
2. Il-valutazzjoni tal-esponiment **teħtieġ li tiġi identifikata** l-mogħdija li biha l-kontaminanti tal-**ħamrija** jistgħu jilhqqu r-riċetturi. Il-mogħdijiet ta' esponiment jistgħu jinkludu t-teħid bin-nifs, l-iġestjoni, il-kuntatt mal-ġilda, it-teħid tal-pjanti, il-migrazzjoni għall-ilma ta' taħt l-art jew oħrajn. Il-**konċentrazzjonijiet [...] tal-kontaminanti fil-mezzi ta' esponiment huma** kkombinati ma' parametri ta' esponiment (**eż. il-frekwenza u d-durata tal-esponiment, ir-rata ta' iġestjoni tal-ħamrija, eċċ.**) u karatteristiċi tar-riċetturi bħall-età, is-sess, u l-istatus tas-saħħa biex tiġi stmata [...] **d-doża ta' esponiment ta' kuljum.** Ir-rabtiet bejn is-sors, il-mogħdija u r-riċevitur huma miġbura fil-qosor frappreżentazzjoni grafika, skematika u simplifikata: il-mudell tas-sit kunċettwali. **L-esponiment jista' jiġi vvalutat permezz ta' analiżi diretta fil-punt tal-esponiment jew billi jiġi mmudellat it-trasferiment ta' kontaminant għall-mezz tal-esponiment.**

3. Il-valutazzjoni tat-tossiċità jew tal-periklu tinvolvi l-evalwazzjoni tal-effetti **negattivi** potenzjali fuq is-saħħa **tal-bniedem** u fuq l-ambjent tal-kontaminanti, abbażi tad-doża u tad-durata tal-esponiment. Il-valutazzjoni tat-tossikoloġija jew tal-periklu tqis it-tossiċità inerenti tal-kontaminanti u s-suxxettibbiltà ta' **riċetturi esposti differenti (bnedmin u ekosistemi [...])**. L-informazzjoni tossikoloġika tintuża biex jiġu stmati d-dożi jew il-konċentrazzjonijiet ta' referenza, li jintużaw għall-karatterizzazzjoni tar-riskju.
4. Il-karatterizzazzjoni tar-riskju tirrikjedi l-integrazzjoni tal-informazzjoni mill-passi preċedenti biex jiġu stmati l-kobor u l-probabbiltà tal-effetti negattivi tas-sit kontaminat għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, inkluż mill-migrazzjoni tal-kontaminazzjoni għal mezzi ambjentali oħra. Il-karatterizzazzjoni tar-riskju tgħin biex **tiġi vvalutata u prijoritizzata l-ħtieġa ta' miżuri tat-tnaqqis tar-riskju u ta' rimedju, u biex jiġi żgurat li l-kundizzjoni tal-ħamrija tkun kompatibbli mal-użu attwali u ppjanat tal-art**. Din tista' tgħin ukoll biex jiġu definiti objettivi ta' rimedju jew ta' ġestjoni għal sit, eż. biex jintlaħqu limiti massimi aċċettabbli jew valuri ta' skrinjar ibbażati fuq ir-riskju speċifiċi għas-sit. **Il-valutazzjoni tar-riskji tinvolvi għadd kbir ta' ipoteżijiet u inċertezzi. Għalhekk huwa essenzjali li dawn l-inċertezzi jiġu evalwati biex jinftiehem bis-sħiħ is-sinifikat tar-riżultati miksuba u biex jittieħdu deċiżjonijiet infurmati tajjeb.**

Il-valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent għandha tkun proporzjonata għall-kumplexità tas-sit ikkontaminat.

ANNESS VII

KONTENUT TAR-REĠISTRU TA' SITI POTENZJALMENT IKKONTAMINATI U TA' SITI Kkontaminati

It-tfassil u l-preżentazzjoni tad-data fir-reġistru għandhom jippermettu li l-pubbliku jsegwi l-progress fil-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati. Ir-reġistru għandu jkun fih u jippreżenta l-informazzjoni li ġejja fil-livell tas-sit għas-siti potenzjalment ikkontaminati magħrufa, għas-siti kkontaminati, għas-siti kkontaminati li jirrikjedu azzjoni ulterjuri, u għas-siti kkontaminati fejn tkun ittiedet azzjoni jew tkun qiegħda tittieħed azzjoni:

- (a) il-koordinati, l-indirizz jew ir-roqgħa/l-irqajja' katastali tas-sit f'konformità mad-Direttivi (UE) 2019/1024 u 2007/2/KE;
- (b) is-sena tal-inklużjoni fir-reġistru;
- (c) l-attivitajiet [...] kontaminanti jew potenzjalment kontaminanti li jkunu seħħew jew li jkunu qegħdin iseħħu fis-sit;
- (d) l-istatus ta' ġestjoni tas-sit;
- (e) konklużjoni dwar il-preżenza jew in-nuqqas, [...] it-tip u r-riskju tal-kontaminazzjoni (jew il-kontaminazzjoni residwa wara r-rimedju) fejn l-informazzjoni dwar daww l-elementi tkun diġà disponibbli mill-investigazzjonijiet tal-ħamrija u mill-valutazzjoni tar-riskju msemmija fl-Artikoli 14 u 15;
- (f) L-azzjonijiet li jmiss u l-passi ta' ġestjoni **meh̄tieġa** [...] msemmija fl-Artikoli 14 u 15[...].

Ir-reġistru jista' jkun fih ukoll l-informazzjoni li ġejja fil-livell tas-sit għas-siti potenzjalment ikkontaminati magħrufa, għas-siti kkontaminati, għas-siti kkontaminati li jirrikjedu azzjoni ulterjuri, u għas-siti kkontaminati fejn tkun ittiedet azzjoni jew tkun qiegħda tittieħed azzjoni, meta disponibbli:

- (a) informazzjoni dwar il-permessi ambjentali maħruġa għas-sit, inkluża s-sena tal-bidu u t-tmiem tal-attività;

- (b) l-użu attwali u ppjanat tal-art;
- (c) ir-riżultati tal-investigazzjoni tal-ħamrija u r-rapporti ta' rimedju bħall-konċentrazzjonijiet u l-profilu tal-kontaminazzjoni, il-mudell tas-sit kunċettwali, il-metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju, it-tekniki użati jew ippjanati, l-istimi tal-effettività u tal-kost tal-miżuri għat-tnaqqis tar-riskji;
- (d) skeda ta' żmien tal-azzjonijiet li jmiss u l-passi ta' ġestjoni.**
